Ministeru tal-Finanzi

# Diskors tal-Budget

# 2005

L-Onor. Dr. Lawrence Gonzi
Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi
Malta
24 ta' Novembru, 2004

# Inġeddu Pajjiżna Flimkien

budget 2005

ekonomija edukazzjoni ambjent

# WERREJ

## Diskors tal-*Budget* għall-2005


| | Paġna |
|---|---|
| **Daħla** | **1** |
| **Ħarsa lejn l-Ekonomija** | **5** |
| i. Tkabbir Ekonomiku | 6 |
| - *Dħul* | 7 |
| - *Impjiegi* | 7 |
| - *L-Inflazzjoni* | 8 |
| - *Kummerċ Barrani u il-Bilanċ tal-Pagamenti* | 8 |
| *i.* Żviluppi Settorali | 9 |
| - *Il-Manifattura* | 9 |
| - *It-Turiżmu* | 9 |
| ii. Tbassir Ekonomiku | 9 |
| iii. L-Addozzjoni tal-*Euro* | 10 |
| **L-EWWEL PRIJORITA' – Il-Finanzi Pubbliċi u l-Ekonomija** | **11** |
| 1. Inkomplu nsaħħu l-Qagħda Finanzjarja ta' Pajjiżna | 11 |
| - Il-Kunċett tal-Gvern Estiż | 12 |
| 2. Innaqqsu n-Nefqa tal-Gvern | 13 |
| ▪ Ristrutturar ta' Entitajiet Pubbliċi | 13 |
| ▪ Nikkontrollaw l-Impjiegi Ġodda fis-Settur Pubbliku u Nnaqsu l-Ispejjeż Amministrattivi sal-Massimu Possibli | 15 |
| ▪ L-Attakk kontra l-Abbużi | 16 |
| - Il-Pitrolju | 18 |
| - Bejgħ ta' *Diesel* bla Dazju fuq is-Sisa | 19 |
| 3. Ir-Riformi Strutturali | 19 |
| ▪ Ir-Riforma tal-Pensjonijiet | 20 |
| ▪ Ir-Riforma fis-Settur tas-Saħħa | 21 |

4. Inkomplu Ninvestu fis-Setturi Produttivi ta' Pajjiżna 22
- Inżidu l-Kompetittività' ta' Pajjiżna 22
  - Il-Privatiżżazzjoni 22
  - Ir-Riforma fil-Portijiet 23
  - Ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku 24
  - Il-Patt Soċjali 26
  - Il-Programm Nazzjonali għar-Riċerka u l-iŻvilupp Teknoloġiku 27
  - L-Industrija, l-Intrapriżi u n-Negozji ż-Żgħar 28
  - Inċentivi lill-Industrija 29
  - L-Industrija tas-Servizzi 33
  - It-Turiżmu u l-Kultura 33
  - Il-Qasam tas-Servizzi Finanzjarji 35
  - L-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni 36
  - Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Impjiegi 37

**IT-TIENI PRIJORITA' - L-Edukazzjoni** **40**
- L-Isport 43

**IT-TIELET PRIJORITA' - L-Ambjent** **44**
- L-Immaniġġjar ta' l-Ambjent 44
  - Ħlas ta' darba waħda fuq ix-Xiri ta' *Solar Heating Energy Savers* u l-Akkwist ta' Karozza taħdem bl-Elettriku 46
  - Riċiklaġġ taż-Żejt tal-Ikel u *Bio-diesel* 47
- Il-Prinċipju ta' Min Iħammeġ Iħallas 47
- Agrikultura u Sajd 49
- Titjib u Tisbieħ tat-Toroq 49
- Għawdex 52

**Miżuri Fiskali** 53

- Il-prezz taż-Żejt u l-Impatt fuq l-Ispiża Pubblika 53
- Il-Prezz tal-Gass 57
- Tabakk u Sigaretti 57
- Dazju tas-Sisa fuq *Mobile Telephony* 58
- Żieda fil-*Passenger Departure Tax* fuq Vjaġġi Mibdija f'Malta 58
- Ħlas ta' Taxxa fuq Dokumenti 59
- Propjetà Akkwistata b'Wirt 60
- Trasferiment jew Bdil ta' Propjetà Mmobbli u Ishma bejn Kumpaniji ta' l-Istess Grupp 61
- Nindirizzaw il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali 61
- Żieda fiċ-*Childrens'Allowance* 62
- Għajnuna lill-Ġenituri b'Ulied bi Bżonnijiet Speċjali 63
- Rifużjoni fuq Spejjeż għall-Prodotti Mixtrija minn Persuni b'Diżabilità 64
- Għajnuna lill-Koppja b'Diżabilita' li trid tiżżewweġ 64

**Għeluq** **65**

**DAĦLA**

*Mr Speaker,*

Fl-1 ta' Mejju li għadda, il-poplu tagħna beda mixja lejn orizzonti ġodda li nfetħu mas-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea. Aħna diġa ngħixu f'pajjiż mill-isbaħ. Għandna qafas soċjali avvanzat b'sistema ta' saħħa eċċellenti; għandna ħaddiema kapaċi u ħawtiela u intraprendituri kbar u żgħar li huma kapaċi jikkompetu anke barra minn xtutna; bnejna sistema edukattiva tajba w aċċessibbli għal kulħadd u għandna storja u wirt kulturali li huwa uniku.

Tassew għandna għaliex inkunu kburin b'dak li ksibna matul is-snin. Imma nkunu qegħdin indaħħlu rasna fir-ramel jekk naħsbu li l-kisbiet li għamilna fis-snin li għaddew huma waħedhom biżżejjed biex jagħtuna garanzija għall- ġejjieni.

Illum pajjiżna qiegħed jiffaċċja kompetizzjoni qawwija fuq il-fronti kollha. Naturalment, dan qed jiffaċċjawh ukoll pajjiżi oħra li għal żmien twil kienu ġganti ekonomiċi. Dawn kollha, mingħajr eċċezzjoni, qegħdin jieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn biex iżommu l-kompetittività tagħhom u bħalissa għaddejjin b'riformi fl-oqsma kollha tas-soċjetà tagħhom.

Malta ma tistax tkun eċċezzjoni – anke għaliex illum kbirna bħala nazzjon. Immoderniżżajna u ftaħna l-ekonomija tagħna biex hi timraħ fis-swieq internazzjonali. Isseħibna f'Unjoni ta' pajjiżi li għarrfu li l-għaqda ġġib is-saħħa u li flimkien għandhom forza ekonomika enormi. Fid-deċiżjoni tas-sħubija tagħna, ingranajna f'sistema fejn bdejna nirċievu għajnuna biex ir-riformi li hemm bżonn isiru fl-interess tagħna lkoll.

Irrid nemfasiżża l-kliem 'fl-interess tagħna lkoll'. Jekk nibqgħu ċassi quddiem l-isfidi u l-opportunitajiet li qed niffaċċjaw, allura nibdew nitilfu lkoll kemm aħna. Jeħtieġ nappreżżaw li hemm numru ta' bidliet li hemm bżonn nagħmluhom għax hu fl-interess tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri tagħna li nagħmluhom. Aħna l-politiċi ġejna fdati mill-poplu tagħna biex nagħtu d-direzzjoni lill-pajjiżna u mhux biex nitkaxkru mill-buffuri tar-riħ jew mill-mewġ li jaħbat kontrina.

Il-*budget* li qegħdin inressqu għal kunsiderazzjoni ta' dan il-Parlament huwa mfassal propju b'dan il-ħsieb.

Il-Gvern immexxi minni jara lil pajjiżna mġedded f'medda ta' ħames snin. Dak li hu tajjeb illum, irridu nagħmluh aħjar sa l-2010. Dak li għandu bżonn jinbidel irridu nbiddluh ukoll sa l-2010. Ir-riżultat sejjer ikun pajjiż li jkollu:

- ekonomija b'saħħitha li tiġġenera aktar impjiegi w impjiegi aħjar;
- qagħda finanzjarja li tippermetti aktar żvilupp;
- qafas soċjali sostenibbli li jiggarantixxi l-ġejjieni b'sistema tas-saħħa ta' l-ogħla livell u sistema edukattiva ta' kwalità li tagħti l-aħjar lil uliedna; u
- ambjent li jagħtina l-ispazju, l-arja u l-indafa li jixirqilna bħala poplu.

Beħsiebna nkomplu nibnu fuq ix-xogħol qawwi li sar matul dawn l-aħħar snin b'mod speċjali f'din l-aħħar sena, biex inkomplu nindirizzaw l-oqsma kollha li joffrulna sfidi w opportunitajiet differenti. Il-miri ewlenin huma elenkati fit-Tabella Nru 1 li nitlob lill-Kamra biex tieħu bħala moqrija.

Ser niddjalogaw, nisimgħu u nagħtu valur lill-kritika – imma sejrin niddeċiedu. Hekk biss nistgħu inġeddu pajjiżna flimkien. Il-Gvern immexxi minni għandu fiduċja fil-poplu tagħna u ninsab konvint li,

*Tabella Nru 1*

## L-ISFIDI EWLENIN LI L-GVERN IRID JIFFAĊĊJA BLA DEWMIEN, B'DETERMINAZZJONI U B'KURAĠĠ

### *Il-Qasam Ekonomiku*

- Tkabbir u żvilupp tal-ekonomija: dan ifisser fil-prattika xejra ġdida fis-settur tat-turiżmu fejn nivvalorizzaw dawk il-vantaġġi li għandu pajjiżna, u pajjiżna biss, fosthom il-kultura u l-istorja tagħhom;
- Niġbdu lejn pajjiżna nvestiment barrani l-aktar f'dawk l-oqsma li għandhom futur fis-swieq kbar tad-dinja;
- Il-kompetittività: ngħatu l-appoġġ kollu li għandhom bżonn in-negozji ż-żgħar u dawk ta' daqs medju billi, fost kollox, inaqqsu l-burokrazija u nippremjaw lil min ikun kreattiv u nnovativ;
- Nsewwu l-finanzi tal-Gvern billi, fost oħrajn, inkattru l-produttività fis-settur pubbliku, naqtgħu il-ħela u nżidu l-effiċjenza.

### *Il-Qasam Soċjali*

- Nwettqu bla dewmien il-pjan nazzjonali għall-impjiegi;
- Nsaħħu l-familja maltija billi naġġornaw il-liġijiet u l-politika tagħna li tmiss magħha;
- Naslu bi djalogu għad-deċiżjonijiet meħtieġa fil-qasam tal-pensjonijiet u tal-għajnuna soċjali biex dawn jitqegħdu fuq bażi soda u sostenibbli;
- Nħarsu l-ambjent billi nsolvu l-problema tal-iskart, intejbu l-indafa pubblika, fost imkejjen oħra, fix-xtut u nnaqsu t-tinġiż kullimkien.

*It-Tmexxija tal-Gvern*

- Il-gvern jaħdem b'mod ħafna aktar marbut flimkien billi jissaħħaħ l-Uffiċċju tal-Kabinett;
- Il-provvediment ta' servizzi pubbliċi jkun aktar effiċjenti u jkun hemm aktar djalogu kontinwu mal-poplu bis-sehem attiv u dejjem aktar responsabbli li jingħata lil kull membru tal-parlament u tal-kunsilli lokali;
- Nagħmlu suċċess f'kull sens tal-kelma mis-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea. Dan nistgħu nagħmluh mhux biss biex nieħdu l-aktar li nistgħu iżda wkoll billi nagħtu sehmna sew fit-tisħiħ tal-valuri f'dinja dejjem tinbidel aktar bil-għaġġla u sew fil-viżjoni tar-rabta tal-mediterran mal-Ewropa u tal-mixja tal-bniedem lejn soċjetà aktar ġusta.

Din hija triq li naslu fi tmiemha jekk ikollna fiduċja fina nfusna u ambizzjoni għal futur xieraq għal uliedna.

jekk niffaċjaw ir-realtà kif inhi tabilħaqq u nieħdu d-deċiżjonijiet bil-għaqal u b'sensitività, allura, jkollna garanzija ta' ġejjieni aħjar.

Il-miżuri w inizzjattivi li l-gvern immexxi minni qiegħed iħabbar f'dan il-*budget* huma kollha mfassla bil-bniedem fiċ-ċentru tal-ħidma politika tagħna. Irridu li kulħadd igawdi mill-opportunitajiet kollha biex jiżviluppa bħala persuna umana. Ir-realtà tal-lum titlob minnha dawn il-prijoritajiet:-

**L-ewwel**: Finanzi pubbliċi b'saħħithom u ekonomija li tikber b'ritmu aktar mgħaġġel.

**It-tieni**: Edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd.

**It-tielet**: Ambjent sabiħ, nadif u b'saħħtu.

**Ħarsa lejn l-Ekonomija**

Issa li s-suq Malti sar jifforma parti ntegrali mis-suq intern ta' l-Unjoni Ewropea, l-ewwel ħaġa li rridu nagħmlu huwa li neżaminaw l-andament tal-ekonomija tagħna f'din ir-realtà ġdida.

Dan hu l-ewwel *budget* tal-gvern wara d-data storika ta' l-1 ta' Mejju 2004. Kienet data storika mhux biss għax f'dak il-jum ġeddidna l-vokazzjoni Ewropea tagħna bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, iżda wkoll għax minn dak in-nhar, il-gvern ta direzzjonijiet bħal qatt qabel għal prosperità akbar u għal titjib tal-kwalità tal-ħajja tagħna l-Maltin u l-Għawdxin.

F'dan il-proċess, fassalna pjan ta' konverġenza li stabilixxa l-miri fiskali tagħna fuq medda ta' erba snin sa l-2007, bi pjan li nkunu naqqasna d-defiċit tagħna minn 9.6% tal-Prodott Gross Domestiku fl-2003 għal 1.4% tal-Prodott Gross Domestiku tagħna fl'2007.

B'sodisfazzjoni inħabbru li din is-sena ser inkunu għalaqniha bil-miri milħuqa, jiġifieri, bi żbilanċ fil-Fond Konsolidat ta' Lm94 miljun. Ser inkomplu bid-determinazzjoni tagħna biex nilħqu l-miri stabbiliti għas-sena 2005 u allura nnaqsu d-defiċit għal 3.7% tal-Prodott Gross Domestiku.

Hemm ħafna fatturi li jiddeterminaw l-akkwist ta' dawn il-miri, fosthom kif tkun sejra l-ekonomija Ewropea fl-isfond globali. Huwa importanti għalhekk li neżaminaw l-andament tal-ekonomija tagħna fil-kuntest ta' dak li qiegħed iseħħ fl-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea u dik globali. Din l-analiżi hi mehmuża f'Appendiċi A ta' dan id-diskors.

*Tkabbir Ekonomiku*

Matul dawn l-aħħar snin, l-ekonomija tagħna kienet kontinwament milquta mill-ambjent ekonomiku ħafna drabi ħażin u mill-iżviluppi dejjem jikbru fil-kompetittività globali.

Wara li kellna tnaqqis żgħir ta' 0.3% fil-Prodott Gross Domestiku reali, l-ekonomija tagħna rat tkabbir marġinali ta' 0.6% fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena. F'termini nominali, il-Prodott Gross Domestiku kiber bi 2.1% għal Lm1.4 biljun. Matul l-ewwel disa' xhur tas-sena kien hemm żidiet f'termini reali f'kull qasam tal-Prodott Gross Domestiku. L-infiq fil-konsum finali, sew privat u kemm tal-gvern estiż, żdied f'termini reali b'1.2% u b'2.2% rispettivament. Kien hemm żieda wkoll marġinali ta' 0.6% fl-investiment kapitali. L-esportazzjoni f'termini reali ta' oġġetti u servizzi kibret bi 3.6% iżda ż-żieda qawwija ta' 3.2% fl-importazzjoni xejnet kemmxejn l-impatt pożittiv fuq it-tkabbir fil-Prodott Gross Domesiku li kellha ż-żieda fl-esportazzjoni. Tajjeb wieħed jinnota li ż-żieda reġistrata fl-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi ssaħħet bi tnaqqis żgħir fil-medja tal-prezzijiet għall-esportazzjoni.

*Dħul*

Matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, id-dħul ta' dawk f'impjieg żdied b'1.1% għal Lm647 miljun. Il-medja ta' dħul f'termini nominali għal kull persuna li taħdem f'impjieg kienet Lm123.51, jiġifieri, żieda ta' 2% jew ta' Lm2.43 fuq l-istess perjodu s-sena l-oħra. F'termini reali, il-medja ta' dħul fil-ġimgħa għal kull persuna li taħdem f'impjieg niżlet b'0.8%.

Il-flus fl-idejn għal kull familja matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena żdiedu bi ftit aktar minn Lm7 miljuni jew b'0.8%. Minkejja aktar flus fl-idejn, żdied l-infiq fuq il-konsum tant li naqas il-livell tat-tifdil b'Lm21 miljun.

*Impjiegi*

Matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena żdiedu dawk li jaħdmu bi qliegħ biex b'hekk ntemmet ix-xejra li kien hemm matul l-istess perjodu s-sena l-oħra. F'Settembru li għadda, dawk li jaħdmu bi qliegħ żdiedu b'294 għal 137,274 persuna. Sadanittant, il-qagħad kompla jikber, minkejja li b'rata anqas minn dik reġistrata s-sena l-oħra. Tabilħaqq, dawk jirreġistraw taħt l-ewwel parti tar-Reġistru kienu 7,382, jiġifieri żieda ta' 149 persuna. Din tfisser rata ta' qagħad ta' 5.1% li hija kemmxejn ogħla minn dik reġistrata tul l-istess perjodu s-sena l-oħra u, għaldaqstant, dan il-*Budget* qed iniedi numru ta' inizzjattivi biex, b'mod konkret, insaħħu l-kompetittività ta' pajjiżna u b'hekk jinħolqu aktar impjiegi. Bħal ma ġara fis-snin li għaddew, is-settur privat, l-aktar fil-qasam tas-servizzi, kompla jkun is-sors ewlieni għall-impjiegi. Sadanittant, l-impjiegi fis-settur pubbliku naqsu b'riżultat ta' ristrutturar li għaddej l-aktar minħabba l-iskemi ta' rtirar kmieni volontarju f'xi uħud mill-entitajiet pubbliċi.

*L-Inflazzjoni*

Tul it-tnax-il xahar li ntemmu f'Settembru li għadda, ir-rata ta' inflazzjoni kienet ta' 2.57% meta mqabbla ma' 1.1% reġistrata s-sena ta' qabel. B'riżultat ta' dan, iż-żieda għall-għoli tal-ħajja s-sena d-dieħla se tkun ta' Lm1.75 fil-ġimgħa. Bħal fis-snin mgħoddija l-pensjonanti kollha ser jibbenefikaw miż-żieda ta' żewġ terzi ta' dan l-ammont.

*Kummerċ Barrani u il-Bilanċ tal-Pagamenti*

L-ewwel disa' xhur ta' din is-sena kien hemm żieda marġinali ta' 0.3% fl-esportazzjoni u żieda ta' 4.7% fl-importazzjoni. B'riżultat ta' dan, żdied l-iżbilanċ fil-kummerċ li tela' b'Lm43.1 miljun għal Lm319 miljun.

Importazzjoni ogħla dehret f'żieda fl-importazzjoni ta' ħwejjeġ għal konsum u ta' dawk ta' natura kapitali, b'riżultat ta' tneħħija tal-levies li kien fadal kif ukoll ta' aktar investiment kapitali. Kien hemm ukoll żieda fl-importazzjoni taż-żjut li kienet dovuta għall-prezzijiet ogħla fis-suq internazzjonali. Mill-banda l-oħra l-importazzjoni ta' oġġetti ndustrijali naqset matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena.

Il-proċess ta' ristrutturar li għaddej bħalissa fl-ekonomija maltija ġie rifless fl-imġieba fl-esportazzjoni tul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena. B'riżultat ta' dan, l-esportazzjoni żdiedet b'madwar Lm2 miljuni fuq l-istess perjodu s-sena l-oħra.

L-iżbilanċ fil-kont kurrenti tela' b'madwar Lm83.4 miljuni għal madwar Lm144 miljun bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għaż-żieda fil-qliegħ ta' kumpaniji barranin li joperaw f'Malta li kkontribwiet għal ħruġ ta' Lm37 miljun.

## *Żviluppi Settorjali*

### *Il-Manifattura*

L-industrija lokali tal-manifattura kompliet tiffaċċja ambjent ta' sfidi wara aktar liberalizzazzjoni fil-kummerċ u żieda fil-kompetizzjoni. Matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, il-valur tal-manifattura naqas marġinalment b'0.2%. Dan juri tnaqqis fil-bejgħ lokali ta' 4.9% li ġie mtaffi kemmxejn b'żieda ta' 1.2% fl-esportazzjoni. Bħal ma seħħ fi snin oħra l-investiment fil-manifattura kompla jikber u laħaq Lm40 miljun bejn Jannar u Settembru li għadda.

### *It-Turiżmu*

Tul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, in-numru ta' turisti li żaruna tela' b'2.3% għal 919,728. Id-dħul gross mit-turiżmu kien ta' Lm203 miljun, jiġifieri żieda ta' 3.5% fuq l-istess perjodu s-sena l-oħra. Ras għal ras id-dħul żdied b'Lm2.50 għal Lm221.30, filwaqt illi d-dħul għal kull lejl li turist għamel Malta żdied minn Lm20.90 għal Lm22.50 bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena. Sadanittant, in-numru ta' turisti li żaruna fuq *cruise liners* naqas b'31.7% matul l-ewwel disa' xhur.

## *Tbassir Ekonomiku*

Wara li is-sena l-oħra kien reġistrat tnaqqis f'termini reali ta' 0.3%, il-Prodott Gross Domestiku din is-sena mistenni jikber b'0.6%. Din iż-żieda marġinali hi l-aktar dovuta għaż-żieda fl-esportazzjoni ta' ħwejjeġ u servizzi filwaqt illi ż-żieda fl-importazzjoni mistennija tnaqqas l-effett pożittiv fit-tkabbir fil-Prodott Gross Domestiku. F'termini nominali l-Prodott Gross Domestiku mistenni jikber bi 3%. Fl-2005, l-ekonomija ta' Malta mistennija tikber b'1.5% f'termini reali u b'4.7% f'termini nominali.

Ir-rata tal-qagħad mistennija tilħaq 5.8% f'Diċembru ta' din is-sena u ta' 5.7% f'Diċembru 2005. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni tul it-tnax-il xahar ta' din is-sena mistennija tilħaq 2.9% filwaqt li għas-sena d-dieħla din mistennija tiżdied b'2.4%.

*L-Addozzjoni tal-Euro*

Bi sħubija tagħha fl-Unjoni Ewropea, Malta ntrabtet li tidħol fl-Għaqda Ekonomika u Monetarja. Iżda d-deċiżjoni ta' meta tidħol f'din l-Għaqda hi waħda li kull pajjiż jieħu waħdu skond il-kapaċitajiet tiegħu biex jilħaq il-kundizzjonijiet meħtieġa. Dawn il-kundizzjonijiet huma maħsuba biex jiżguraw li l-ekonomija tal-pajjiż tkun f'qagħda li tgawdi mill-benefiċċji magħrufa ta' sħubija f'għaqda monetarja.

Il-proċess għall-addozzjoni tal-euro jiddependi ħafna minn kemm nilħqu l-miri tagħna għat-tisħiħ fil-finanzi pubbliċi kif propost fil-Pjan ta' Konverġenza għas-snin 2004-2007. Kif diġà għidt aktar qabel, hu ta' sodisfazzjon għalija li din is-sena rnexxielna nżommu mal-miri kif ipproġettati fid-Diskors tal-*Budget* is-sena l-oħra. Bit-tisħiħ li se nkomplu nagħmlu s-sena li ġejja, nkomplu nwettqu l-kundizzjonijiet biex indaħħlu l-lira maltija fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju ewropew, magħruf aħjar bħala l-*ERM II*.

Rapport dettaljat ta' kif sejra l-ekonomija tal-pajjiż jinsab fl-*Economic Survey* li tiegħu qed inpoġġi kopja fuq il-Mejda tal-Kamra.

## L-EWWEL PRIORITÀ': IL-FINANZI PUBBLIĊI U L-EKONOMIJA

Il-miri tagħna huma li:

1. Inkomplu nsaħħu l-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna biex niżguraw li pajjiżna jibqa' jiżviluppa fuq sisien sostenibbli u jagħti l-fiduċja meħtieġa lil min irid jinvesti.

2. Innaqsu n-nefqa tal-gvern primarjament billi, fost oħrajn:
   - i nirristrutturaw l-entitajiet tal-gvern fejn hemm bżonn;
   - ii nikkontrollaw l-impjiegi ġodda fis-settur pubbliku u nnaqsu l-ispejjeż amministrattivi kemm hu possibli;
   - iii nattakkaw l-abbużi.

3 Inwettqu r-riformi strutturali meħtieġa biex ikollna sistemi kompetittivi;

4. Inkomplu ninvestu fis-setturi produttivi ta' pajjiżna, nżidu l-kompetittività, u nsaħħu l-infrastruttura biex niġbdu l-investiment li joħloq il-postijiet tax-xogħol.

### 1. Inkomplu nsaħħu l-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna

Fl-Appendiċi 'B', qiegħed nagħti rendikont tal-qagħda tal-finanzi pubbliċi li ser tkun qed tirriżulta sa l-aħħar tas-sena kurrenti. Kif għedt diġa, minn dan ir-rendikont jirriżulta li l-ħidma tal-gvern biex jikkontrolla l-ispiża pubblika u jibda jindirizza uħud mir-riformi kruċjali, ħallew ir-riżultati, tant li ser jirnexxielna nagħlqu s-sena b'defiċit tal-gvern estiż ta' Lm98.5 miljun. Dan jirrapreżenta 5.18% tal-Prodott Gross Domestiku.

Fl-istess Appendiċi qiegħed nagħti analiżi tal-impatt ta' l-investiment pubbliku fl-ekonomija. Irrid nemfasiżża li l-konsolidament fiskali, flimkien ma' stabilità politika u finanzjarja għandhom iżidu l-

kredibilità u l-fiduċja fit-tmexxija ta' l-ekonomija u jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha. L-investiment lejn pajjiżna jiġi jekk inkomplu nuru serjetà fir-riformi li rridu nagħmlu. Dan, apparti mill-fatt li suċċess f'din il-mira tfisser li l-pajjiż jibqa' jżomm il-*credit rating* għoli tiegħu jekk mhux ukoll itejbu.

Biex inġibu aktar investiment lejn pajjiżna u allura biex inżidu l-impjiegi, huwa kruċjali li jirnexxielna nnaqsu d-defiċit skond kif qegħdin nippjanaw. Waħda ma tistax tiġi mingħajr l-oħra.

**Il-Kunċett tal-Gvern Estiż**

Bi sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea dħalna f'sistema fejn il-finanzi pubbliċi jiġu mkejla b'metodu differenti minn kif għamilna sal-lum. Is-sistema li addottajna fis-snin li għaddew kienet waħda li nkorporat id-dħul u l-ħruġ tal-gvern fil-Fond Konsolidat amministrat mill-gvern.

Iżda, mal-bilanċ li konna nirrapurtaw fil-Fond Konsolidat issa jrid jiżdied ukoll l-iżbilanċ u d-dejn ta' uħud mill-entitajiet pubbliċi tal-gvern kif ukoll tal-kunsilli lokali.

## 2. INNAQSU N-NEFQA TAL-GVERN

It-tnaqqis fin-nefqa tal-gvern tippermetti li r-riżorsi ta' pajjiżna jkunu jistgħu jintużaw għal inizjattivi oħra li jirrendu aktar u li jkunu ndirizzati lejn l-ixprunar ta' l-attività ekonomika. Il-Gvern għandu d-dmir jfittex li, b'mod għaqli u studjat, inaqqas din in-nefqa kull fejn hu possibli.

Hemm tliet kategoriji ta' inizjattivi li l-gvern tiegħi diga' beda jwettaq u ser ikompli jwettaq matul ix-xhur li ġejjin.

### 2. (i) Ristrutturar ta' Entitajiet Pubbliċi

Ir-ristrutturar ta' entitajiet pubbliċi ma kienx proċess faċli u nvolva deċiżjonijiet iebsa. Napprezzaw il-fatt li kien hemm min intlaqat negattiv, imma r-riżultati li qegħdin nakkwistaw jitkellmu waħedhom.

Għad fadal ħafna iżjed xi jsir, imma fejn intervenejna, bdejna naraw ir-riżultati. Dan hu l-mod konkret ta' kif nindirizzaw in-nefqa tal-gvern, inżidu l-produttività , u ngħinu lill-ekonomija tirriġenera lilha nfisha.

Fost l-entitajiet li għaddew minn proċess ta' ristrutturar hemm:

- It-Tarzna li, sa Settembru ta' din is-sena, ser tkun irreġistrat miljun lira anqas f'telf minn dak li kien proġettat;

- Il-*Gozo Channel Co. Ltd* li rnexxiela tnaqqas it-telf tagħha minn kważi Lm1 miljun għal Lm27,000 sa Settembru li għadda waqt li żiedet il-patronaġġ tagħha b'50,000 passiġġier u 10,000 karozza meta mqabbla mas-sena li għaddiet;

- Il-*Public Broadcasting Services*, li minn telf ta' miljun lira fis-sena ser tagħlaq din is-sena finanzjarja bi *trading profit* ta' madwar Lm200,000,

- L-*Air Malta* li f'dan l-ewwel perjodu wara r-ristrutturar, qiegħda turi sinjali nkoraġġanti.

Fost l-akbar sodisfazzjon għal poplu tagħna hu l-fatt li kieku ħallejna l-affarijiet kif kienu, dawn l-entitajiet waħedhom f'din is-sena kienu jixorbu minn flus il-poplu Malti it-total ta' Lm20 miljun mhux għal sena waħda biss, imma għal kull sena li tgħaddi.

L-Appendici 'Ċ' jispjega l-inizjattivi tal-gvern li saru u li ser ikun qiegħed jieħu fix-xhur li ġejjin. Kollha kemm huma jiffurmaw parti ntegrali mill-istrateġija tagħna għas-sena 2005 u fost l-oħrajn ser:-.

- Nirristrutturaw u eventwalment nipprivatiżżaw is-*Sea Malta*.

- Nagħmlu riforma mill-qiegħ tal-Korporazzjoni Enemalta bil-għan li ssir organiżżazzjoni waħda li tirrifletti l-bżonnijiet tal-klijenti tagħha u l-ħtiġijiet tal-pajjiż.

- Nimplimentaw ir-rapport dwar ir-ristrutturar tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

Sadattant, il-gvern għaddej b'eżerċizzju biex jidentifika dawk l-entitajiet li jistgħu jkunu amalgamati ma' entitajiet oħra w allura titnaqqas l-ispiża, tiżdied l-effiċjenza u titnaqqas il-burokrazija. Kif ser nispjega aktar il quddiem, il-gvern ħa deċiżjoni li Ċentru ta' Restawr ta' Bighi għandu jiġi assorbit f'*Heritage Malta*.

Ftit tal-ġimgħat ilu, il-gvern ħabbar it-twaqqif tal-*Financial Management and Monitoring Unit*. L-iskop huwa biex ikollna sorveljanza tajba w effikaċi fuq l-ispiża ta' l-entitajiet u aġenziji tal-gvern kif ukoll fuq l-ingaġġ ta' ħaddiema ma' l-istess entitajiet.

Din il-*Unit* ser tkun tista' tużà l-faċilitajiet tal-*Management Efficiency Unit*, tal-*Internal Audit and Investigations Directorate*, u ta' l-Uffiċċju

Nazzjonali ta' l-Istatistika, tal-*Budget Office*, tat-Teżor u tal-*Collective Bargaining Unit*.

Finalment, l-għan tagħna m'huwiex li titnaqqas l-inizjattiva tal-*management* imma għal kuntrarju rridu niżguraw li l-*Unit* tkun ta' għajnuna u appoġġ biex l-affarijiet isiru bl-għola *standards* possibbli.

**2. (ii) Nikkontrollaw l-Impjiegi Ġodda fis-Settur Pubbliku u Nnaqsu l-Ispejjeż Amministrattivi sal-Massimu Possibli**

It-tieni metodu ta' kif beħsiebna nnaqsu l-ispejjez tal-gvern huwa billi nieħdu miżuri speċifiċi li, fuq medda ta' żmien, jagħtuna r-riżultati li rridu.

- Il-gvern ser jibqa miexi bil-politika li, kull fejn hu possibli, l-persuni li jirtiraw minħabba l-età jew għal xi raġuni oħra, ma jiġux sostitwiti ħlief f'dawk il-każijiet fejn is-sostituzzjoni tkun assolutament neċessarja għaliex marbuta ma' servizzi li huma kkunsidrati essenzjali.

- Marbut ma' din il-miżura, hemm ukoll il-politika tal-gvern li jagħmel l-aħjar użu tal-ħaddiema li għandu miegħu. Għalhekk, kull min ikun ikkunsidrat li jista' jagħti servizz aħjar jew ikun aktar produttiv f'setturi oħra, għandu jkun obligat li jsegwi d-direttiva tal-gvern li jkun assenjat fuq xogħol ieħor. Dan jgħodd aktar u aktar għal dawk il-ħaddiema li jkunu ġew meqjusa żejda u jkunu rrifjutaw li jieħdu skema ta' rtirar.

- Kull fejn hu possibli, l-gvern ser ikun qiegħed jesplora opportunitajiet oħra biex jidħol fi sħab mas-settur privat permezz ta' *Public Private Partnerships*. L-għan aħħari jkun li jkollna prodott jew servizz aħjar b'anqas spiża għall-gvern.

- Għaldaqstant il-gvern beħsiebu jwaqqaf *unit* apposta fil-Ministeru tal-Finanzi biex ikun jista' jkollu l-*expertise* neċessarja ħalli niżviluppaw il-mudelli kollha ta' sħubija mal-privat u biex nimplimentaw inizjattivi partikolari.

- Għas-sena 2005, m'aħniex beħsiebna nawtorizżaw il-bdil tal-karozzi fis-settur pubbliku kollu ħlief f'każijiet eċċezzjonali awtorizżati mill-Finanzi.

- Barra minn dan, il-*perfomance bonuses* kollha għas-sena 2004 u dawk għas-sena 2005 ser jingħataw skond kriterji li jkunu jinkludu analiżi dwar jekk intlaħqux il-miri finanzjarji stabbiliti għad-dipartimenti jew entitajiet konċernati.

**2. (iii) L-Attakk kontra l-Abbużi**

It-tielet metodu ta' kif nistgħu nnaqqsu l-ispiża tal-gvern huwa billi nsaħħu l-istrutturi u l-inizjattivi li qegħdin nieħdu biex naqtgħu l-abbużi. Il-miżuri li ser inkunu qegħdin nieħdu huma dawn:

- Irridu nirrikonoxxu li hemm min jagħmel ħiltu biex jaħrab mid-dmir li jħallas il-VAT ghas-servizzi u għall-prodotti li jagħti. Ippruvajna diversi metodi li kienu jiddependu fuq il-kooperazzjoni tal-pubbliku, imma dawn il-metodi ftit kellhom suċċess. Għalhekk, ser nibdew billi nintroduċu sistema li permezz tagħha kull min ikun bena propjetà u japplika biex idaħħal id-dawl u l-ilma, ser ikollu mhux biss jippreżenta l-*compliance certificate* tal-MEPA, imma jrid ukoll jissottometti dikjarazzjoni ffirmata mill-perit li turi (a) l-isem tal-kuntratturi, (b) in-numru tal-VAT, u (ċ) l-ammonti mħallsa għas-servizz u għall-prodotti mogħtija. Din l-informazzjoni ser tkun f'forma sempliċi ħafna w allura ma jkunx hemm burokrazija żejda. L-informazzjoni kollha li tkun ingħatat ser tgħaddi għand it-*Tax Compliance Unit* biex tkun analizżata. Se

ndaħħlu wkoll numru ta' emendi fil-liġi biex insaħħu l-ġbir ta' nformazzjoni relatata ma' l-attività ekonomika fil-pajjiż.

- Matul is-sena d-dieħla ser inkunu qegħdin nindirizzaw għal darb' oħra l-abbuż mill-benefiċċji soċjali. Fis-snin li għaddew sar eżerċizzju b'suċċess li jindirizza l-abbużi marbuta maċ-*Children's Allowance* u wħud mill-benefiċċji mhux kontibutorji. Issa jmiss li tkun riformata s-sistema kollha li tirregola l-applikazzjonijiet għall-pensjoni tal-invalidità.

- Beħsiebna wkoll nattakkaw l-abbuż ta' min jaħdem mingħajr ktieb tax-xogħol u jkun qiegħed jirreġistra. Ser inbiddlu l-liġi, biex, min ikun qiegħed jirreġistra u jinqabad jaħdem, ma jkunx jista' jirreġistra ħlief jekk jagħti prova li jkun ħadem bi qliegħ għal perjodu ta' sitt xhur wara dik id-data u jkun tilef ix-xogħol mhux tort tiegħu.

- Barra minn dan dawk li qed jirreġistraw ikunu obbligati li jattendu għal korsijiet ta' taħriġ organizzati mill-ETC u, jekk jirrifjutaw, jinqatgħu mir-Reġistru.

- Dan kollu se jkun imsaħħaħ b'liġi komprensiva dwar l-abbuż tal-benefiċċji u l-frodi li beħsiebna nressqu s-sena d-dieħla.

*Il-Pitrolju*

Hemm qasam ieħor li fih qiegħed isir l-abbuż. F'pajjiżna jiġi kkunsmat ammont kbir ta' pitrolju. Biżżejjed wieħed isemmi li s-sena l-oħra ġew ikkunsmati kważi 18-il miljun litru u fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena ġew ikkunsmati aktar minn 22 miljun litru.

Iżda lkoll nafu li dawn il-miljuni kollha ta' litri mhux qed jiġu kkunsmati għall-użu domestiku, iżda, biex jitħalltu llegalment mad-*diesel* biex iħaddmu l-makni. Minkejja li dan hu illegali, il-fatt li fuq id-*diesel* hemm is-sisa u l-VAT u fuq il-pitrolju m'hemmx, id-differenza bejniethom ta' madwar 16-il ċenteżmu fil-litru, hi tali li tħajjar lil xi wħud jabbużaw.

Hu stmat li din l-attività llegali qed tiswa' lill-pajjiżna s-somma ta' Lm2.5 miljun fis-sena.

- Għalhekk, b'effett immedjat il-pitrolju – li tajjeb ngħid li fuq is-suq internazzjonali jinbiegħ għola mid-diesel – ser jibda jġorr miegħu kemm sisa kif ukoll VAT u l-prezz tiegħu fis-suq se jkun daqs id-diesel, jiġifieri 34.4ċ il-litru. Barra minnhekk b'effett immedjat ukoll, il-prezz tal-pitrolju ser jitla' u jinżel mal-prezz internazzjonali kif jagħmlu ż-żjut l-oħra kollha.

- Iżda, sabiex il-konsumaturi domestiċi ma jintlaqtux ħażin b'din il-miżura, l-gvern se jagħmel ħlas ta' darba biss ta' Lm12 li se jsir sal-aħħar ta' Marzu tas-sena d-dieħla lil dawk kollha li huma ntitolati għall-benefiċċji mhux kontributorji *means tested,* jiġifieri, pensjoni tal-età, għajnuna soċjali (inklużi għajnuna tal-qagħad, għajnuna soċjali għan-nisa, għajnuna soċjali għall-ġenituri mhux miżżewġa), għajnuna għall-mard, benefiċċju speċjali għall-qagħad u lil dawk li jieħdu l-benefiċċju tal-qagħad kif ukoll lil dawk li jieħdu l-benefiċċju tal-qagħad kontributorju.

*Bejgħ ta' Diesel bla Dazju fuq is-Sisa*

- Il-gvern, permezz tad-Dipartiment tad-Dwana, ser ikun qed iżid il-kontrolli amministrattivi biex jiżgura li t-tqassim tad-*diesel duty free* isir biss lil dawk il-persuni w entitajiet ntitolati u jsir biss għall-iskop li hemm stipulat fil-liġi. Din il-ħidma trid issir fl-isfond ta' sistemi li jiżguraw li *d-diesel* li jinbiegħ *duty free* bil-ħsieb li jintuża barra minn xtutna ma jerġax isib ruħu fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta.

- Id-Dipartiment tad-Dwana sejjer għalhekk jinvesti f'sistemi elettroniċi biex ikun jista' jikkontrolla aħjar id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' *diesel duty free* waqt li ser jesiġi li operaturi f'dan il-qasam jinstallaw sistemi ta' kontroll li jkunu jistgħu jiġu mmoniterjati mid-Dwana.

- Fl-istess ħin se tinbidel is-sistema ta' bejgħ. Minflok is-sistema preżenti fejn id-*diesel* jinbiegħ *duty free*, id-*diesel* ser jiġi mibjugħ *duty paid* u min ikun intitolat jitlob *refund* lid-Dwana li tħallas id-differenza fil-kont bankarju tal-persuna konċernata.

B'dawn ir-riformi għandu jkollna sistema aktar ekwa, nnaqsu sew l-abbuż u nżidu d-dħul tal-gvern u dan kollu filwaqt li ma' neliminaw xejn mill-benefiċċji eżistenti f'dan il-qasam.

## 3. Ir-Riformi Strutturali

It-tielet prinċipju li semmejt biex insaħħu l-ekonomija huma r-riformi strutturali. Hawnhekk, irrid nispjega li l-iskop m'huwiex sempliċiment riforma biex ikollna sistemi sostenibbli, imma huma riformi ntiżi wkoll biex jagħtuna l-garanzija ta' sistemi li jżommu l-għola livelli ta' kwalita fuq medda twila ta' żmien. L-interess tagħna huwa li naraw l-ekonomija tagħna tirrispondi għal dawn ir-riformi,

imma huwa wkoll li nagħtu garanzija lill-ġenerazzjonijiet futuri ħalli huma jgawdu wkoll dak li aħna qegħdin ingawdu llum.

Taħt dan il-kapitolu hemm tlett riformi: ir-riforma tal-pensjonijiet, ir-riforma tas-saħħa u r-riforma fl-edukazzjoni. Ir-riforma ta' l-edukazzjoni u riformi oħra ser nittratthom aktar 'il quddiem f'dan id-Diskors.

### *Ir-Riforma tal-Pensjonijiet*

Wasal iż-żmien li nagħmlu pass ieħor lejn ir-riforma tal-pensjonijiet. Il-gvern m'għandux għalfejn jirrepeti l-argumenti kollha li saru biex jiġġustifikaw il-bżonn ta' riforma. Irridu, iżda, nemfasizzaw li r-riforma hi nevitabbli. Xi darba trid issir għaliex is-sistema tagħna m' hijiex ser tkun tibqa' tiggarantixxi l-adegwatezza tal-pensjonijiet u l-anqas ma tista' tiggarantixxi s-sostenibbilita' tagħhom fit-tul.

L-istudji kollha jikkonfermaw li aktar ma ntawlu biex nindirizzaw din l-isfida aktar ser issir diffiċli 'l quddiem. Il-gvern jifhem li għandu r-responsabbiltà li jaħseb għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin u għalhekk fl-1 ta' Ġunju li għadda, ttieħdet id-deċiżjoni biex jitwaqqaf *working group* li ġie inkarigat biex janalizza r-rapporti kollha li saru fis-snin li għaddew, inkluż l-eżerċizzju mportanti li sar fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali flimkien mal-Kummisjoni dwar ir-Riforma tal-Welfare.

Din l-analiżi issa tlestiet u tinkludi numru ta' rakkomandazzjonijiet u lista ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu biex issir riforma mifruxa fuq medda ta' snin. L-analiżi ngħatat forma ta' *White Paper* li issa qiegħda tiġi ppublikata bħala parti mill-istrateġija tal-gvern għall- ħames snin li ġejjin u llum qiegħed inpoġġi kopja tagħha fuq il-mejda tal-Kamra.

Hu ttamat li din il-*White Paper* tistimula diskussjoni kostruttiva, realistika u matura biex eventwalment twassalna għad-deċiżjonijiet finali u għall-implimentazzjoni.

### *Ir-Riforma fis-Settur tas-Saħħa*

Hawn ukoll qed issir ħafna ħidma bil-għan li sseħħ ma ddumx il-bidla meħtieġa fis-settur tas-saħħa biex dan isir wieħed sostennibli għall-pajjiż filwaqt li jibqa' jagħti servizzi tant utli li qed jagħti llum lil kull min għandu bżonn.

Is-sena li għaddiet, il-gvern ħabbar il-ħsieb tiegħu li jwaqqaf Fond għas-Saħħa li jkun *sub-fund* tal-Fond Konsolidat u li jkun iffinanzjat minn parti mill-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali. Sa llum din id-deċiżjoni ma setgħetx titwettaq għaliex il-persentaġġ tal-kontribuzzjonijiet allokat għas-saħħa għadu ma ġiex stabbilit. Dan jiddependi minn deċiżjonijiet li jridu jittieħdu marbuta mar-riforma tal-pensjonijiet.

Madankollu, l-pjan tal-gvern huwa li jwaqqaf fil-mument opportun il-Fond tas-Saħħa kif maħsub.

Hawn ukoll, il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali waqqaf kumitat ta' ħidma magħmul mill-partijiet soċjali biex jistudja dak li qed iressqu quddiemu esperti f'dan il-qasam.

Il-gvern, bħal fil-każ tal-qasam tal-pensjonijiet, intrabat li jifrex djalogu wiesa' mal-partijiet kollha konċernati, bħal ma qed iseħħ, u allura beħsiebu jieħu r-reazzjonijet tal-pubbliku għal dak li jkun qed jipproponi.

Wieħed jittama li, bħal fil-każ tal-pensjonijet, anki f'dan il-qasam ma ndumux ma jkollna r-riformi xierqa li bihom insaħħuh u nagħmluh wieħed sostenibbli għar-riżorsi finanzjarji tal-pajjiż bla ma jnaqqas xejn mill-benefiċċji lil dawk li l-aktar jeħtieġuhom.

## 4. Inkomplu ninvestu fis-Setturi Produttivi ta' Pajjiżna

Kif spjegat aktar qabel, ir-raba' mira li rridu nilħqu biex l-ekonomija tagħna tieħu stimolu 'l quddiem hi dik li nkomplu ninvestu fis-setturi produttivi ta' pajjiżna biex inkomplu nattiraw l-industrija li tista' toħloq il-postijiet tax-xogħol f'pajjiżna, b'mod partikolari l-manifattura, t-turiżmu, l-industrija tal-films u setturi oħra importanti għal pajjiżna u nagħtu nifs lis-setturi produttivi kollha ta' pajjiżna billi nagħtu aktar spazju għall-intrapriża privata.

### Inżidu l-Kompetittività ta' Pajjiżna

#### *Il-Privatiżżazzjoni*

Il-privatiżżazzjoni hi pern ewlieni tal-politika tagħna biex nilħqu l-għanijiet u l-miri li poġġejna għal pajjiżna.

Għalhekk, qiegħed nehmeż bħala Appendiċi 'D', spjegazzjoni dwar il-politika tagħna għall-privatiżżazzjoni kif ukoll indikazzjoni tal-pjan ambizzjuż li qegħdin nidħlu għalih.

Dan il-pjan jinkludi dawn l-inizjattivi li ser jibdew matul is-sena d-dieħla u ser jitwettqu matul it-tlett snin li ġejjin :

- jinbiegħu l-ishma kollha fl-*Interprint*;
- jinsab sieħeb strateġiku għat-*Tug Malta* sabiex sehem il-gvern fil-kumpanija jonqos għal mhux anqas minn 40%;
- jinbiegħu l-ishma li l-gvern għandu fil-*Malta Dairy Products*;

- jinbiegħu 20% oħra mill-ishma tal-gvern fil-*Malta International Airport* permezz ta' *Initial Public Offer* fil-Borża ta' Malta;
- jinbiegħu t-tliet lukandi li huma parti mill-assi tal-*Air Malta* u jinsabu sħab strateġiċi għall-immaniġġjar tal-i*Sterling Services Ltd.* kif ukoll għall-*Air Supplies Co. Ltd.*;
- jinkrew lil sieħeb strateġiku l-faċilitajiet taż-żejt li Korporazzjoni *Enemalta* għandha wara li din tkun integrat lill-*Malta Oil Bunkering Co. Ltd*. fl-operazzjonijiet tagħha u jinsab sieħeb starteġiku għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni tal-gass.

***Ir-Riforma fil-Portijiet***

Il-portijiet tagħna huma ċ-ċavetta għall-iżvilupp ekonomiku tagħna – żvilupp sostnut il-ħin kollu minn importazzjoni ta' ħwejjeġ ta' konsum għall-popolazzjoni tagħna kif ukoll ta' materja prima għall-industriji tagħna u ta' esportazzjoni ta' prodotti manifatturati f'Malta għal swieq barranin.

Għaldaqstant, il-gvern ma jistax ma jiżgurax l-effiċjenza fil-ħidma tal-portijiet tagħna kif ukoll li s-servizz mgħoti mill-operaturi jkun irħis biex ma jdagħjjifx il-kompetittività tal-ekonomija tagħna.

Ir-riforma fil-portijiet hi mmirata lejn żewg oġġettivi: l-ewwel, il-liberalizzazzjoni tas-servizzi għat-tħaddim tal-portijiet fejn il-kompetizzjoni għandha tiżgura l-aħjar servizzi bl-orħos prezzijiet. It-tieni, titjib u tisħiħ tal-faċilitajiet eżistenti biex tkun żgurata l-effiċjenza u d-dinamiżmu ta' operat modern li jlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-lum.

L-ewwel proċess ingħata bidu għalih meta l-gvern immexxi minni ddecieda li, sa l-ewwel tlett xhur tas-sena d-dieħla, tkun ħarġet it-talba għall-offerti fl-immaniġġjar tal-merkanzija fil-portijiet.

Anke fuq din il-kwistjoni l-interess nazzjonali jitlob li l-proċess jimxi u jsiru l-bidliet li hemm bżonn. Dan hu element kruċjali biex intejbu l-kompetittività tagħna. Is-setturi kollha tal-ekonomija tagħna jirbħu minn din ir-riforma, imma b'mod speċjali dak tal-manifattura, li jibqa' pilastru mportanti ta' l-ekonomija tagħna.

*Ir-Riforma fit-Transport Pubbliku*

Il-gvern hu mpenjat li jkompli bir-riforma fit-trasport pubbliku biex dan jaqdi l-ħtiġijiet tal-pubbliku w allura jsir dejjem aktar użu minnu. Ix-xahar li għadda, ntlaħaq ftehim mal-Assoċċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku li dwaru għaddejjin taħdidiet dwar l-implimentazzjoni bla dewmien ta' ċerti aspetti minnu. Dan il-ftehim se jkun il-bażi ta' ftehim ġdid li jkun jorbot sal-2009.

It-trasport pubbliku wkoll intlaqat ħażin miż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt. Mill-1999 'l hawn il-gvern dejjem refa' l-piż ta' żidiet bħal dawn u magħhom wkoll dawk tal-għoli tal-ħajja għall-ħaddiema f'dan il-qasam.

Qed jitħejjew studji li jistabbilixxu skeda ta' rotot meħtieġa għas-servizz li jistgħu joperaw b'mod effiċjenti u vijabbli. Għal aktar kontabbiltà u trasparenza, l-gvern se jkompli jinvesti fis-sistemi tal-*Auto Vehicle Locator* li twassal ukoll għal provvista ta' servizz aktar effiċjenti u modern. Dan ikun ta' aktar benefiċċju għat-turisti li jagħmlu użu minn dan is-servizz.

Il-gvern beħsiebu jibqa' miexi bil-politika li jawtorizza ħlasijiet ta' sussidju biss jekk u meta l-Awtorità tkun iċċertifikat li riformi mifthema ġew implimentati u qed jitħaddmu.

Il-gvern bi ħsiebu wkoll jipproponi l-introduzzjoni ta' bidla oħra billi s-sussidju ma jibqax jiġi kkalkulat fuq elementi marbuta ma' l-ispejjes ta' l-operazzjoni biss, imma jibda jiġi kkalkulat skond in-numru ta'

passiġieri li jinġarru. Dan ikun inċentiv biex it-trasport pubbliku jibda hu stess jopera b'mod li jħajjar patrunaġġ akbar milli hemm illum. F'każ li n-numru tal-patrunaġġ jaqbeż dak stabbilit, allura l-ammont ekwivalenti għas-sussidju ta' kull passiġier *extra* jidħol ġo fond biex jintuża għat-titjib tas-servizz.

Sadanattant, bħala parti mill-proċess ta' ftehim mal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, il-gvern qed jawtorizża żieda fin-noll tà 5ċ fuq kull rata fit-tariffa b'effett mill-1 ta' Jannar li ġej. Din iż-żieda, iżda, mhux se taffetwa l-ħlas fil-biljett tat-trasport pubbliku li qed iħallsu l-anzjani u l-istudenti.

*Il-Patt Soċjali*

Bil-għan li niffukaw aktar fuq il-kompetittivita' tagħna, il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali waqqaf kumitat ta' ħidma, magħmul mill-imsieħba soċjali stess, sabiex dawn ifasslu pjan ta' miżuri li jistgħu jirrikmandaw lill-gvern biex insaħħu l-kompetittività ta' pajjiżna.

Dan il-pjan kien qed jiġi diskuss fil-Kunsill bil-ħsieb li jwassal għall Patt Soċjali maqbul bejn il-partijiet kollha. Illum, hu magħruf li l-qbil baqa' ma ntlaħaqx – żvilupp li m'għandux iżommna milli nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn.

L-imsieħba soċjali kollha jirrikonoxxu l-ħtieġa li nsaħħu l-kompetittività w il-produttività ta' pajjiżna. Dan hu l-uniku mod biex inġibu lejn pajjiżna l-investiment li għandna bżonn u nsostnu l-impjiegi u noħolqu mpjiegi ġodda.

Fil-miżuri li semmejt s'issa, diġa hemm fosthom inizjattivi li ġew diskussi fi ħdan l-MCESD, partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu man-nies li qed jirreġistraw għax-xogħol. Hemm miżuri oħra li wkoll ġew diskussi fl-MCESD u li ser insemmihom aktar 'il quddiem fil-parti li għandha x'taqsam mal-edukazzjoni u mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Impjiegi.

Madanakollu, l-gvern jidhirlu li dawn waħedhom m'humiex biżżejjed biex iħallu mpatt fuq il-produttività u l-kompetittività ta' pajjiżna. Għaldaqstant, il-gvern iddeċieda li l-festi pubbliċi kollha li jinzertaw li jaqgħu s-Sibt jew il-Ħadd ma jibqgħux jiġu kkumpensati b'ġurnata oħra vakanza matul il-ġimgħa. Fil-prattika, dan iffisser li għas-sena 2005, is-settur produttiv f'pajjiżna se jirbaħ 4 ġranet tax-xogħol.

*Il-Programm Nazzjonali għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku*

Sfida oħra li għandna quddiemna fl-isforzi biex insaħħu l-kompetittivita` tal-industrija tagħna u ntejbu l-kwalita` tal-ħajja hi dik tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Hu nkoraġġanti l-fatt li s-settur privat, b'mod partikolari dak tal-manifattura, qed isir dejjem aktar konxju tal-ħtieġa għal investiment akbar fir-riċerka u l-innovazzjoni lejn kompetittività ogħla.

Il-gvern digà għaraf il-potenzjal ta' dan il-qasam u qed jagħti nċentivi għalih. L-akbar waħda hi li tnaqqis mid-dħul ta' kumpanija għall-fini tat-taxxa jista' jitla' sa 150% tan-nefqa attwali marbuta mar-riċerka. Minkejja dan, l-interpretazzjoni mogħtija fil-liġi tat-Taxxa fuq id-Dħul għar riċerka hi kemmxejn ristretta.

Dan hu settur li joffri potenzjal kbir għat-tkabbir. Imma, biex dan iseħħ, irridu l-ewwel nett nirrevedu l-qafas nazzjonali li hu responsabbli għal dan il-qasam u t-tieni rridu ninċentivaw u ngħinu lil min lest jisfrutta dan il-potenzjal.

Għaldaqstant, il-gvern immexxi minni qiegħed iħabbar dawn il-miżuri:

- Sa l-aħħar ta' Jannar li ġej, il-gvern se jieħu deċiżjoni dwar liema entita' għandha tkun responsabbli għal dan is-settur. L-entitajiet li għandna llum huma l-MCST, l-Universita` u l-Malta Enterprise. Dan ma jinkludix inizjattivi li qegħdin jittieħdu mis-settur industrijali tagħna jew minn individwi jew kumpanniji privati. F'dan l-eżerċizzju, huwa mportanti li jkun hemm spazju qawwi għall-kontribut tas-settur privat;

- Ser ngħollu l-eżenzjoni għal fini tat-taxxa fuq infiq marbut ma' riċerka minn 150% ta' nefqa attwali għal 200%;

- Ser inwessgħu d-definizzjoni ta' riċerka u żvilupp fil-liġi tat-taxxa biex l-interpretazzjoni ta' nefqa kapitali ma tibqax ristretta għal investiment f'impjant u tagħmir iżda tkun estiża wkoll għal akkwisti bħal m'hi propjetà għal skopijiet ta' riċerka;

- Ser ninkludu ma' dawn l-ispejjeż marbuta ma' riċerka għal fini ta' din l-eżenzjoni, il-pagi u l-miżati ta' studju mħallsa minn min iħaddem f'isem impjegati tiegħu li jkunu jistudjaw biex jakkwistaw grad ta' *Masters* jew ta' Ph. D. f'oqsma li se jiġu speċifikati ma' Universitajiet jew Istituzzjonijiet magħrufa;

- Ser nagħtu b'tnaqqis mid-dħul taxxabli ammont li ma jkunx aktar minn 50% tas-sehem ta' min iħaddem mill-ħlas tal-kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali għal żmien tliet snin ta' dawk l-impjegati bi kwalifiki ta' *Masters* jew Ph. D. f'oqsma li se jkunu speċifikati.

***L-Industrija, l-Intrapriżi u n-Negozji ż-Żgħar***

Wieħed mill-miri ewlenin tagħna hu li noħolqu attivitajiet kummerċjali b'valur miżjud għoli.

Proporzjon mhux żgħir tal-*labour force* tagħna għad m'għandux il-ħiliet meħtieġa u, għalhekk, irridu noħolqu xogħol ukoll għal dan il-grupp soċjali. Meta nkunu qed niffukaw biss fuq attivitajiet b'valur miżjud għoli inkunu nissugraw li noħolqu żbilanċ fost dawk li jkunu jfittxu x-xogħol.

Sa x-xahar li għadda, l-*Malta Enterprise* kienet approvat 56 proġett b'investiment globali ta' madwar Lm34 miljun fuq tliet snin. 11 minn dawn il-proġetti huma fil-qasam tal-istampar b'investiment globali ta' madwar Lm7 miljun. 7 oħra huma fil-qasam farmaċewtiku b'investiment totali ta' madwar Lm15-il miljun.

Fil-qasam tan-negozji ż-żgħar qed issir ukoll ħafna attivita'. Ingħata taħriġ lil madwar 1,300 persuna fin-negozju. F'Mejju li għadda, inawgurajna f'Għawdex ċentru ġdid ta' taħriġ fejn diġa' saru madwar 11-il attivita`. Diġa` bbenefikaw 110 negozju żgħir minn żewġ skemi ta' support filwaqt li hemm 100 oħra li se jkunu bbenefikaw sa l-aħħar ta' din is-sena. Qed ikun finalizżat ftehim mal-European Investment Fund għal aċċess ta' faċilita` ta' garanzija. Qed tingħata għajnuna lil negozji żgħar li jridu jibdew jiffurmaw ruħhom. Dan qed isir fil-*Business Incubation Centre* f'Kordin fejn bħalissa hemm 25 negozju ġdid li qed jirċievu l-għajnuna.

Hawn ħtieġa kbira, iżda, li nkomplu niffaċilitaw l-operat tan-negozju f'Malta. In-negozju fil-pajjiż hu s-sinsla tal-ekonomija fejn ikun ġenerat infiq u konsum li jagħmel id-dinamika tal-ekonomija.

### *Inċentivi lill-Industrija*

L-industrija hija pilastru ieħor importanti ta' l-ekonomija tagħna. Hemm bżonn li nsostnuha u nsaħħuha kemm nistgħu. Il-politika ta' nċentivi għall-industrija trid tħares kemm lejn dak li bnejna tul is-snin kif ukoll lejn dak li għad irridu nressqu lejn Malta.

- Għalhekk, bi pjaċir ngħid li din is-sena qed nivvutaw is-somma ta' Lm1,850,000 f'għajnuna għall-industrija taħt il-*Business Promotion Act.*

- Ser jingħata vot ieħor lill-*Malta Industrial Parks Ltd.* għal għanijiet oħra marbuta ma' bini ta' fabbriki u manutenzjoni ta' żoni ndustrijali.

Irrid nerġa' nenfasiżża l-politika li t-tisħiħ fl-ekonomija hu wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tagħna. Għalhekk, il-vot ta' Lm1,850,000 se jkun imsaħħaħ b'għadd ta' nċentivi fiskali oħra biex jolqtu oqsma speċifiċi li dan il-gvern jidhirlu għandhom jiġu mgħejjuna.

Talba kbira għall-fabbriki ġodda kif ukoll t-tip ta' investiment li qed ikollna, jitolbu fabbriki aktar sofistikati jew mibnija skond il-ħtiġijiet partikolari tal-klijenti. Dan wassal biex diġà hemm impenn għall-bini ta' fabbriki ġodda li jlaħħqu għall-Lm17-il miljun. Għalhekk, irid jinstab mezz alternattiv kif mhux biss niffinanzjaw l-impenji eżistenti fl-anqas żmien possibli iżda anke li nsibu metodu aħjar biex ninvestu f'fabbriki ġodda. Għalhekk, il-*Malta Industrial Parks Ltd.* sejra tistudja l-possibilità li tuża l-mudell li diġa' ħalla riżultati tajbin fil-bini ta' l-iskejjel u tmur għall-finanzjament privat.

Fil-qasam tal-*back-office industry*, sabiex inkomplu nkabbru dan is-settur se norganiżżaw, permezz tal-Korporazzjoni għat-Taħriġ u Impjiegi, korsijiet ta' taħriġ għall-ħaddiema li jaħdmu f'dawn l-oqsma. Qed inħejju wkoll inċentivi fiskali biex intaffu l-ispiża ta' min jimpjega ħaddiema minn dawn kif ukoll intaffu l-ispiża kapitali biex dan jibda jopera minn Malta.

Nemmnu ukoll li Malta għandha l-potenzjal ġeografiku li sservi ta' bażi ta' ħażna u tqassim tal-merkanzija għall-Mediterran kollu. Qed naraw x'partijiet mit-territorju Malti nistgħu nidentifikaw bħala "Żoni Ħielsa" skond ir-regolamenti doganali Ewropej. Qegħdin ukoll inħejju nċentivi fiskali biex ngħinu l-investiment kapitali f'dan il-qasam.

Kif stqarr il-gvern kemm-il darba, aħna nqisu s-sehem ta' l-ażjendi ż-żgħar fl-ekonomija tagħna bħala wieħed kruċjali. Diġà għandna diversi għajnuniet iżda naħsbu li hemm lok għal aktar għajnuna f'dan is-settur.

Fid-diskors tal-*budget* għall-2003 konna estendejna l-inċentivi għall-impriżi ż-żgħar billi nkludejna ntrapriżi li jħaddmu medja ta' ħames persuni u li t-*turnover* tagħhom ma jkunx aktar minn Lm250,000.

Dawn l-inċentivi kienu:

- in-nefqa li negozji żgħar jagħmlu fuq l-informatika tkun imnaqqsa mill-qliegħ fl-istess sena;
- negozji żgħar jibdew jieħdu l-ħlas lura tal-VAT fi żmien tletin jum mid-data tad-dikjarazzjoni tagħhom sakemm din tintbagħat fil-ħin.

- Il-gvern se jestendi l-iskemi li qed joffri llum lil dawk il-kumpaniji li jħaddmu anqas minn sitt *full-timers* għall-kumpaniji kollha li jħaddmu anqas minn ħdax il-*full timer*. Barra minn dan, mhux se nibqgħu ngħoddu lill-apprentisti jew lill-istudenti bħala mpjegati *full-time* biex b'hekk aktar kumpaniji żgħar ikunu jistgħu igawdu mill-inċentivi.

Ta' importanza kbira, irridu nerġgħu nagħmlu sforz biex inkabbru l-aċċess għall-*risk capital* għal min għandu idejat tajbin. L-ekonomija tagħna mhux se tikber jekk, biex tibda proġett, trid bilfors tfittex il-kapital minn self mill-bank li jkun garantit bi propjetà. Kompetituri tagħna qed jikbru minħabba li nvestituri privati huma disposti jafdaw l-investiment tagħhom f'ideat kummerċjali ġodda. Għalhekk, il-gvern se jinvesti Lm900,000, fuq medda ta' tliet snin, biex jinħoloq *Venture Capital Fund*. Biex inħajru dan l-investiment, se nagħtu lil kull investitur *tax credit* ta' parti mill-kapital investit u eżenzjoni parzjali fuq it-taxxa kapitali ġenerata minn dan l-investiment. Irrid nagħmilha ċara ħafna li qed ninċentivaw din l-inizjattiva bil-qawwi għax nemmnu li hi kruċjali jekk irridu li jkollna sors ta' finanzjament għall-intrapriżi tagħna. Iżda mhux se jkollna suċċess jekk mhux se nattiraw il-kapital privat.

Il-gvern se jniedi skema ta' darba li biha jaghti l-opportunità lill-operaturi biex jirregolaw ruħhom fil-kontijiet pendenti ta' VAT, billi jħallas l-ammont ta' VAT u nteressi sa żmien stabbilit u jekk jagħmlu hekk jiġu eżentati mill-ħlas ta' multa.

Il-gvern qed iqis bħala prijorità li jattira aktar attività ċinematografika u televiżiva lejn Malta. Il-mira hi li jkollna ritmu konsistenti ta'

produzzjonijiet f'Malta li jkattru aktar xogħol f'dan is-settur. Għalhekk, sejrin nipprovdu nċentivi biex inżidu l-kompetittività ta' pajjiżna f'dan il-qasam. Hawn l-inċentivi fiskali se jieħdu forma ta' tnaqqis fit-taxxa għall-investiment kapitali marbut ma' infrastruttura, tagħmir u faċilitajiet approvati, ħlas lura tal-VAT u tal-kontribuzzjoni sħiħa għas-sigurtà soċjali mħallsa f'Malta u 20% mit-taxxa fuq ċerti spejjes li jkollhom aktar minn 50% valur miżjud.

## *L-Industrija tas-Servizzi*

### *It-Turiżmu u l-Kultura*

It-turiżmu huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija Maltija. Biex dan jissaħħaħ jeħtieġ sforz effetiv u kollettiv.

Il-gvern qed jimmira għal żieda ta' bejn 100,000 u 150,000 turist sa l-2006-2007 jew aħjar għal żieda ta' 50,000 turist fis-sena għat-tliet snin li ġejjin b' akkomodazzjoni akbar f'lukandi *5-star*.

Il-gvern iddeċieda li l-Politika Strateġika għat-Turiżmu f'Malta għandha tindirizza żewġ għanijiet. L-ewwel għan hu li nżommu s-sehem tas-suq li għandna llum ta' turisti li jżuru Malta biex igawdu x-xemx u l-baħar u li jibbukjaw ma' aġenziji turistiċi stabbiliti u operaturi turistiċi speċjalizzati fuq Malta. It-tieni għan hu li nużaw aħjar r-riżorsi finanzjarji tagħna u l-isforzi tal-*marketing* tagħna biex niġbdu aktar turisti f'dawn l-oqsma:

i. turiżmu kulturali;
ii. turiżmu sportiv;
iii. turiżmu marbut mat-tagħlim tal-lingwi;
iv. turiżmu marbut mal-konferenzi;
v. Għawdex bħala destinazzjoni turistika;
vi. niċeċ oħra bħalma huma l-*cruise and stay*, saħħa u rtirar, *short breaks*, agro-turiżmu, gastronomija, ġrajjiet li jkunu qed iseħħu f'pajjiżna, u *yachting*.

- Hemm rabta ntima bejn il-wirt storiku tagħna u l-prodott turistiku li noffru bħala pajjiż. Huwa, għalhekk, doppjament importanti li nagħtu spinta lir-restawr u konservazzjoni tal-wirt kollu tagħna. Għaldaqstant bil-għan, li jkompli jsaħħaħ il-prodott turistiku malti l-gvern qiegħed iżid l-allokazzjoni ta' flus għall-*Heritage Malta* s-sena d-dieħla b' Lm400,000 għal Lm1,650,000 filwaqt li d-dħul ta' madwar Lm1 miljun kollu li tiġġenera hi se jibqa' għandha wkoll.

- Fil-kuntest ta' politika biex intejbu l-prodott tagħna, fil-ġimgħat li ġejjin il-gvern immexxi minni ser ikun qiegħed jieħu d-deċiżjoni dwar *golf courses* f'Malta u f'Għawdex.

- Barra minn dan, kif ser ngħid aktar 'il quddiem, ser nivvutaw Lm100,000 oħra biex jiġi mfassal il-proġett ta' restawr u konservazzjoni tat-tempji tal-Ġgantija ġewwa Għawdex biex ikun żviluppat il-prodott turistiku ta' Għawdex.

- Il-vot tal-Awtorita` Maltija għat-Turiżmu s-sena d-dieħla se jkun ta' Lm8 miljuni. Iżda, kemm-il darba l-ħidma tal-Awtorita` ġġib magħha żieda stabbilita' mill-gvern fin-numru tat-turisti li jżuruna, il-gvern ikun lest jalloka Lm500,000 oħra matul is-sena id-dieħla biex isaħħaħ l-isforzi tagħha. B'dan ukoll inkunu qed nagħtu bidu għall- kunċett ta' *performance targets* anki fl-istess entitajiet.

- Sadattant, il-gvern, filwaqt li għal darba oħra, qed iżomm stabbli r-rata tal-5% VAT għall-lukandi ser ikun qiegħed ifassal skema li biha ssir rifużjoni lill-organizzaturi ta' parti mill-ħlas ta' VAT fuq konferenzi internazzjonali li jsiru Malta.

- Fil-qasam tal-kultura jidhrilna li wasal iż-żmien li nikkonsolidaw l-istrutturi li għandna. Sabiex noħolqu aktar sinerġija u koordinament fil-ħidma tal-partijiet direttament involuti, iċ-Ċenrtru tar-Restawr f'Bighi se jidħol fir-responsabilita' tal-organiżżazzjoni tal-*Heritage Malta*. Iżda, l-aspett akkademiku ta' dan iċ-Ċentru jibqa' dejjem iseħħ fil-korsijiet organiżżati mill-Universita' ta' Malta jew il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija.

- Sabiex inkomplu ninċentivaw aktar il-ħarsien tal-wirt kulturali ta' pajjiżna se neżentaw mit-taxxa f'livelli stabbiliti, l-għoti ta' donazzjoni lill-mużewijiet tagħna jew l-organiżżazzjoni

'Patrimonju Malti' u se noffru nċentivi fiskali lil min jagħmel xogħol ta' restawr ta' bini ta' wirt storiku.

- Aħna rridu nkomplu ninkoraġixxu t-talenti lokali fil-qasam mużikali. Għalhekk, sejrin nniedu skemi biex, mis-sena d-dieħla, dawk il-mużiċisti li jipprattikaw jew isegwu studji konnessi mal-mużika *tramite* istituzzjonijiet mużikali, inkluż Każini tal-Baned, ikunu ntitolati għal rifużjoni ta' 15.25% tal-valur tax-xiri ta' strumenti wżati f'tali okkażjonijiet.

*Il-Qasam tas-Servizzi Finanzjarji*

Il-qasam tas-servizzi finanzjarji kien ieħor li baqa' jespandi biex jipprovdi aktar opportunitajiet ta' xogħol u biex jiftaħ orizzonti ġodda għal dawk li joperaw f'dan is-settur. Il-qafas politiku, legali u regolatorju kompla jiżviluppa b'mod dinamiku mal-ħtiġijiet ta' settur finanzjarju modern li qed ikompli jkollu dejjem aktar dehra u orjentazzjoni internazzjonali.

Wara li daħħalna l-liġi ġdida dwar it-*Trust u Trustees* issa jmiss li ndaħħlu l-liġi tas-*securitisation*. Matul is-sena li ġejja beħsiebna nkomplu nagħtu l-ogħla mportanza lil dan is-settur. Għaldaqstant, il-Gvern beħsiebu li matul is-sena 2005, iressaq għall-konsiderazzjoni tal-Parlament liġi dwar is-*Securitisation* u dan b'konsultazzjoni mas-settur innifsu.

Il-gvern ser ikompli miexi fuq id-direttivi ta' l-Unjoni Ewropea fir-relazzjoni ma' kumpaniji b'kummerċ internazzjonali. Fl-istess ħin, iżda, Malta tesiġi li tiddefendi l-indipendenza tagħha fuq materji ta' tassazzjoni u żżomm mal proċeduri tal-*Code of Conduct Group* billi topera sistema ta' mputazzjoni kompleta. B'hekk, azzjonisti jgawdu kreditu fuq it-taxxa mputata fuq profitti mqassma minn kumpanija li tqassam id-*dividends*.

*L-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni*

Matul dawn l-aħħar tliet snin, il-gvern qiegħed fuq nett fil-lista tal-prijoritajiet tiegħu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza tas-servizz pubbliku b'aktar użu tat-teknoloġija tal-informatika. Il-gvern irid jara valur miżjud f'dawn is-servizzi pubbliċi li, allura, jirrendi aktar effiċjenza u produttività għas-settur privat u għall-pubbliku in ġenerali.

Għaldaqstant, il-gvern nieda l-Istrateġija Nazzjonali għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni bil-għan li jimplimenta matul it-tliet snin li ġejjin. Dan hu proġett ambizzjuż li jżid l-importanza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni fil-gvern u t-titjib tal-produttività tagħna, u fil-kwalità tal-ħajja tal-Maltin.

L-istrateġija timmira li ġġib 90% tas-settur privat on-line mas-servizz pubbliku sat-tmiem l-2006. B'hekk, dawk l-industriji li jesportaw ikunu jistgħu jużaw is-servizzi pubbliċi elettronikament.

Dan it-titjib fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-kommunikazzjoni fis-servizz pubbliku għandu jinċentiva u jgħin l-industrija tagħna biex issaħħaħ l-investiment f'dawn it-tekonoloġiji bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza u l-produttività tagħha.

L-istrateġija timmira li ġġib 50% tal-maltin li jużaw l-*internet* jieħdu s-servizzi pubbliċi tagħhom elettronikament sa tmiem l-2006.

Hawn ta' min isemmi li saħansitra fl-iskejjel ta' l-Istat din is-sena se jkun tlesta proġett li beda erba' snin ilu u li, b'mhux anqas minn 5,000 kompjuter fl-iskejjel kollha, l-istudenti kollha se jkollhom indirizz tal-*e-mail* kull wieħed. Dan jawgura tajjeb biex ikollna ġenerazzjonijiet futuri mhux biss familjari iżda wkoll imħarrġin biżżejjed fl-użu tal-informatika li saret għodda mportanti fil-ħajja ta' kull wieħed minna.

L-istrateġija timmira li ġġib 60% tal-maltin li jużaw l-*internet* imqabbda ma' *broadband connection* sa tmiem l-2006.

Sa tmiem l-2006 ukoll, Malta jkollha faċilitajiet eċċellenti fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni li jkunu jaqdu l-ħtiġijiet tal-investitur barrani.

Nemmnu wkoll li l-ażjendi maltin, anke dawk żgħar, għandhom il-potenzjal li jiffjorixxu fis-suq dinji, kemm il-darba jagħrfu jużaw it-tekonoloġija u t-tkattir ta' l-*internet* biex jaħdmu aħjar. Għalhekk:

- Ser noffru inċentivi fiskali lil dawk il-kumpaniji li se joħolqu jew itejbu sistemi ta' kummerċ u bejgħ elettroniku kif ukoll dawk li jinvestu biex itejbu l-produttività tagħhom permezz tat-teknoloġija.

- Barra minnhekk, se niżviluppaw *trustmark scheme* biex min jixtri minn fuq l-*internet* mingħand kumpaniji Maltin, ċertifikati minn din l-iskema, jkollu rasu mistrieħa li qed jixtri prodott leġittimu u li t-transazzjoni qed issir f'ambjent ta' sigurtà.

*Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Impjiegi*

Bl-iskop li ngħinu t-tkabbir ta' l-ekonomija u l-ħolqien ta' l-impjiegi, l-gvern qed jivvota Lm1 miljun oħra għal miżuri biex jitwettqu diversi inizjattivi li qed nipproponu fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Impjiegi (NAP) li diġà ġie ppubblikat u mqassam lill-Onorevoli Membri. Ftit ġranet ilu, l-Kamra approvat l-Estimi ta' Nfiq tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (ETC) li, bejn il-vot allokat lilha ta' Lm2.6 miljun, il-fondi ta' Lm1.5 miljun mill-Fond Soċjali Ewropew għal diversi proġetti, u l-Lm1 miljun għan-NAP, ser tkun qed tiġġestixxi servizzi u programmi ta' aktar minn Lm5 miljuni favur il-ħaddiema.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-impjiegi jipprovdi total ta' 81 miżura minsuġin b'mod ko-ordinat bejn diversi aġenziji u dipartimenti tal-gvern, ewlenin fosthom l-ETC, il-*Malta Enterprise*, il-Ministeru għal Għawdex, it-Turiżmu u s-settur edukattivi.

Fost dawn il-miżuri nsibu:

- Miżuri preventivi mandatorji li jaħsbu biex fuq bażi kemm jista' jkun personalizzata kull persuna tingħata gwida effettiva biex issib ix-xogħol.

- Miżuri attivi mandatorji li jpoġġu lil min qed jirreġistra fi skemi ta' taħriġ u ta' xogħol, fosthom skemi ta' *traineeship* ta' bejn 13 u 52 ġimgħa f'oqsma ta' xogħol partikolari skond id-domanda tas-suq tax-xogħol, kif ukoll fi skemi ta' xogħol fil-komunità. F'uħud minn dawn l-iskemi, min iħaddem jingħata għotjiet għat-taħriġ jew sussidji li jammontaw għal nofs il-paga minima jew is-salarju għall-perjodu tat-taħriġ/xogħol jew parti minnu.

- *Training and Employment Exposure Scheme,* proġett finanzjat bl-għanjuna tal-Fond Soċjali Ewropew li jimmira li jħarreġ 400 persuna ta' 40 sena jew aktar li qed jirreġistraw għax-xogħol billi jpoġġihom fuq taħriġ u xogħol għal perjodu ta' sena bl-iskop li jirrintegrahom fis-suq tax-xogħol.

- *Childcare Project* li minbarra taħriġ jaħseb ukoll biex iniedi pakkett ta' inċentivi għall-kumpaniji li jwaqqfu u jmexxu servizz ta' ħarsien u kura għal ulied l-impjegati tagħhom.

- *Supported Employment Scheme* li ser taħseb biex tappoġġja b'mod speċjali persuni b'diżabilità li qed jirreġistraw għax-xogħol. L-ETC ser tipprovdi appoġġ temporanju jew

permanenti permezz ta' *job coaching*, assistenza personali, u inċentivi finanzjarji lil min iħaddem.

- Proġett speċjali għal Għawdex fejn jingħata servizz ta' appoġġ lin-negozji ż-żgħar, taħriġ lil min irid jarma għal rasu, korsijiet intensivi fl-industrija tat-turiżmu, u miżuri oħra għal min ikun qed jirreġistra għax-xogħol.

- Sallum ħaddiem *full-time* jew persuna *self-employed* kienet eleġibbli għall-rata ta' taxxa fissa ta' 15% fuq il-qligħ mit-tieni impieg, sa dħul massimu ta' Lm3,000. B'seħħ mill-ewwel ta' Jannar tas-sena d-dieħla, koppja li tagħżel li tkun intaxxata b'komputazzjoni konġunta, ser ikollha d-dritt li tibbenefika minn dan l-istess trattament.

- Mill-ewwwel ta' Jannar 2005, nisa li kienu inattivi mid-dinja tax-xogħol għal aktar minn ħames snin se jiġu mogħtija eżenzjoni mit-taxxa ta' darba għall-ewwel sena li jirritornaw lura għax-xogħol.

## IT-TIENI PRIJORITÀ - L-EDUKAZZJONI

Il-Gvern ilu li għaraf bil-fatti kemm l-edukazzjoni hija l-fus li madwaru jseħħ kull żvilupp. L-iżvilupp li wettaqna f'kull saff u qasam tas-sistemà edukattiva qed jagħti riżultati tajbin li huma kruċjali għall-ekonomija ta' pajjiżna u l-iżvilupp soċjali u kulturali tal-poplu tagħna. Qatt daqs issa ma kellna daqstant żgħażagħ u adulti li jkomplu l-istudji u t-taħriġ tagħhom wara li jkunu komplew l-edukazzjoni obbligatorja. Iżda, il-pajjiż jeħtieġ ħafna aktar nisa u rġiel, Maltin u Għawdxin, u jekk jista' jkun lil kulħadd, li jkollhom l-aqwa u l-ogħla żvilupp possibbli ta' l-intelliġenza u t-talenti tagħhom.

Għas-sena d-dieħla, fl-edukazzjoni biss, il-gvern qed jistmà investiment ta' xejn anqas minn Lm103 miljuni. Din l-ispiża rikurrenti u kapitali għall-edukazzjoni se tkun Lm13-il miljun aktar minn dik li approvajna għal 2004.

Analiżi kritika ta' dan il-qasam turi li, filwaqt li l-politika u l-istrateġiji li ħaddimna fl-aħħar ħmistax-il sena taw ħafna frott bnin li mingħajru pajjiżna qatt ma seta' jilħaq il-kwalità ta' ħajja li laħaq, issa hemm ħtieġa urġenti ta' tiġdid tas-sistema edukattiva minn isfel sa fuq biex nassiguraw kwalità u *standards* aħjar għall-poplu kollu tagħna. Hu, għalhekk, li l-gvern qed ikompli jagħti l-ogħla prijorità lill-edukazzjoni.

- Il-gvern jitlaq mill-punt li kulħadd f'Malta jaqbel ma' din il-prijorità u kulħadd lest li, fid-diversità ta' l-ideat, iħares lejn l-edukazzjoni mill-lenti tal-interess nazzjonali u l-ġid komuni. Dan il-qbil nazzjonali għandu jkun il-bażi biex tul din is-sena jinkiseb konsensus l-aktar wiesà possibbli għar-riformi meħtieġa f'dan is-settur.

- Il-gvern qed iħares mill-ġdid lejn l-edukazzjoni bikrija sa mit-twelid. Il-gvern jemmen li ħadd ma jistà, jew għandu, jieħu post il-ġenituri fit-trobbija u l-edukazzoni tal-ulied fi ħdan il-familja. Iżda, fejn il-ġenituri ma jkunux jistgħu jagħmlu mod

ieħor, kif ukoll minħabba mpenji dejjem jiżdiedu ta' xogħol ikun jeħtiġilhom jafdaw l-uliedhom f'ċentri ta'kura għat-tfal żgħar.

- Għalhekk, il-gvern beħsiebu jirregola l-kwalità ta' dawn il-faċilitajiet biex ikun żgurat is-sigurtà u l-ħarsien kif ukoll l-iżvilupp edukattiv tat-tfal.

- Il-gvern beħsiebu wkoll iniedi riforma biex itejjeb u jsaħħaħ it-tmexxija u l-kwalità ta' l-iskejjel primarji u sekondarji ta' l-Istat. Il-gvern jaf li ġenituri u għalliema jridu proċess bl-anqas skossi u b'aktar kontinwità fil-mixja edukattiva ta' uliedhom. Nemmnu li l-pass importanti f'din id-direzzjoni huwa aktar awtonomija f'qafas miftiehem ta' tmexxija ta' l-iskejjel tal-Istat minsuġa fi gruppi, flimkien ma' strutturi ċentrali li kapaċi jirregolaw u joperaw b'mod aktar effettiv.

- Għal dan l-iskop, il-gvern qed jibda billi jalloka s-somma ta' Lm200,000 speċifikament biex jiġi mniedi l-Programm ta' Riforma Edukattiva f'qafas ġdid ta' edukazzjoni tul il-ħajja. Fil-ġejjieni qrib ser jiġi ppubblikat dokument għad-diskussjoni dwar proposti ta' ristrutturar f'dan il-livell tas-sistema edukattiva.

- Il-gvern jaf ukoll kemm huma kruċjali l-istrutturi, l-faċilitajiet u l-ambjent ta' l-iskejjel. Huwa, għalhekk, li l-gvern jibqa' kommess għall-pjan tiegħu ta' bini u mmodernizzar ta' l-iskejjel kollha ta' l-Istat biex fuq firxa ta' snin l-iskejjel kollha jkunu tal-kwalità meħtieġa. Filwaqt li din is-sena il-gvern qed jalloka s-somma kapitali ta' Lm3.2 miljun, bejn il-*Foundation for Tomorrow's Schools* u t-tagħmir u t-tekonoloġija ta' l-informatika fl-iskejjel tal-gvern, bl-arranġamenti finanzjarji eżistenti bejn il-gvern u l-*Foundation for Tomorrow's Schools* hu mistenni li l-programm ta' investiment f'bini u mmodernizzar

ta' skejjel fis-sena 2005 jammonta b'kollox għal aktar minn Lm6 miljuni.

- Irrid insemmi ukoll il-vot ta' Lm11.5 miljuni li l-gvern qed jipproponi għall-iskejjel tal-Knisja, somma li hi miljun u kwart aktar minn dik li vvutajna għal din is-sena.

- Settur li jippreżenta sfidi partikolari huwa dak post-sekondarju, vokazzjonali u terzjarju. Il-politika tal-gvern f'dan is-settur tant qed ikollha suċċess li n-numru taż-żgħażagħ li qed jifhmu l-bżonn li jkomplu l-istudju u t-taħriġ tagħhom wara li jagħlqu s-sittax-il sena żdied minn sena għall-oħra. B'danakollu, Malta għad jonqosha sew, biex tilħaq ir-rata ta' parteċipazzjoni fi programmi edukattivi ta' żgħażagħ taħt it-tnejn u għoxrin sena u adulti kif meħtieġ fl-ekonomija tal-lum. Huwa ċar li l-policies u l-istrateġiji li ħaddimna f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena issa taw il-frott tagħhom u jeħtieġ li jiġu sostnuti, aġġornati u riformati.

- Il-gvern hu konxju tal-bżonnijiet immedjati f'dan is-settur u, għaldaqstant, għas-sena d-dieħla qed jipproponi żieda fil-vot rikurrenti ta' l-Università, l-*Junior College*, u l-MCAST ta' ftit anqas minn Lm2 miljuni, għas-somma globali ta' Lm17-il miljun.

- Barra minn hekk, il-gvern ser jerġa' jinvesti s-somma kapitali ta' Lm720,000 fl-Università u ta' Lm900,000 fl-MCAST.

Barra minn dan, qegħdin nivvutaw is-somma ta' kważi Lm9 miljuni għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti fis-settur post-sekondarju, vokazzjonali u terzjarju.

Iżda, il-gvern issa jrid iġedded l-istituzzjonijiet u joħloq bażi ġdida għall-ġejjieni tal-finanzjament sew ta' l-Università kif ukoll ta' l-*MCAST*, l-*ITS* u s-settur post-sekondarju kollu, inkluż l-appoġġ

finanzjarju li jirċievu l-istudenti. Kien, għalhekk, li l-gvern ħejja rapport dwar il-Finanzjament ta' l-Edukazzjoni Ogħla ta' l-Istat li diġà ġie ppubblikat u tqassam lill-Onorevoli Membri. Il-gvern iqis li r-rapport jagħti stampa fattwali tas-sitwazzjoni u tad-direzzjoni ġdida li għandha tiġi kkunsidrata. Issa bdejna djalogu miftuħ biex insibu l-akbar konsensus possibli għad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu.

Bl-iskop li l-gvern iwettaq aħjar dawn ir-riformi ser iwaqqaf Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla u diġà qed jieħu l-passi biex dan is-settur jitpoġġa fuq is-sistema ta' *budgets zero-based*, rikurrenti u kapitali, ta' tliet snin.

Minbarra bażi ġdida ta' finanzjament għal dan is-settur, il-gvern ser idaħħal ukoll sistemi ġodda ta' verifika u evalwazzjoni biex l-istituzzjonijiet edukattivi, mill-iċken sal-ogħla livell, jagħtu rendikont sħiħ tal-kwalità tal-ħidma u r-riżultati kif ukoll tan-nefqa tagħhom.

**L-iSport**

L-attività sportiva hija wkoll parti ntegrali minn dan ix-xenarju.

- Għalhekk, il-Kunsill Malti għall-Isport ser jingħatawlu fondi li jammontaw għal Lm1.3 miljuni. Matul is-sena li ġejja għandhom ikunu ġew finalizzati l-pjanti u d-dokumenti għall-ħruġ għall-offerti għall-kostruzzjoni tal-kumpless sportiv reġjonali ħdejn l-iskola l-ġdida li qed tinbena fil-limiti ta' Ħal Kirkop.

- Barra minn hekk, il-Kunsill ngħata direzzjoni sabiex jiżviluppa proposta ta' sħubija bejn il-gvern u l-privat biex kemm jista' jkun malajr jkun disinjat u mibni l-kumpless sportiv reġjonali fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

## IT-TIELET PRIORITÀ: L-AMBJENT

### L-Immaniġġjar tal-Ambjent

L-iżvilupp ta' pajjiż ma jitkejjilx biss f'termini finanzjarji iżda wkoll fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni tiegħu. Biex niżguraw li l-kwalità tal-ħajja tagħna titjieb u biex nagħmlu lil pajjiżna isbaħ milli hu, jeħtieġ li, flimkien mal-kompetittività, intejbu wkoll l-ambjent.

Matul din is-sena, għamilna ħafna sforzi mhux biss biex intejbu l-ambjent iżda wkoll biex niżguraw li dawk kollha li qed jaħdmu fil-qasam ambjentali jagħmlu dan b'mod miftiehem u ko-ordinat u li t-titjib ambjentali jkun maħsub u żviluppat b'mod strateġiku. B'hekk, niżguraw li dawn l-isforzi jkunu mmirati lejn il-prijoratijiet ambjentali tal-gżejjer tagħna pass pass mal-impenji tagħna nternazzjonali.

Il-prijoritajiet ambjentali tagħna għas-snin li ġejjin se jġibu magħhom bidla, fost oħrajn, fl-oqsma tal-immaniġġjar tal-iskart, tal-kwalità tal-arja, tal-kwalità tal-ilma u bio-diversità.

- Għat-tliet snin li ġejjin hemm investiment ta' madwar Lm13.8 miljuni biex jinbnew il-faċilitajiet neċessarji. Dawn il-faċilitajiet huma maħsuba li jirċievu u jittrattaw skart iġġenerat mid-djar u minn entitajiet kummerċjali u ndustrijali. Ammont sostanzjali minn dan l-investiment, li jlaħħaq madwar 75% ser jiġi ffinanzjat minn Fondi ta' l-Unjoni Ewropea iżda dan ma jinkludix l-ispiża rikurrenti biex nimmaniġġjaw dawn il-faċilitajiet.

- Matul is-sena 2005, il-gvern ser jagħti kuntratt għall-proġett sabiex jissaħħu xi ġnub tal-miżbliet li huma dgħajfa kif ukoll jinġabru l-gassijiet ħerġin mill-miżbliet antiki tal-Magħtab, Qortin u Wied Fulija, jintfew in-nirien u jibda' l-proċess ta' riabilitazzjoni.

- Fil-frattemp, il-gvern ser ikompli jestendi l-inizjattivi għas-separazzjoni ta' skart mid-djar. In-numru ta' *bring-in sites* fl-iskejjel u fil-lokalitajiet tagħna se jkompli jiżdied sabiex l-inkonvenjent għal min irid jipparteċipa jitnaqqas.

- Se jiġu żviluppati wkoll siti fejn wieħed jista' jiddisponi minn skart goff; dan ukoll b'għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea.

Is-sena d-dieħla se nwettqu xogħolijiet infrastrutturali kbar fil-qasam tal-iskart likwidu.

- Se jitwaqqfu żewġ impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ, waħda f'Għawdex u oħra fit-tramuntana ta' Malta. L-impjant ta' Għawdex se jkun jiswa Lm1.67 miljuni li minnhom Lm1.3 miljuni se jkunu ffinanzjati mill-Fondi tal-*Pre-Accession* tal-Unjoni Ewropea. L-impjant tat-tisfija fit-tramuntana ta' Malta mistenni jiswa' madwar Lm5 miljuni li tliet kwarti minnhom se jkunu ffinanzjati mill-Ħames Protokoll Finanzjarju Taljan.

Qasam ieħor hu dak li nnaqqsu kemm nistgħu l-effett negattiv ambjentali fuq is-saħħa. Hawn qed isir ħafna xogħol fir-rigward tal-moniteraġġ tal-kwalità tal-arja u tal-ilma. L-għan hu li, fi żmien qasir ikollna tliet ċentri għall-moniteraġġ tal-arja.

Fil-qasam tal-bio-diversità ġew identifikati bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea u tal-Ġnus Magħquda madwar 26 lokalità f'Malta u 10 f'Għawdex barra Kemmuna, il-Gżejjer ta' San Pawl u Filfla fejn tkun protetta n-natura kif ukoll l-ewwel żona ta' Protezzjoni fil-Baħar (*Marine Protected Area).*

Malta għandha klima ideali għall-ġenerazzjoni tal-enerġija alternattiva bħal dik mix-xemx u r-riħ. Għal dan il-għan, l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi qed tfassal *policy* dwar l-enerġija alternattiva f'pajjiżna. Diġà sar abbozz ta' din il-*policy* dwar l-enerġija li hu bbażat fuq l-

obbligi ta' Malta mal-Unjoni Ewropea. Din il-politika għandha twassal biex tkun magħrufa liema hi l-aħjar sistema li tista' tintuża f'pajjiżna.

**Ħlas ta' Darba Waħda fuq ix-Xiri ta'** ***Solar Heating Energy Savers*** **u l-Akkwist ta' Karozza Taħdem bl-Elettriku**

Pass ieħor konkret li qed jieħu dan il-gvern biex ikompli jinċentiva l-użu ta' enerġija alternattiva hu dak dwar l-installazzjoni ta' *solar water heaters.*

Fid-Diskors tal-*Budget* 2001, il-gvern ħabbar tnaqqis fir-rata tal-VAT fuq apparat ta' enerġija alternattiva bħal *solar water heaters* u *solar panels,* minn 15% għal 5%.

Iżda, fl-1 ta' Mejju 2004, b'konformità mar-regoli fl-Unjoni Ewropea, din ir-rata telgħet lura għall-għola rata applikabbli, jiġifieri dik ta' 18%.

- B'effett mill-1 ta' Jannar li ġej, il-gvern se jagħti lura fi ħlas ta' darba ammont ekwivalenti għal 15.25% tal-valur CIF, sakemm dan il-ħlas ma jkunx aktar minn Lm50, fuq ix-xiri minn *household* ta' prodott li jaħdem bl-enerġija solari.

Tajjeb wieħed isemmi hawn, li l-Korporazzjoni *Enemalta* wkoll qed tagħti nċentiv ieħor li jissarraf fl-ewwel installazzjoni b'xejn tal-*mains* tal-elettriku f'dar ġdida fejn ikun imqiegħed apparat bħal *solar heaters* u *solar panels.*

- Fir-rigward ta' karozzi jaħdmu bl-elettriku, ukoll b'effett mill-1 ta' Jannar li ġej, il-gvern se jagħti lura fi ħlas wieħed ammont ekwivalenti għal 15.25% tal-valur tax-xiri ta' l-istess karozza, sakemm dan il-ħlas ma jkunx aktar minn Lm500.

**Riċiklaġġ ta' Żejt tal-Ikel f'*Bio-diesel***

Bħala parti mill-isforzi tiegħu biex iħares l-ambjent, il-gvern qed ifittex sorsi alternattivi ta' enerġija. Wieħed minn dawn is-sorsi hu dak tal-*bio-diesel* – prodott li hu maħdum miż-żjut tal-ikel u mix-xaħmijiet li jinġabru mill-fdalijiet tat-tisjir fl-industrija tal-*catering* kif ukoll minn fdalijiet ta' annimali maqtula fil-biċċerija u fl-industrija tal-laħam.

Dan il-materjal ikun proċessat u jitħallat mal-*gas-oil* normali biex jipproduċi l-*bio diesel*. 20% mill-prodott finali jkun ġej minn dan is-sors.

L-użu ta' dan is-sors qed jilħaq żewġ għanijiet ewlenin – l-ewwel, li dawn iż-żjut u xaħmijiet ma jiġux skartati għad-dannu tal-ambjent u tas-sistema tad-drenaġġ u, t-tieni, li meta jintużaw kif qed insemmi, ma jarmux emmisjonijiet fl-arja li meta jkunu qed jinħarqu jniġġzu l-arja u jagħmlu ħsara lil saħħitna.

Għaldaqstant, il-gvern qed jaħseb biex, eventwalment, jagħti eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju fuq is-sisa fuq dik il-parti mill-*bio-fuel* jiġifieri 20% tal-prodott finali. Din l-eżenzjoni hi maħsuba li tingħata f'kuntest ta' programm ta' żvillupp mifrux fuq numru ta' snin bil-għan li sservi ta' nċentiv għall-produzzjoni kummerċjali ta' dan il-prodott.

**Il-Prinċipju ta' Min Iħammeġ Iħallas**

L-ispiża totali għall-immaniġġjar tal-iskart se tkun iffinanzjata parti minn fondi mill-Unjoni Ewropea, parti minn fondi pubbliċi u parti mid-dħul li qed niġġeneraw minn din il-kontribuzzjoni.

Kif kien tħabbar fil-*budget* tas-sena l-oħra, din is-sena, daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni li jimplimenta l-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni fuq numru ta' prodotti.

Issa, qed nersqu lejn fażi oħra bħala sehem mill-istess regolamenti, jiġifieri t-twaqqif ta' Kummissjoni teknika b'kompetenzi varji dwar l-amministrazzjoni ta' dan il-ħlas.

Qegħdin nimmiraw li l-importaturi u l-produtturi stess joħolqu inċentiv jew motivazzjoni għall-konsumatur biex dan ireġġa' lura minn fejn xtrah il-kontenitur tal-prodott użat taħt skemi mnedija mill-istess importatur jew produttur. Kemm-il darba dawn jassumu din ir-responsabilità bl-akbar impenn u effiċjenza, allura jkunu eżenti mill-ħlas tal-eko-kontribuzzjoni. Sakemm dawn l-iskemi jkunu maħsuba u mħaddma sew, l-industrija maltija tibbenefika mill-vantaġġ tas-suq li jseħħ minn tmexxija għaqlija, ambjentali u mill-kapaċità li jeħles mill-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni.

Hu stmat li s-sena d-dieħla din l-ispiża għall-immaniġġjar tal-iskart u l-ħarsien tal-ambjent sejra tirdoppja minn Lm3 miljuni għal Lm6 miljuni. Għalhekk, mill-1 ta' Jannar li ġej ser tiżdied il-lista ta' oġġetti li fuqhom titħallas il-kontribuzzjoni, inkluż basktijiet tal-plastik u kontenituri ta' prodotti u oġġetti li jħallu impatt fuq il-volum ta' skart ġenerat f'pajjiżna. Id-dħul minn din iż-żieda fil-kontribuzzjoni s-sena d-dieħla mistenni jitla' għal Lm2 miljuni.

Dawn il-prodotti, minn barra basktijiet tal-plastik, jinkludu kontenituri tal-plastic għal *shampoos* u *toothpaste*, kontenituri tal-*plastic* għal-likwidu tat-tindif, saqqijiet, skrataċ u munizzjon, oġġetti tal-plastik tal-kċina, *chewing gum* u numru ta' prodotti eletroniċi oħra.

Tajjeb wieħed jgħid li madwar 52 miljun basket tal-plastic jintużaw kull sena, li l-parti l-kbira minnhom jispiċċaw jintremgħu.

Wara l-għeluq tal-Magħtab u f'Tal-Fulija f'Malta u l-Qortin f'Għawdex fl-1 ta' Mejju ta' din is-sena issa jeħtieġ ninvestu bil-kbir biex nibnu l-faċilitajiet moderni li għandna bżonn biex nipproċessaw l-iskart li niġġeneraw aħna stess.

**Agrikultura u Sajd**

Għas-settur agrikolu, f'dawn it-32 xahar sa tmiem l-2006, Malta qed tħaddem programm li se jkun jiswà total ta' madwar Lm15-il miljun li minnhom Lm12-il miljun jingħataw lilha mill-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola. Il-kumplament, jiġifieri madwar Lm3 miljuni, jinħarġu mill-gvern malti. Wieħed irid jifhem li l-investiment f'dan is-settur huwa nvestiment dirett ukoll għall-ambjent ta' pajjiżna. Dawn il-fondi se jmorru biex jiffinanzjaw prijoritajiet fosthom:

- l-immoderniżżar tal-oqsma agrikoli fejn għandhom x'jaqsmu l-kwalità u l-kompetittività kemm mill-bdiewa u r-raħħala;
- l-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent filwaqt li jipproteġu l-patrimonju rurali;
- l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp għall-Qasam Agrikolu.

Qegħdin ninvestu wkoll fil-qasam tas-sajd anke bl-għajnuna li ġejja mill-Unjoni Ewropea sabiex is-sajjieda tagħna jimmoderniżżaw l-opri tal-baħar tagħhom. Il-gvern qiegħed jinvesti wkoll fl-infrastruttura marbuta mà dan is-settur.

Aktar dettalji jinsabu f'Tabella Numru 2 f'dan id-Diskors li nitlob il-Kamra li tieħu b'moqrija.

**Titjib u Tisbieħ tat-Toroq**

Ma nistax ma nsemmix ukoll it-titjib kbir li qed isir fit-toroq ta' pajjiżna b'investiment totali ta' mhux anqas minn Lm14.4 -il miljun fis-sena.

Nixtieq ukoll nenfasiżża l-impenn tal-gvern li jkompli jsebbaħ id-dehra ta' l-ibliet u rħula ta' pajjiżna fi proġetti ta' tisbieħ. Għal dan il-

*Tabella Nru. 2*

**EUROPEAN AGRICULTURE GUIDANCE AND GUARANTEE FUNDS 2004 - 2006**

| | | **ALLOCATED FUNDS (EUR)** | | |
|---|---|---|---|---|
| ***MEASURE*** | ***SOURCE*** | ***TOTAL*** | ***EU*** | ***PUBLIC FUNDS*** |
| Producers' Groups | EAGGF | 1,350,000 | 1,080,000 | 270,000 |
| Agri-Environment | EAGGF | 4,800,800 | 3,840,640 | 960,160 |
| Less Favoured Areas | EAGGF | 6,000,000 | 4,800,000 | 1,200,000 |
| Ad hoc Measures | EAGGF | 7,400,000 | 5,920,000 | 1,480,000 |
| Meeting Standards | EAGGF | 6,064,200 | 4,851,360 | 1,212,840 |
| Technical Assistance | EAGGF | 1,285,000 | 1,028,000 | 257,000 |
| State Aid Complement | EAGGF | 6,725,000 | 5,380,000 | 1,345,000 |
| **TOTAL** | | **33,625,000** | **26,900,000** | **6,725,000** |

għan il-Gvern qed jivvota s-somma ta' Lm2.4 miljuni bħala spiża kapitali, bl-allokazzjoni ta' Lm200,000 għal xiri ta' apparat biex b'hekk nużaw aħjar ir-riżorsi umani disponibbli fid-Diviżjoni tax-Xogħolijiet Pubbliċi.

**Għawdex**

Il-miżuri kollha li semmejt qabel huma kollha relatati direttament jew indirettament mal-gżira ta' Għawdex.  Madanakollu, l-gvern jerġa' jtenni li Għawdex irid ikollu attenzjoni partikolari.

Il-gvern għandu tliet prijoritajiet li huma:

- li ntaffu kemm nistgħu l-problemi ta' periferalità u ta' insularità doppja;
- li nsaħħu l-ekonomija tal-gżira; u
- li nnaqqsu l-fraġilità soċjali tal-komunità Għawdxija.

Fost il-miżuri konkreti li jridu jitwettqu f'Għawdex hemm:

- il-bini ta' *golf course*;
- il-bini ta' aktar faċilitajiet ta' rmiġġ għall-jottijiet;
- casino f'Għawdex;
- aktar *dive-sites* artifiċjali u *recompression chamber*;
- it-tkomplija tal-proġett għall-portijiet tal-Imġarr u ċ-Ċirkewwa
- ċentru tà nkubazzjoni għat-twaqqif ta' negozji żgħar fl-oqsma ta' l-artiġjanat u tat-teknoloġija ta' l-informatika;
- bini mill-ġdid ta' toroq;
- skemi ta' mpjiegi u taħriġ għall-ħaddiema; u
- il-Proġett ta' *Chambray* u il-Proġett tal-Ġgantija.

Dawn il-proġetti jibdew jitwettqu fix-xhur li ġejjin u huma ko-ffinanzjati, fost proġetti oħra, minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-gvern qed jaħdem ukoll fuq strateġija ġdida għat-tisħiħ tal-industrija u l-kummerċ f'Għawdex u qed iħejji pakkett ġdid ta' għodda finanzjarja bil-għan li jagħmel tajjeb għall-iżvantaġġi li dawn l-oqsma jbatu minnhom f'Għawdex minħabba l-insularità doppja, il-periferalità u ċ-ċokon tas-suq fil-gżira.

Finalment, il-gvern jiddikjara li m'hemm l-ebda ħsieb li jżid it-tariffi tal-*Gozo Channel Co. Ltd* minnħabba l-VAT.

**Miżuri Fiskali**

*Il-Prezz taż-Żejt u l-Impatt fuq l-Ispiża Pubblika*

Ma nistgħux naħarbu mir-realtà li d-dinja qegħda tiffaċja minħabba ż-żieda fil-prezz taż-żejt.

Kulħadd jaf li l-qagħda ekonomika nternazzjonali tul din l-aħħar sena kienet karatteriżżata minn inċertezza kbira minnħabba fil-prezz taż-żejt. Malta tuża biss żjut biex tiġġenera l-elettriku u allura bilfors li l-*Enemalta* ħasset l-impatt taż-żieda eżorbitanti fil-prezz.

Mill-1998 'l hawn il-prezz ta' l-elettriku u l-ilma ma ċċaqlaqx waqt li ogħla l-prezz tal-kompetituri nternazzjonali tagħna. Iż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali taż-żjut li se tkun seħħet sa l-aħħar ta' din is-sena mhux ser tgħaddi fuq il-konsumatur, iżda se tkun kollha assorbita mill-*Enemalta* u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (KSI). Dan ifisser li, waqt li l-kompetituri ta' l-industrija Maltija qed iħallsu kontijiet ogħla, l-kompetittività tal-prodotti Maltin ingħatat vantaġġ ieħor. Dan ifisser ukoll li l-*Enemalta* se tassorbi mal-Lm14-il miljun. Din hija l-kelma li kont tajt f'Awwissu ta' din is-sena u hekk fil-fatt għamilna. Għamilna dan filwaqt li xorta lħaqna l-miri finanzjarji għal din is-sena.

Irrid infakkar li l-aħħar ċaqliq fil-prezzijiet ta' l-elettriku u l-ilma li kellna f'Malta kien ċaqliq ta' tnaqqis u mhux tà żieda. Dak in nhar, il-gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista reġġa' lura ż-żidiet qawwija li kien impona l-gvern preċedenti u li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-prezz internazzjonali taż-żejt.

Dak in-nhar, il-gvern ta' dak iż-żmien, żied ir-rati ta' l-elettriku u l-ilma b'mod goff fejn, għal xi konsumaturi, l-kont tad-dawl kien tlett darbiet aktar milli kien qabel. Dan, minnbarra l-introduzzjoni ta' taxxa bieb bieb li suppost tħallas għall-ispiża tal-manutenzjoni tad-drenaġġ. Fl-1997, il-gvern ta' dak iż-żmien kien għolla bi kważi 90% l-

kont tad-dawl u l-ilma tà familja ta' tlett persuni b'konsum medju. Wara l-elezzjoni ta' l-1998 il-gvern niżżel din iż-żieda għal 19%.

Meta l-gvern Laburista ntroduċa dawn iż-żidiet fl-1997, il-prezz internazzjonali taż-żejt kien bejn wieħed u ieħor US$ 12-il barmil. Din is-sena, l-prezz internazzjonali taż-żejt qabeż il-US$ 50.

Il-gvern illum għadu tal-fehma li għandu jibqa' mpenjat bis-sħiħ biex kull sena jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u l-ineficċjenzi fl-Enemalta u fil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Kull sena, mill-1998 'l hawn li m'għolewx ir-rati tad-dawl u l-ilma, żdiedet il-pressjoni fuq l-Enemalta u l- Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Filwaqt li wieħed ma jistax jiċħad il-fatt li l-Enemalta m'għandiex kontroll fuq il-prezz internazzjonali taż-żejt, il-gvern irid jiżgura li kull minn qed jiġi mitlub iħallas iżjed jagħmel dan minħabba iż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt u mhux minħabba ineffiċjenza.

Fl-2005, l-Enemalta mistennija tonfoq Lm48 miljun biex tħallas għaż-żjut għall-elettriku. Dan ifisser li l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt fuq l-Enemalta għall-2005 hu proġettat li jkun ftit aktar minn Lm16-il miljun.

Ma rridux inqisu biss l-impatt fuq l-Enemalta. Kwart ta' l-elettriku kollu ġġenerat għal skopijiet industrijali jintuża mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma biex tibdel l-ilma baħar fl-ilma tax-xorb.

Ħarxa kemm hi ħarxa, din hi r-realta u rridu nindirizzawha.

Fid-diskussjoniet li kellna mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-gvern għamel numru ta' impenji li tajjeb li ntenni hawn.

M'aħniex se niġbru lura s-sittax –il miljun lira mingħand il-konsumatur li rrizultat miż-żieda fil-prezz taż-żejt. Il-Gvern iddeċieda li l-Enemalta ser ikollha tassorbi Lm8.3 miljuni minn din iż-

żieda u tgħaddi biss Lm7.7 miljuni lil-konsumatur. Ser inwaqqfu wkoll kumitat konsultattiv magħmul minn ekonomisti, esperti fil-qasam taż-żjut u rappreżentanti tal-Bank Ċentrali biex jagħti pariri dwar kif l-aħjar li nixtru ż-żejt biex insibu l-aktar prezzijiet li jaqblu għalina. Il-mod li bih jinxtara iż-żejt m'għandux jibqa' *issue* politiku.

F'Malta għandna madwar 11,000 dar meqjusa bħala każijiet soċjali li llum iħallsu medja ta' Lm7.50 fis-sena għall-elettriku, inkluża l-kera tal-*meter*. Dawn il-familji ser jibqgħu iħallsu l-kont tad-dawl mingħajr il-*fuel surcharge*. Ebda miżura fil-kontijiet ta' l-elettriku m'hi se tolqot il-familji bi bżonnijiet soċjali speċjali.

M'aħniex ser immissu r-rati ta' l-elettriku u ta' l-ilma. Minflok, se tiddaħħal *surcharge* għaż-żejt li ser tkun tidher apparti fil-kont tal-konsumaturi. Għalhekk se niġbru biss Lm7.7 miljuni mingħand il-konsumaturi permezz ta' *fuel surcharge* ta' 17% fuq il-kont ta' l-elettriku u ta' l-ilma tal-konsumaturi kollha. Il-*fuel surcharge* ser tkun biss fuq il-konsum attwali, jiġifieri mhux se tkun applikata fuq il-ħlas tal-*meter*.

Qed ngħid ukoll illi d-differenza fil-kont ta' ebda fabbrika u ta' ebda lukanda m'għandha tkun ta' aktar minn Lm5,000 fis-sena. B'hekk ser inkunu qeghdin niżguraw li l-kompetitivita' ta' l-industrija tagħna ma titnaqqarx.

Tajjeb illi ngħid ukoll illi propju l-bieraħ ġejt infurmat mill-*Malta Hotels and Restaurants Association* li jista jkun hemm metodu differenti kif jinħadmu iż-żidiet li jkun aħjar għalihom waqt li jiżgura l-istess dħul għal Enemalta. Kif wegħedt qabel, jien nibqa'miftuħ għal kull proposta u, għalhekk, minn dan is-settur ngħid min issa li lesti nikkunsidraw dak li jiġi regolarment propost.

Il-Gvern impenjat li, l-*fuel surcharge* tiġi riveduta kull sitt xhur skond kif ikunu l-prezzijiet internazzjonali taż-żejt.

Dawn il-miżuri jibdew jgħoddu mil-1 tà Jannar tas-sena d-dieħla.

Kuntrarju għal dak li ġara fl-1997 il-gvern immexxi minni eżamina l-impatt tal-miżura li qed nieħdu fuq kull tip ta' kont.

Se nibda biex nispjega l-impatt li qed nantiċipaw fuq id-djar privati.

Kull dar ser ikollha żieda medja ta' 5ċ3 kuljum, jew 15%, fuq dak li qed tħallas illum, u li kienet tħallas fl-1998, għall-eletriku li tikkonsma. Mija u erbgħin elf dar Maltija – jiġifieri kważi kulħadd – ser jkollhom żieda ta' anqas minn Lm25 għas-sena kollha. Dan, minbarra l-11,000 każ soċjali li m'hu se jkollhom żieda ta' xejn.

Anqas ma konsumatur iħallas, anqas hija r-rata tas-*surcharge* bħala persentaġġ fuq il-kont kollu kif qed nispjega hawn :

- min illum iħallas kont sħiħ ta' Lm4.31 fix-xahar, il-kont ser jiżdiedlu b'39ċ fix-xahar(żieda ta' 9%)
- min illum iħallas kont sħiħ ta' Lm7.78 fix-xahar, il-kont ser jiżdiedlu bi 98ċ fix-xahar (żieda ta' 12.6%)
- min illum iħallas kont sħiħ ta' Lm10.09 fix-xahar, il-kont ser jiżdiedlu b'Lm1.37 fix-xahar(żieda ta' 13.6%)
- min illum iħallas kont sħiħ ta' Lm13.56, il-kont ser jiżdiedlu b'Lm1.96 fix-xahar(żieda ta' 14.5%)
- min illum iħallas kont sħiħ ta' Lm25.11 fix-xahar, il-kont ser jiżdiedlu bi Lm3.92 fix-xahar(żieda ta' 15.6%)

Fis-settur industrijali ser ikunu 168 fabbrika biss li ser jaraw l-ispejjeż tagħhom jiżdiedu b'aktar minn Lm1,700 fis-sena.

Irrid ngħid li l-*Enemalta* ser idaħħal programm ta' kontroll ġdid li ser ibiddel is-sistema preżenti ta' kif jiġi trattat is-serq ta' l-elettriku. Min ser jinqabad jisraq ser jeħel multi qawwija ħafna u mhux ser jingħata lura s-servizz qabel ma jkun ħallas l-ammonti kollha li l-

Korporazzjoni tkun dovuta. M'aħniex ser nittoleraw l-iċken abbuż minn fuq dahar l-*Enemalta,* li jispiċċa jintrefa' mill-biċċa l-kbira tal-konsumaturi li huma onesti u jħallsu għall-elettriku u l-ilma li jużaw.

Ser nieħdu wkoll miżuri biex inħajjru aktar Maltin biex fi djarhom u fuq ix-xogħol jużaw l-enerġija aktar bil-għaqal. M'hemm ebda dubju li min jikkonsuma l-elettriku bi ftit attenzjoni jista' jiffranka ħafna flus u hu d-dmir tagħna ninformaw aħjar x'miżuri sempliċi wieħed jista' jagħmel biex jaħli ftit anqas u jħallas bil-bosta anqas.

### *Il-Prezz tal-Gass*

L-*Enemalta* qiegħda ġġorr u se tkompli ġġorr id-differenza fil-prezz taċ-ċilindri tal-gass.

Ċilindru ta' 12-il kilò, li hu d-daqs użat l-aktar spiss fid-djar, illum il-konsumatur qed iħallas għalih Lm2.32. Iżda llum lill-*Enemalta* jiswielha tant li l-prezz finali taċ-ċilindru suppost ikun Lm3.75. Minn fuq kull ċilindru tal-gass, l-Enemalta qed titlef Lm1.43.

Fl-aħħar tmien snin, l-operat tal-gass fl-*Enemalta* akkumula telf ta' aktar minn Lm6 miljun u din is-sena mistenni li dan l-operat jirreġistra telf ta' Lm2.5 miljuni.

Minkejja dan, m'aħniex din is-sena se nżidu l-prezz tal-gass u t-telf f'din id-direzzjoni se jiġi assorbit mill-gvern.

### *Tabakk u Sigaretti*

Wara li l-gvern kien minn ta' l-ewwel li ħass il-ħtieġa li jilleġisla kontra t-tipjip tat-tabakk fil-pubbliku b'mod miftuħ u diskriminanti ma' dawk li ma jpejpux u li t-tipjip jagħmillhom ħsara għal saħħithom, jidher ċar li issa sab il-maġġoranza tal-poplu li temmen li dawn il-

miżuri kienu mhux biss meħtieġa iżda wkoll ekwi u ġusti ma' kulħadd.

L-imposta ta' taxxi hija miżura oħra ta' deterrent biex wieħed inaqqas it-tipjip jekk ma joqgħodx għal kollox 'il bogħod minnhom.

Din is-sena wkoll il-gvern ikkunsidra l-ħtieġa ta' ċaqliq aktar 'il fuq fid-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk fosthom is-sigaretti. B'hekk, b'effett immedjat, ser isir aġġustament fir-rati tad-dazju tas-sisa fuq il-pakketti tas-sigaretti bl-iskop li l-prezz jogħla b'ħames ċenteżmi. Rati oħra tat-tabakk jiġu relattivament aġġustati l-istess. Filwaqt li l-gvern se jkompli jeduka bla heda l-persuni ta' kull età kontra t-tipjip, se jsaħħaħ il-ġlieda kontinwa kontra l-kuntrabandu ta' dawn il-prodotti.

### *Dazju tas-Sisa fuq Mobile Telephony*

F'isfondi li nnaqqsu l-perċentwal ta' taxxi diretti, meta pparagunat mad-dħul totali fil-kaxxa ta' Malta, u li, jekk ikun hemm żieda fit-taxxi, din tkun indirizzata lejn taxxi indiretti, ser nintroduċu, b'effett immedjat sisa ta' tlieta fil-mija fuq l-ispejjeż kollha, inkluż il-kiri relatati mas-servizz ta' *mobile telephony*. Bħal kull każ ieħor fejn jidħol id-dazzju tas-sisa, id-Dipartiment tad-Dwana jiġbor is-sisa dovuta mill-kumpaniji li jipprovdu dan is-servizz.

### **Żieda fil-*Passenger Departure Tax* fuq Vjaġġi Mibdija f'Malta**

Illum, vjaġġi għal barra minn Malta huma suġġetti għal *passenger departure tax* ta' Lm10 u *passenger service charge* ta' Lm6 li t-tnejn ikunu nklużi fil-biljett. Filwaqt li l-*passenger departure tax* fuq vjaġġi bil-baħar ma' tgħaddix għand il-gvern iżda tinżamm mill-Awtorita` Marittima Maltija, l-*passenger service charge* ukoll ma tgħaddix għand il-gvern u tinżamm mill-*Malta International Airport*. Dawn iż-żewġ miżati jmorru

biex bihom jitħallas is-servizz mogħti lill-passiġġieri minn dawn iż-żewġ aġenziji tal-gvern.

Il-*passenger departure tax* ta' Lm10, iżda, tinġabar mill-linji tal-ajru fuq passiġġieri li jibdew il-vjaġġi tagħhom minn Malta u dawn jgħadduha lill-gvern.

Din il-*passenger departure tax*, iżda, ma tapplikax fuq:

- passiġgieri li jsiefru biss għal ġurnata u jirritornaw lura fl-istess jum;
- passiġgieri li jkunu waslu minn barra u qed jirritornaw lura; u
- passiġgieri li jaslu minn barra fuq vapur jew jerġgħu jħallu Malta fl-istess jum fuq l-istess vapur.

Mill-1 ta' Awissu li ġej din il-*passenger departure tax* se titla' għal Lm20 għal kull vjaġġ li jibda minn Malta. Iżda, din iż-żieda mhux se tapplika għal vjaġġi li jsiru bil-baħar.

Il-kundizzjonijiet preżenti marbuta mal-ħlas ta' din il-*passenger departure tax* jibqgħu l-istess.

***Ħlas ta' Taxxa fuq Dokumenti***

Taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti jsir ħlas ta' Lm5 f'boll fuq kull polza ta' sigurtà li ma tkunx polza fuq kura tas-saħħa jew ta' sigurta fuq il-ħajja.

Sabiex titneħħa anomalija fejn il-ħlas minimu ta' boll dovut, fl-1 ta' Jannar 2002 ir-rata imsemmija kienet tinżel għal 50% tà l-istess *premium* f'każ fejn dan ikun anqas minn Lm5.

Dan jidher li ma solviex din l-anomalija għal kollox. Għaldaqstant, b'effett mill-1 ta' Jannar li ġej din it-taxxxa minima ser titneħħa, meta

l-*premium* tkun anqas minn Lm5 il-ħlas tal-boll ikun biss ta' 10% tal-*premium*.

### *Propjetà Akkwistata b'Wirt*

Fid-Diskors tal-*Budget* tas-sena l-oħra ħabbarna li bejgħ ta' propjetà mmobbli akkwistata b'wirt kienet se tkun intaxxata bħal kull propjetà oħra, ħlief għal propjetà li kienet intirtet qabel il-25 ta' Novembru 1992 li, f'dan il-każ, kellha tkun ntaxxata b'rata finali ta' 7% fuq ir-rikavat.

Bejn l-1994 u l-2003, bejgħ ta' propjetà mmobli li tkun ġejja mil-wirt ma kinitx suġġetta għat-taxxa fuq il-qligħ kapitali. Għal dawk il-persuni kollha li sal-25 ta' Novembru 2003 kellhom konvenju marbut mal-bejgħ ta' propjetà li ntirtet ingħataw benefiċċju fiskali li jkunu ntaxxati bir-rata finali ta' 5% tar-rikavat minflok ma jeħlu t-taxxa normali. Irriżulta li kien hemm każi fejn min ma kienx għadu daħal f'konvenju ta' bejgħ tal-propjetà li wiret kien se jkun żvantaġġat. Għalhekk, dawk kollha li wirtu xi propjetà bejn Novembru 1992 u Novembru 2003 u li sal-25 ta' Novembru 2003 ma kinux għadhom għamlu l-kuntratt ta' bejgħ, se jingħataw l-opportunità li jaġġustaw il-valur denunzjat biex jikkumpensa għaż-żieda fil-valur tal-propjetà u ż-żmien li tali propjetà kienet eżenti mill-ħlas tat-taxxa. B'hekk, dawk li wirtu qabel Novembru 2003 se nġibuhom fl-istess pożizzjoni ta' dawk li wirtu wara li ġiet introdotta din il-miżura.

Kull min jikkwalifika li jaġġusta l-valur denunzjat ikun irid jagħmel dan sa l-aħħar ta' Ġunju tas-sena d-dieħla u jħallas it-taxxa għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Transferimenti fuq id-differenza bejn il-valur oriġinali u dak aġġustat mingħajr ma jkun suġġett għal penalitajiet u imgħaxijiet. Il-valur kif aġġustat ikun ikkunsidrat bħala l-valur ta' l-akkwist meta tinbiegħ il-propjetà. Dettalji dwar kif se jsir dan l-aġġustament jitħabbru aktar tard.

*Transferiment jew Bdil ta' Propjetà Mmobbli u Ishma bejn Kumpaniji ta' l-Istess Grupp*

Is-sena l-oħra konna ħabbarna diversi miżuri li jolqtu xi transazzjonijiet bejn kumpaniji tà l-istess grupp. Bħala parti minn dawn il-miżuri, din is-sena kienet emendata l-liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul. Dawn l-emendi jridu jkunu kkomplimentati b'regolamenti biex jirregolaw dawn it-transazzjonijiet.

Matul din is-sena, d-Dipartiment tat-Taxxi Interni għamel diversi laqgħat dwar dawn ir-regoli u fassal abozz ta' regolamenti li se jkunu ppublikati f'avviż legali fil-ġranet li ġejjin. Ir-regolamenti se jistabbilixxu l-mod kif għandhom ikunu vvalutati l-ishma meta jsir trasferiment ta' ishma b'interess ta' kontroll u xi spejjeż jistgħu jitnaqqsu għal dan l-iskop. Bdil ta' ishma li ma jirriżultax fi bdil ta' l-azzjonisti aħħarija (*ultimate individual beneficial shareholder*) jew fil-proporzjon ta' l-ishma miżmuma se jibqgħu eżenti.

*Nindirizzaw il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali*

Meta wieħed iħares lejn il-proporzjon tan-nefqa tal-gvern fil-qasam soċjali u jqabbilha man-nefqa kollha rikurrenti tal-gvern joħroġ bl-aktar ċar l-impenn tal-gvern f'dan il-qasam. Is-sena li għaddiet din in-nefqa laħqet is-somma ta' Lm330.4 miljun li kien ifisser 43% ta' l-ispiża rikurrenti kollha tal-gvern. Din is-sena, l-ispiża soċjali se tiżdied bi 3% għas-somma ta' Lm340.6 miljun li tfisser 46% tal-ispiża kollha tal-gvern.

Il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali li nieda l-gvern aktar kmieni din is-sena jipprovdi stampa ta' dak li hu meħtieġ u tal-oġġettivi li għandna nimmiraw għalihom.

Dan il-pjan hu wieħed kompensiv u ambizzjuż. Hemm bżonn nindirizzaw bi sforz akbar il-pjaga tal-vjolenza domestika u, fejn agħar minn hekk, dik tal-vjolenza u abbuż fuq it-tfal.

Il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali jiffoka fuq ħafna oqsma li għandhom bżonn bosta attenzjoni b'enerġija kbira sabiex is-soċjeta` tagħna timxi 'l quddiem b'koeżjoni sħiħa.

Iżda, tajjeb ukoll insemmu mhux biss li s-soċjeta` kullimkien tinsab iffaċċjata bi problemi bħal dawn iżda wkoll li l-ħidma tal-gvernijiet u ta' dawk kollha li jaħdmu f'dawn l-oqsma hi waħda kontinwa u li ma tieqaf qatt.

Il-ġlieda kontra l-faqar kemm jekk dan hu wieħed reali kemm jekk jeżisti riskju għalih, kif ukoll dik kontra l-esklużjoni soċjali hi waħda perennjali.

Hawn se nsemmi żewġ miżuri soċjali li l-gvern se jieħu s-sena li ġejja.

### *Żieda fiċ-Childrens' Allowance*

Taħt s-sistema taċ-*Childrens' Allowance*, familja b'wild wieħed tingħata 6% tad-differenza bejn Lm10,270 u d-dħul tal-familja, familja b'żewġt itfal tingħata 9% ta' din id-differenza, dik bi tlett itfal tieħu 12%, u familja b'erbat itfal u iżjed tibbenifika minn somma addizzjonali ta' 2% għar-raba' wild 'il fuq.

Il-Gvern iħoss li huwa propizju li, filwaqt li jikkoreġi anomalija fir-rati (minn 3% żieda għat-tieni u t-tielet wild, għal 2% żieda, fil-każ ta' familji b'erbat itfal u iżjed għar-raba' wild 'l fuq), juża din il-miżura biex iwieżen ftit aktar lill-familji b'erbat itfal u aktar. Għalhekk, mis-sena d-dieħla, ser inżidu b'punt perċentwali, jiġifieri, minn 14% għal 15% għal familja b'erbat itfal u 3% oħra għal kull wild sussegwenti.

Minn din il-miżura, nistmaw li jibbenifikaw madwar 1,000 familja.

*Għajnuna lill-Ġenituri b'Ulied bi Bżonnijiet Speċjali*

Il-gvern irid ikompli bil-politika tiegħu li jkollna soċjetà nklussiva għal kullħadd. Biex dan il-prinċipju jissaħħaħ tajjeb wieħed jibda jinkulkaħ miċ-ċokon – possibilment mill-iskejjel tagħna. It-tagħlim ta' tfal bi bżonnijiet speċjali fl-iskejjel tal-istat, naturalment, jingħata b'xejn. Dak fi skejjel tal-knisja t-tfal ukoll jingħatalhom b'xejn iżda l-gvern qed jikkumpensa għal dan fis-sussidju li jgħaddi lil istess skejjel tal-knisja. L-ewwel Lm200 fi ħlas ta' miżati ta' tfal bi bżonnijiet speċjali li jattendu fi skejjel privati huma mnaqqsa mid-dħul tal-ġenituri għall-fini tat-taxxa.

Il-gvern se jkompli jgħin biex dawn it-tfal ngħatuhom dak kollu li nistgħu. Għaldaqstant, il-gvern qed jilqa' t-talba tal-Kummisjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità biex dawk il-ġenituri li għandhom, jew li se jibgħatu, l-uliedhom bi bżonnijiet speċjali fi skejjel privati, u li jħallsulhom għas-servizzi ta' *facilitator*, kemm-il darba l-ħtieġa ta' facilitator tkun ċertifikata mill-*iStatementing Moderating Panel* u kemm-il darba l-impjieg ta' *facilitator* ikun skond kif rikkmandat mill-*Board* għal dan il-għan mwaqqaf mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, jingħataw għajnuna fiskali permezz ta' eżenzjoni mid-dħul taxxabli tagħhom tà l-ewwel Lm4,000 mill-ispiża marbuta mas-servizz ta' dan il-*facilitator.*

Illum nafu li hawn 26 *facilitators full-time* u 10 *facilitators* oħra *part-time* impjegati f'6 skejjel privati li għalihom qed iħallsu l-ġenituri tat-tfal li qed jingħataw din l-għajnuna. Napprezzaw li dan hu piż mhux żgħir għal dawn il-ġenituri, u għalhekk, il-gvern ħass li għandu jgħin.

## Rifużżjoni fuq Spejjeż għal Prodotti Mixtrija minn Persuni b'Diżabilità

Minn Mejju li għadda, ċerti prodotti ġew soġġetti għal VAT jew żdiedet il-VAT fuqhom minn 5 fil-mija għal 18 fil-mija.

Kif konna wegħdna, ġiet maħduma skema li, permezz tagħha, l-gvern jirrifondi l-VAT lil dawk li jkunu ħallsuha fuq dawn l-oġġetti kemm il-darba dawn ikunu intenzjonati għal użu eżklussiv tagħhom.

It-talba għal ħlas lura tiġi milqugħa fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Naturalment, filwaqt li min japplika jrid ikun eliġibli, jkun hemm bżonn ukoll li ma' l-applikazzjoni tiġi mehmuża l-irċevuta oriġinali.

### *Għajnuna lill-Koppja b'Diżabilità li Trid Tiżżewweġ*

Illum, meta żewġ persuni b'diżabilità li jkunu jieħdu l-pensjoni tad-disabilità jkunu jixtiequ jiżżewġu flimkien wieħed minnhom jitlef id-dritt għal din il-pensjoni.

Il-gvern iħoss li provvedimenti bħal dawn fl-Att tas-Sigurtà Soċjali mhux biss m'humiex t'għajnuna iżda jistgħu jitqiesu diskriminatorji – f'dan il-każ kontra din il-persuna li f'din iċ-ċirkostanza titlef il-pensjoni li għaliha hi altrimenti eleġibbli.

Għalhekk, il-gvern ma jsib l-ebda diffikulta li jkompli jħallas il-pensjoni ta' disabilità liż-żewġ persuni li jidħlu fi żwieġ bejniethom. B'hekk, ukoll ma jkunx qed ixekkel, anzi jkun qed isaħħaħ il-qagħda finanzjarja ta' din il-koppja fiż-żwieġ.

**GĦELUQ**

It-tiġdid ta' pajjiżna li ddiskrivejt mhux biss irid isir flimkien imma jrid jinkludi lil kulħadd. Din il-ħidma kollha tagħmel sens biss jekk il-valur tas-solidarjetà jibqa' dak il-valur li jagħqqad u jigwida l-prijoritajiet ta' l-ekonomija, l-edukazzjoni u l-ambjent u l-ħidma kollha marbuta ma' dawn il-prijoritajiet.

Is-settur tas-saħħa, s-servizzi soċjali personalizzati, il-benefiċċji soċjali, u l-pensjonijiet jibqgħu l-qafas li fuqu pajjiżna irid jiġġedded.

Il-gvern qed jagħti tmexxija lill-pajjiżna: tmexxija li tipprovdi opportunitajiet akbar, li titlob minn kull wieħed u waħda minna responsabilità biex noħolqu soċjetà aktar b'saħħitha fil-kobor ta' din il-gżira ċkejkna tagħna.

Mingħajr ma niġġeddu ma jirnexxilniex insostnu dan il-qafas ta' solidarjetà li bnejna flimkien u li rridu nsostnu flimkien.

# Appendiċi

**L-UNJONI EWROPEA F'PERSPETTIVA GLOBALI**

L-ekonomija tal-Unjoni Ewropea kellha tkabbir sostnut dawn l-aħħar snin. Iżda, reċentement dan it-tkabbir waqa` lura. Infatti, matul l-1998-2002, il-medja perċentwali tar-rata annwali tat-tkabbir tal-Prodott Gross Domestiku reali wriet li t-tkabbir fl-Ewropa kien ta' madwar 2.4% fis-sena filwaqt li l-istess tkabbir kien aktar mgħaġġel fl-Istati Uniti (3.0%) u ferm aktar mgħaġġel fiċ-Ċina (7.6%).

Sa mill-2001 il-Prodott Gross Domestiku tal-Unjoni Ewropea kien ferm anqas minn dak imbassar. Dan ifisser li l-pajjiżi fil-*Eurozone* qed ikollhom tkabbir negattiv li qed jagħmel pressjoni fuq l-ispejjeż u l-inflazzjoni kif ukoll iżid il-livell tal-qagħad. Xi wħud tefgħu il-ħtija għal dan fuq il-Bank Ċentrali Ewropew li żamm għolja r-rati nominali tal-interessi. Oħrajn taw il-ħtija lill-Patt ta' Stabbilita` u Tkabbir li qed ipoġġi restrizzjonijiet bla bżonn fuq is-self u l-infiq tal-gvernijiet. Jista' jkun ukoll li l-ekonomija Ewropea għadha qed tbati mill-effett tar-ri-unifikazzjoni taż-żewġ Ġermanji li ħtieġilha sussidji kbar biex jiffinanzjaw il-qagħad għoli fil-lvant tal-pajjiż li issa qabeż it-18%. Fl-aħħar mill-aħħar, iżda, dak li jġib tkabbir ekonomiku hu dak li jwassal għal żieda fil-potenzjal produttiv tal-pajjiż.

Bit-tkabbir ekonomiku anqas minn dak imbassar, il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea għarfet li l-proċess ta' twessiegħ fis-sħubija seta` jagħti l-imbuttatura f'waqtha għal tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Tabilħaqq, hu issa magħruf li l-għaxar pajjiżi ġodda fl-Unjoni għandhom potenzjal eċċellenti għat-tkabbir u joffru opportunita` kbira għall-industriji fis-suq intern Ewropew.

L-izvilupp u t-tkabbir ekonomiku b'riżultat tas-sħubija hu mistenni li jseħħ hekk kif il-pajjiżi ġodda jiżviluppaw u jipprofittaw mill-vantaġġ komparattiv li għandhom, l-aktar id-diferenzi li jeżistu fil-livell ta'

pagi bejn il-pajjiżi. Dan il-vantaġġ komparattiv għandu jħajjar industriji mill-punent tal-Ewropa li qed ifittxu li jiċċaqalqu biex jikkompetu aħjar ma' dawk fil-Lvant imbiegħed. Dan ix-xenarju ta' vantaġġ ta' dawk is-setturi ta' produzzjoni li huma *labour intensive* iżda b'valur miżjud baxx filwaqt li pajjiżi oħra ġodda, fosthom Malta, fejn investejna tant fir-riżorsi umani, nieħdu vantaġġ f'oqsma tal-manifattura li għandhom valur miżjud għoli u f'industriji tas-servizzi li jeħtieġu preparazzjoni speċjalizzata, ħiliet u ħaddiema kwalifikati.

Qabel it-tkabbir f'Mejju li għadda, l-Unjoni Ewropea rat żieda f'investiment barrani sew minn pajjiżi oħra Ewropew li huma barra mill-Unjoni kif ukoll minn pajjiżi oħra li mhumiex Ewropew. Dan hu mistenni għaliex l-investiment barrani jiġi biss fejn ikun hemm effiċjenza u suq. Fejn tidħol l-effiċjenza, l-industrija Ġermaniża u dik Olandiża investew bil-qawwa fil-pajjiżi ġodda mill-Ewropa ċentrali u tal-lvant biex jipproduċu oġġetti u servizzi b'aktar effiċjenza u bi spiża anqas milli għandhom f'pajjiżhom filwaqt li l-aċċess għas-suq Ewropew għandu jġib miegħu investiment akbar fil-pajjiżi membri ġodda u fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Fl-aħħarnett, il-fondi tal-Unjoni Ewropea mistennija jgħinu bil-bosta l-ġenerazzjoni tal-iżvilupp u tat-tkabbir fil-pajjiżi membri ġodda. Dawn il-pajjiżi mistennija jirċievu fondi sostanzjali minn diversi programmi tal-Unjoni. Dawn il-programmi jinvolvu investiment fi proġetti maħsuba biex jippromwovu żvilupp ekonomiku, livelli ogħla ta' mpjiegi u koeżjoni reġjonali u soċjali akbar. Minn hawn 'il quddiem, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea għandha jkollha mpatt fuq l-impjiegi, il-produttivita` u l-investiment. Kemm-il darba dan iseħħ, allura għandu jseħħ ukoll tkabbir fil-Prodott Gross Domestiku tal-pajjiżi membri l-oħra li jwassal għal tkabbir sostenibbli fit-tul fl-Unjoni.

L-Ewropa, għaldaqstant, hi marbuta li taħdem għal aktar tkabbir u għal ħolqien ta' aktar xogħol kif jixhed rapport imħejji riċentement mill-Presidenza Olandiża u msejjaħ 'Niffaċċjaw l-Isfidi'. L-Istrateġija

ta' Lisbona s'issa għadha ma laħqitx l-għanijiet tagħha ta' tkabbir ta' madwar 3% fis-sena. Hu għalhekk li hemm il-ħtieġa għal aktar ħidma ekonomika effettiva biex jitwettaq żvilupp sostenibbli u nħarsu lejn il-bidla b'kuraġġ. Ir-rapport qed jitlob dan u aktar mill-pajjiżi membri.

It-tkabbir irid ikun imsejjes fuq is-solidarjeta`, il-kompetittivita`, u l-koeżjoni. Filwaqt li ssaħħaħ dak li bniet bil-politika tradizzjonali li sa issa kienet aktar iffukata fuq is-settur agrikolu, fuq il-koeżjoni u fuq il-ħolqien ta' suq intern u stabilita` makro-ekonomika, l-Unjoni Ewropea se tkun tindirizza issa dawk il-ħtiġijiet ġodda li huma miġbura fit-tliet prijoritajiet ewlenin, jiġifieri żvilupp sostenibbli msejjes fuq tfassil ta' politika ekonomika, soċjali u ambjentali; ċittadinanza Ewropea li tressaq l-Unjoni dejjem aktar lejn iċ-ċittadin billi tippromwovi aktar ħelsien, ġustizzja, sigurta` u aċċess għall-ħwejjeġ bażiċi ta' konsum; u rwol effettiv bħala sieħeb globali li bih tassumi responsabilitajiet reġjonali, tippromwovi żvilupp sostenibbli u tikkontribwixxi għal sigurta` strateġika.

### IT-TISĦIĦ TAL-EKONOMIJA LOKALI FL-ISFOND EWROPEW

Il-Pjan ta' Konverġenza għal Malta li l-gvern ħabbar aktar kmieni din is-sena u li kien ippreżentat lill-Kummissjoni Ewropea bħala dikjarazzjoni ta' politika makro-ekonomika għal żmien mhux fit-tul, jipprovdi għal numru ta' għanijiet maħsuba biex jiġġeneraw qawmien meħtieġ fl-ekonomija tagħna għal waħda aktar stabbli u sostenibbli, fejn jinħoloq aktar ġid u prosperità u, b'konsegwenza, konverġenza reali mal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea.

Dawn l-għanijiet makro-ekonomiċi huma:

- is-seħħ ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u ta' livell għoli u stabbli ta' mpjiegi sabiex iseħħ livell ogħla ta' għixien għal kulħadd;

- bilanċ fiskali għal-livell sostenibbli fi żmien qasir li, minn naħa l-oħra, għandu jiżguraw li d-dejn tal-gvern ma jitlax b'rata aktar mgħaġġla minn dik tat-tkabbir ekonomiku; u

- it-tisħiħ tal-intrapriżi tagħna u l-istabbilità fil-kummerċ ma' barra.

**IS-SENA FINANZJARJA 2004**

Il-gvern tiegħi għandu bħala waħda mill-miri tiegħu għat-tisħiħ tal-ekonomija t-tqegħid lura tal-finanzi pubbliċi fuq sisien sostenibbli. Din is-sena wkoll uriet li ma kinitx waħda faċli. Iżda, l-gvern mhux biss għandu r-rieda li jasal iżda wkoll determinazzjoni qawwija li dak li fassal u mpenja ruħu li jagħmel fil-Pjan ta' Konverġenza li ssottometta lill-Kummissjoni Ewropea aktar kmieni din is-sena iwettqu sakemm ireġġa' lura d-defiċit fiskali għal taħt it-3% tal-Prodott Gross Domestiku.

Is-sena l-oħra, l-gvern spiċċa bi żbilanċ fil-Fond Konsolidat ta' madwar Lm105 miljuni. Il-previżjoni għas-sena li qegħdin fiha kienet li dan l-iżbilanċ ikun niżel għal Lm95 miljun.

Dawn il-miri mhux biss ilħaqnihom iżda wkoll tejjibnihom bi ftit biex f'Diċembru li ġej id-defiċit strutturali mistenni jibqa' madwar Lm94 miljun, jiġifieri madwar Lm1 miljun anqas minn dak previst u Lm11-il miljun anqas mis-sena l-oħra.

Id-dħul mit-taxxi diretti mistenni jkun ta' madwar Lm404 miljuni, jiġifieri, madwar Lm4 miljuni anqas milli previst, u dan mill-*income tax*. Id-dħul minn taxxi ndiretti mistenni jkun ta' madwar Lm308 miljuni, jiġifieri, madwar Lm10 miljuni anqas milli previst. Ftit anqas minn nofs dan l-ammont mistenni fi dħul anqas mid-dwana u mis-sisa l-aktar għaliex żdiedet l-importazzjoni mill-Unjoni Ewropea filwaqt li naqset dik minn barra mill-Unjoni. Huwa mistenni wkoll dħul anqas mit-taxxi fuq il-logħob. Kif se ngħid aktar 'il quddiem, 75% tad-dħul mid-dwana fuq importazzjoni minn pajjiżi minn barra mill-Unjoni Ewropea li, minn Mejju li għadda sa l-aħħar tas-sena mistennija tilħaq madwar Lm4 miljuni,

il-gvern Malti jgħaddiha lill-Unjoni filwaqt li jżomm il-25% l-oħra għall-ispejjeż amministrattivi.

Dħul ieħor ta' Lm112-il miljun mistenni minn sorsi oħra. Dan hu madwar Lm4 miljuni anqas minn dak previst fil-bidu tas-sena. Filwaqt li l-Korporazzjoni Enemalta mhux se tkun f'qagħda li tirreġistra xi qliegħ din is-sena minħabba l-piż kbir li qed iġġorr b'riżultat tal-prezzijiet għolja taż-żejt fis-swieq internazzjonali, hemm dħul aktar mistenni fosthom ta' Lm1 miljun mill-profitti tal-Bank Ċentrali, ta' madwar Lm3 miljuni oħra minn kirjiet ta' propjetà tal-gvern, l-aktar f'arretrati mħallsa mill-*Malta Air Traffic Services Ltd.*, u dħul ieħor mixxelanju, fosthom arretrati fi ħlas ta' kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet imħallsa mit-Teżor lil ex-impjegati tal-gvern li rtiraw mis-servizz minn mal-Korporazzjonijiet.

Rapport aktar dettaljat dwar id-dħul għas-sena 2004 qed jidher fi Statement 'A' annessa ma' dan id-Diskors.

Minn naħa l-oħra, in-nefqa rikurrenti rnexxielna nikkontrollawha u nżommuha fuq il-livell ta' Lm739 miljun previst fil-bidu tas-sena. L-ispiża fuq il-ħlas ta' pagi u salarji mistennija titla' b'madwar Lm2 miljuni minħabba aġġustamenti annwali, promozzjonijiet, *bonuses* u ħlas ta' *allowances* kif ukoll minħabba mpjiegi ġodda li saru fejn kien meħtieġ fl-oqsma tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-forzi armati ta' Malta, u dak tal-kura tal-anzjani, fost oħrajn.

L-ispiża għall-operat, iżda, mistennija titla' bi kważi Lm7 miljuni oħra, għal madwar Lm53 miljun. Nofs din iż-żieda marret fuq il-ħlas ta' mediċini u materjali oħra mediċinali għall-isptarijiet. Ħlas ieħor sar, fost oħrajn, f'sussidju ta' kważi Lm700,000 lill-*Gozo Channel Co. Ltd.* taħt il-*Public Service Obligation Contract* li ffirma magħha l-gvern aktar kmieni din is-sena u f'kontribut ta' kważi Lm700,000 f'ishma fil-Bank Ewropew

għall-Investiment li tiegħu sirna membri mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Mill-banda l-oħra kien hemm infiq ta' madwar Lm9 miljuni anqas fi programmi w inizjattivi u f'kontribuzzjonijiet lill-entitajiet pubbliċi.

Il-ħlas ta' mgħaxijiet fuq id-dejn pubbliku kien ta' madwar Lm2 miljuni anqas milli previst u se jitla' għal madwar Lm70 miljun. Dan qed iseħħ għaliex kien hemm anqas bżonn ta' ħruġ ta' *Treasury Bills*.

Rapport aktar dettaljat dwar l-ispiża rikurrenti għas-sena 2004 qed jidher fi Statement 'B' annessa ma' dan id-Diskors.

In-nefqa kapitali mistennija tkun ta' madwar Lm110 miljuni, jiġifieri, madwar Lm17-il miljun anqas milli previst fil-bidu tas-sena, minkejja l-akkwist ta' propjetà ġdida fi Brussel li se sservi biex tilqa' fiha r-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u l-Ambaxxata Maltija għall-Belġju. Waħda mir-raġunijiet li wassal għal dan kien il-fatt li, fir-rigward ta' diversi xogħolijiet proġettati għal ko-finanzjament minn fondi tal-Unjoni Ewropea u għal finanzjament taħt il-Ħames Protokoll Finanzjarju Taljan, ma kienx hemm żmien biżżejjed bejn l-approvazzjoni tal-proġetti u l-bidu tal-implimentazzjoni tagħhom biex ikun ġenerat infiq. Ngħaġġel inżid, iżda, illi bl-ebda mod ma kien kompromess ir-rimbors tal-fondi miż-żewġ sorsi. Fil-każ tal-fondi mill-Unjoni Ewropea l-Kummissjoni għaddiet din is-sena lil Malta 10% tal-fondi li għalihom hi eleġibbli filwaqt illi 6% oħra mistennija jidħlu s-sena d-dieħla. Dawn il-flus qegħdin f'kont li l-Kummissjoni għandha fil-Bank Ċentrali ta' Malta. Fil-każ tal-Protokoll Taljan, kif se nispjega 'l quddiem, ġiet estiża l-ħajja tiegħu sal-2007 minħabba li r-ratifika tiegħu mill-Parlament Taljan ittardjat.

Rapport aktar dettaljat dwar in-nefqa kapitali għas-sena 2004 qed jidher fi Statement 'Ċ' annessa ma' dan id-Diskors.

B'riżultat ta'dan kollu, l-iżbilanċ fil-Fond Konsolidat mistenni jinżel taħt dak previst, jiġifieri għal Lm94 miljun.

Biex minn hawn wieħed jasal għall-qagħda tal-gvern ċentrali li, kif diġà għidt, jinkludi fih ukoll entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt kriterji stabbiliti u b'hekk jiffurmaw parti mill-gvern ġenerali jew gvern estiż, jeħtieg li jsiru xi aġġustamenti għal numru ta' transazzjonijiet kif se nsemmi:

- bilanċ nett ta' madwar Lm4 miljuni minn self magħmul lil *Gozo Ferries Co. Ltd.* biex din tħallas lura self li ħadet għal bini tal-vapuri t'Għawdex;

- żbilanċ globali tal-entitajiet pubbliċi li jiffurmaw parti mill gvern estiż u li din is-sena mistenni jilħaq madwar Lm9 miljuni; u

- aġġustament ta' madwar Lm1 miljun li jirrappreżenta ħruġ mit-*Treasury Clearance Fund* għal *non-financial transactions* lejn *id-deposit accounts* u lejn l-*advance accounts.*

B'hekk, id-defiċit tal-gvern ċentrali din is-sena mistenni jkun madwar Lm97.9 miljun. Ma' dan l-iżbilanċ irid jingħadd ukoll żbilanċ ieħor ta' nofs miljun lira maltin li l-kunsilli lokali mistennija jispiċċaw bih fil-kontijiet konsolidati tagħhom din is-sena biex b'hekk id-defiċit tal-gvern ġenerali jew gvern estiż mistenni jilħaq Lm98.5 miljun jew 5.18% tal Prodott Gross Domestiku.

Dan ifisser ukoll li kellna tnaqqis mis-sena l-oħra fid-defiċit tal-gvern estiż ta' madwar Lm79 miljun u ta' 4.41% tal-Prodott Gross Domestiku.

Aktar dettalji tal-qagħda fiskali għal din is-sena qed jingħataw f'Tabella Nru. 3 hawn mehmuża.

**Is-Sena Finanzjarja 2005**

L-iżbilanċ fil-Fond Konsolidat is-sena d-dieħla mistenni li jkun ta' madwar Lm76 miljun kif maħsub fil-Programm ta' Konverġenza li l-gvern ippubblika aktar kmieni din is-sena.

Id-dħul rikurrenti tal-gvern mistenni jilħaq Lm900 miljun, jiġifieri madwar Lm76 miljun aktar minn kif qed nistmaw li nispiċċaw din is-sena. Minn dan l-ammont mhux anqas minn Lm44 miljun se jkun ġej f'għotjiet diretti mill-Unjoni Ewropea filwaqt li madwar Lm22 miljun oħra mistennija jidħlu primarjament minn fondi strutturali u ta' koeżjoni, fondi ta' transazzjoni u ta' qabel id-dħul, kif ukoll fondi għall-agrikultura, b'rimbors ta' nfiq li mistenni jkun għamel inizjalment il-gvern matul is-sena fuq proġetti, programmi u inizjattivi oħra eleġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Ma' dan ukoll mistenni rimbors ieħor ta' madwar Lm8 miljuni taħt il-Ħames Protokoll Finanzjarju Taljan għal infiq magħmul inizjalment mill-gvern malti fuq proġetti maqbula taħt l-istess ftehim.

*Tabella Nru. 3*

## IL-QAGĦDA FISKALI - 2004

*Lm'000*

| | 2003 ATTWALI | | 2004 PREVIST | | 2004 RIVEDUT | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Qagħda fil-Fond Konsolidat** | | | | | | |
| **Dħul Totali** | | **739,221** | | **843,000** | | **824,193** |
| Dħul minn Taxxi | 668,291 | | 726,542 | | 711,970 | |
| Dħul ieħor | 70,930 | | 116,458 | | 112,223 | |
| **Nefqa Rikurrenti** | | **740,696** | | **811,149** | | **808,544** |
| Spiża Rikurrenti | 677,654 | | 739,237 | | 738,818 | |
| Ħlasijiet ta' imgħaxijiet | 63,042 | | 71,912 | | 69,726 | |
| **Defiċit/Surplus rikurrenti** | **(1,475)** | | **31,851** | | **15,649** | |
| **Nefqa Kapitali** | | **103,970** | | **126,656** | | **109,575** |
| **Nefqa Totali** | | **844,666** | | **937,805** | | **918,119** |
| **Defiċit Strutturali** | | **(105,445)** | | **(94,805)** | | **(93,926)** |
| **Il-Qagħda tal-Gvern Ċentrali** | | | | | | |
| Aġġustamenti għal transazzjonijiet finanzjarji | | (71,090) | | | | (4,051) |
| Defiċit tal-Gvern Ċentrali | | (176,535) | | | | (97,977) |
| Żbilanċ/Bilanċ tal-Gvern Lokali | | (525) | | | | (525) |
| Defiċit tal-Gvern Ġenerali | | (177,061) | | | | (98,502) |
| **Prodott Gross Domestiku** | | **1,846.10** | | | | **1,902.40** |
| **Defiċit tal-Gvern Ġenerali % tal-PGD** | | **9.59%** | | | | **5.18%** |

Dħul minn sorsi ta' taxxi mistenni jkun ta' madwar Lm756 miljun, jiġifieri madwar Lm44 miljun aktar minn dak għal din is-sena. Lm17-il miljun minn din iż-żieda mistennija minn taxxi diretti, li minnhom Lm12-il miljun mit-taxxa fuq id-dħul b'riżultat ta' nfurzar, aktar effiċjenza u tkabbir fl-ekonomija. Id-dħul minn sorsi ta' taxxi ndiretti mistenni jkun madwar Lm27 miljun aktar minn din is-sena. Id-dħul mill-VAT hu pproġettat li jitla' b'Lm27 miljun aktar fl-2005, fosthom minħabba li din is-sena l-importaturi ma baqqgħux iħallsu VAT fuq importazzjoni mill-Unjoni Ewropea. Ħlas ta' Lm8 miljuni ta' liċenzja ta' darba biss mill-*Maltco Lotteries Ltd* fil-privatiżżazzjoni tal-Lottu Pubbliku mhux ħa jirrepeti ruħu s-sena d-dieħla. Sadanattant, saret ri-klassifikazzjoni ta' madwar Lm4 miljuni fejn ħlas ta' liċenzji tal-*wireless*, tat-telefonija fuq il-fil u tat-telefonija *mobile*, illum qed jinġabru f'sors wieħed li hu dak tal-*Malta Communications Authority*. Magħhom iridu jingħaddu aktar minn Lm2 miljuni f'liċenzji tat-televiżjoni li qabel kienet tiġborhom il-*Malta Broadcasting Services* u żżommhom għaliha.

Dħul ieħor ta' Lm6 miljuni anqas minn din is-sena mistenni mill-profitti tal-Bank Ċentrali, ta' Lm4.5 miljuni anqas minn kirjiet, li parti minnha se tirriżulta hekk kif il-kirjiet tal-fabbriki issa se jibdew jiġbruhom u jżommuhom il-*Malta Industrial Parks Ltd* biex tiffinanzja l-manutenzjoni taż-żoni ndustrijali, u ta' Lm9 miljuni anqas minn dħul ieħor mixxelanju. Min-naħa l-oħra, id-dħul mid-Drittijiet ta' l-Uffiċju mistenni jitla' bi Lm15-il miljun aktar mis-sena l-oħra l-aktar minħabba it-tisħiħ tal-eko-kontribuzzjoni u ta' ħlas għar-rimi tal-iskart tal-kostruzzjoni, il-ġbir tal-liċenzji tat-televiżjoni li qabel kienu jgħaddu għand il-*Public Broadcasting Services*, u dħul minn *rights of use*.

Fir-rigward tan-nefqa rikurrenti meta taqta' barra l-ħlas ta' imgħaxijiet fuq id-dejn pubbliku, l-ispiża s-sena d-dieħla mistennija tilħaq Lm761 miljun, jiġifieri madwar Lm23 miljun jew 3% aktar minn din is-sena.

Iż-żieda ewlenija s-sena d-dieħla mistennija tkun għall-programmi u inizjattivi fejn qed nipprevedu b'kollox nefqa ta' Lm445 miljun, jiġifieri Lm41 miljun aktar minn din is-sena.

Minn din iż-żieda, Lm23 miljun huma dovuti għal ri-klassifikazzjoni ta' ċerti nfiq li din is-sena jidher taħt kategoriji diversi: fost dawn hemm madwar Lm20 miljun għal ħlas ta' mediċini u ħwejjeġ anċillari, li din is-sena jinsab klassifikat taħt operat u manutenzjoni, u madwar Lm3 miljuni sovvenzjoni lill-*MIMCOL* għall-ħlas tad-dejn tagħha, li din is-sena jinsab klassifikat taħt il-kontribuzzjonijiet lill-entitajiet pubbliċi. Żidiet oħra qawwija huma dawk ta' kważi Lm5 miljuni f'benefiċċji tas-sigurta` socjali, filwaqt li s-sena d-dieħla se nħallsu madwar Lm22 miljun, jiġifieri Lm6 miljuni aktar minn din is-sena, f'kontribuzzjonijiet lill-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea, peress li s-sena d-dieħla tkun l-ewwel sena sħiħa bħala membri. Sintendi, kontriha Malta, kif ġa spjegat ser idaħħal Lm44 miljun f'għotjiet diretti.

Żieda oħra ta' madwar Lm6 miljuni jew 3% se tmur fuq il-ħlas ta' pagi u salarji li jsir mill-gvern.

Din hi dovuta l-aktar minħabba aġġustamenti li jsiru kull sena li huma stmati li jqumu Lm2 miljuni, iż-żieda tal-għoli tal-ħajja li hi stmata li tilħaq Lm2 miljuni oħra, u provvediment ta' Lm1 miljun għall-pagi ta' mpjegati ġodda mistennija fil-qasam tas-saħħa.

Iżda, dawn iż-żidiet mistennija jitpaċu f'nefqa anqas ta' madwar Lm22 miljun fl-operat u manutenzjoni fejn l-ispiża totali s-sena d-dieħla mistennija titla' għal Lm31 miljun. Kif diġa` spjegat, dan hu dovut l-aktar għal ri-klassifikazzjoni ta' ċertu nfiq.

Il-ħlas ta' imgħaxijiet fuq id-dejn pubbliku s-sena li ġejja mistenni jitla' għal Lm78 miljun, jew Lm8 miljuni aktar minn din is-sena.

In-nefqa kapitali fl-2005 mistennija titla' għal Lm137 miljun jew Lm28 miljun aktar minn din is-sena.

Hu mistenni li jkun hemm infiq akbar fuq proġetti ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea, hekk kif jiżdied ir-ritmu ta' progress fl-oqsma rispettivi. Meta pparagunat ma' din is-sena, l-infiq fuq proġetti ffinanzjati taħt il-Ħames Protokoll Finanzjarju Taljan ukoll mistenni li jkun ogħla fl-2005.

B'hekk in-nefqa globali tal-gvern s-sena d-dieħla mistennija tkun ta' madwar Lm976 miljun jew Lm58 miljun aktar minn din is-sena. Dan ifisser ukoll li, kontra d-dħul totali li semmejna aktar qabel ta' Lm900 miljun, l-iżbilanċ fil-fond konsolidat mistenni jkun ta' Lm76 miljun jew madwar Lm18-il miljun anqas minn din is-sena.

Dan hu xhieda tar-rieda u d-determinazzjoni tal-gvern li jkompli jsaħħaħ il-finanzi pubbliċi billi jqegħdhom fuq binarji ta' sostennibilita` għall-ġejjieni.

**Il-Qafas Fiskali fuq Medda Qasira**

Kif għidna tul dan id-Diskors kollu, l-gvern qed juri bl-għemil id-determinazzjoni tiegħu li jindirizza l-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż. Barra l-ħidma sħiħa li għadni kif semmejt il-gvern ta xhieda oħra din is-sena tal-mod serju kif qed ireġġa' lura l-finanzi pubbliċi lejn triq sostenibbli.

Fil-Pjan ta' Konverġenza l-gvern mpenja ruħu li jkun naqqas id-defiċit fil-finanzi pubbliċi taħt it-3% tal-Prodott Gross Domestiku f'termini nominali. U dan qed jagħmlu. F'Tabella Nru. 4 li nitlob il-Kamra li tieħu b'moqrija qed nagħti perspettiva tal-qagħda tal-gvern estiż sal-2007.

Is-sena d-dieħla d-defiċit se jkun niżel għal 3.73% tal-Prodott Gross Domestiku. Dan il-persentaġġ se jkompli jinżel għal 2.33% s-sena ta' wara u għal 1.41% fl-2007.

## IL-QAGĦDA FISKALI GĦAT-TLETT SNIN LI ĠEJJIN

*Lm'000*

| | 2003 | | 2004 | | 2005 | | 2006 | | 2007 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ATTWALI | | RIVEDUT | | PREVIST | | PREVIST | | PREVIST | |
| **Il-Qagħda fil-Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| **Dħul Totali** | | **739,221** | | **824,193** | | **900,084** | | **908,881** | | **910,948** |
| Dħul minn Taxxi | 668,291 | | 711,970 | | 756,257 | | 780,656 | | 807,506 | |
| Dħul ieħor | 70,930 | | 112,223 | | 143,827 | | 128,225 | | 103,442 | |
| **Nefqa Rikurrenti** | | **740,696** | | **808,544** | | **839,108** | | **847,567** | | **859,473** |
| Spiża Rikurrenti | 677,654 | | 738,818 | | 761,404 | | 767,663 | | 778,569 | |
| Ħlasijiet ta' imgħaxijiet | 63,042 | | 69,726 | | 77,704 | | 79,904 | | 80,904 | |
| **Defiċit/Surplus rikurrenti** | **(1,475)** | | **15,649** | | **60,976** | | **61,314** | | **51,475** | |
| **Nefqa Kapitali** | | **103,970** | | **109,575** | | **137,076** | | **112,114** | | **85,475** |
| **Nefqa Totali** | | **844,666** | | **918,119** | | **976,184** | | **959,681** | | **944,948** |
| **Defiċit Strutturali** | | **(105,445)** | | **(93,926)** | | **(76,100)** | | **(50,800)** | | **(34,000)** |
| **Il-Qagħda tal-Gvern Ċentrali** | | | | | | | | | | |
| Aġġustamenti għal transazzjonijiet finanzjarji | | (71,090) | | (4,051) | | 1,797 | | 2,356 | | 3,517 |
| Defiċit tal-Gvern Ċentrali | | (176,535) | | (97,977) | | (74,303) | | (48,444) | | (30,483) |
| Żbilanċ/Bilanċ tal-Gvern Lokali | | (525) | | (525) | | - | | - | | - |
| Defiċit tal-Gvern Ġenerali | | (177,061) | | (98,502) | | (74,303) | | (48,444) | | (30,483) |
| **Prodott Gross Domestiku** | | **1,846.11** | | **1,902.40** | | **1,992.05** | | **2,079.16** | | **2,161.92** |
| **Defiċit tal-Gvern Ġenerali % tal-PGD** | | **9.59%** | | **5.18%** | | **3.73%** | | **2.33%** | | **1.41%** |

Sena wara l-oħra, id-dħul rikurrenti tal-gvern se jkopri n-nefqa rikurrenti b'aktar minn Lm61 miljun s-sena d-dieħla u fl-2006, u b'madwar Lm51 miljun fl-2007 filwaqt li l-iżbilanċ fil-Fond Konsolidat se jkun nieżel minn Lm94 miljun din is-sena għall-Lm34 miljun fl-2007. Hekk, kif jonqos l-iżbilanċ jonqos ukoll il-ħtieġa tal-gvern għas-self b'tali mod li l-livell tal-ħlasijiet tal-imgħaxijiet fuq id-dejn pubbliku se jibqa' kważi kostanti bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku.

Dan ifisser li t-tkabbir fin-nefqa rikurrenti tal-gvern li din is-sena kien ta' madwar 9% fuq is-sena l-oħra se jkun mnaqqas drastikament għal 3.7% s-sena d-dieħla u għal 1.4% sal-2007. Dan kollu jxejjen il-kritika li saret lill-gvern li ż-żieda fin-nefqa rikurrenti tiegħu qed tiżboq dik fit-tkabbir ekonomiku.

**Il-Fondi mill-Unjoni Ewropea**

Il-fondi mill-Unjoni Ewropea jirrappreżentaw waħda mill-għodod ewlenin għat-tħaddim tal-politika reġjonali tal-Unjoni u għat-twettiq tal-objettivi ta' koeżjoni li tħaddan.

Il-politika strutturali tal-Unjoni Ewropea hi ffinanzjata minn fondi strutturali jew aħjar mill-fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond ta' Gwida u Garanzija Agrikola Ewropea, u mill-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd. Il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni hi ffinanzjata mill-Fond ta' Koeżjoni. Kull wieħed minn dawn il-fondi, jew strumenti finanzjarji, twaqqaf bil-għan li jindirizza qasam ta' prijorità minkejja li dawn l-oqsma kultant jidħlu f'xulxin.

Mad-dħul tagħha fl-Unjoni Ewropea, Malta daħlet ukoll tipparteċipa minn dawn il-fondi.

Hawn xtaqt nagħti ħarsa lejn id-dħul għal Malta minn dawn il-fondi u l-kontribuzzjoni li Malta qed tagħmel lejn il-budget tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2004-2006.

Nibda bil-kwadru wiesa' tal-bilanċi netti favur Malta sal-31 ta' Diċembru 2006 li tagħhom qed nuri d-dettalji u l-figuri f'Tabella Numru 4 f'dan id-Diskors. L-għajnuna globali taħt il-fondi strutturali u ta' koeżjoni, kif ukoll taħt fondi oħra bħalma huma dawk ta' transizzjoni u tal-*pre-accession*, jammontaw għal madwar Lm64 miljun. Ma' dan, Malta għandha dħul ieħor ta' madwar Lm81 miljun, f'kumpens għall-*budget* nazzjonali u ta' għotja ta' madwar Lm32 miljun. Kontra dan id-dħul kollu Malta se toħroġ, fuq l-istess perjodu li jintemm f'Diċembru 2006, l-ammont globali ta' madwar Lm59 miljun lejn il-*budget* tal-Unjoni Ewropea. B'hekk matul dan il-perjodu, Malta se tkun irċeviet ammont nett ta' madwar Lm117-il miljun aktar milli tkun ħarġet.

*Fondi Strutturali*

Il-programm ta' numru kbir ta' proġetti, programmi, u inizzjattivi oħra hu stmat li se jilħaq madwar Lm42 miljun fuq tliet snin sa l-aħħar tal-2006. Minn dawn, b'kemm jiswew Lm37 miljun fi proġetti diġà ġew identifikati u maqbula mal-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-proġetti mistennija jkunu ffinanzjati kwantu għal Lm24 miljun mill-fondi strutturali, kwantu għal Lm9 miljuni mill-gvern u l-kumplament jiġifieri madwar Lm4 miljuni mis-settur privat.

Dan il-programm ta' ħidma hu mifrux fuq 5 prijoritajiet li huma:

- investiment strateġiku u t-tisħiħ tal-kompetittività (madwar Lm24 miljun);
- l-iżvilupp tar-riżorsi umani (Lm5 miljuni);
- żvilupp rurali u sajd (Lm8 miljuni);
- bżonnijiet speċjali għal Għawdex (Lm4 miljuni);
- għajnuna teknika (madwar Lm1 miljuni).

Sadanittant, għaddejja ħidma sħiħa biex inkomplu nallokaw il-fondi l-oħra strutturali, i.e. Lm4 miljuni. Minn dawn il-fondi, Lm3 miljuni ġejjin mill-fondi strutturali, kważi Lm350,000 mill-gvern, u l-kumplament mis-settur privat.

Id-dettalji kollha dwar il-fondi strutturali jinsabu miġbura f'Tabella Numru 5 hawn mehmuża.

*Fondi ta' Koeżjoni*

Żewġ proġetti mportanti ġew magħżula u maqbula mal-Kummissjoni Ewropea għall-għan ta' finanzjament mill-fondi ta' koeżjoni. Dawn huma: t-titjib fl-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ u tal-faċilità biex ikun irkuprat il-materjal – dan fil-qasam tal-ambjent – b'valur totali ta' Lm7 miljun, u r-restawr u t-titjib fit-toroq fil-qasam tat-trasport – b'valur totali ta' Lm4 miljuni. Minn dan il-valur globali ta' Lm11 miljuni għal dawn iż-żewġ proġetti, mhux anqas minn Lm9 miljun se jkunu ffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni tal-Unjoni Ewropea: il-kumplament, jiġifieri Lm2 miljuni, mill-gvern malti.

Aktar dettalji qed jingħataw f'Tabella Numru 6 li hi hawn mehmuża.

*Tabella Nru. 5*

**EU STRUCTURAL FUNDS 2004 - 2006**

| PRIORITY | HEADING | PROJECT | SOURCE | TOTAL MEASURE | ALLOCATED FUNDS (EUR) TOTAL | EU | PUBLIC FUNDS | PRIVATE SECTOR | UNALLOCATED FUNDS (EUR) TOTAL | EU | PUBLIC FUNDS | PUBLIC SECTOR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Priority 1** | **Strategic Investments and strengthening Competitiveness** | | | | | | | | | | | |
| 1.1 | Improving the Environment Situation | Installation of Low NOx burners at the Marsa Power Station to comply with EU emission limits | ERDF | | 738,000 | 538,740 | 199,260 | | | | | |
| | | Acquisition of Air Moni+C31toring to comply with Acquis requirements | ERDF | | 500,000 | 375,000 | 125,000 | | | | | |
| | | Aerial emissions Control for Maghtab, Qortin and Wied Fulija Landfills | ERDF | | 8,400,000 | 6,132,000 | 2,268,000 | | | | | |
| | | Establishing Civic Amenity and bring in sites, a separable household waste collection and an integrated communications strategy | ERDF | | 4,600,000 | 3,358,000 | 1,242,000 | | | | | |
| | | Drinking Water Quality Project (DWQP) | ERDF | | 5,293,920 | 3,864,562 | 1,429,358 | | | | | |
| | | Malta South Sewage Transmission Infrastructure | ERDF | | 7,710,000 | 5,628,300 | 2,081,700 | | | | | |
| | | Implementing Natura 2000 of Filfla and its surrounding area | ERDF | | 200,000 | 150,000 | 50,000 | | | | | |
| | | Wied il-Mielah Valley Restoration and Management of Storm Water | ERDF | | 199,760 | 145,830 | 53,930 | | | | | |
| | ***TOTAL MEASURE 1.1*** | | ***TOTAL*** | ***28,550,000*** | ***27,641,680*** | ***20,192,432*** | ***7,449,248*** | | ***908,320*** | ***663,074*** | ***245,246*** | |
| 1.2 | Infrastructure | | | | | | | | | | | |
| 1.2.1 - Transport Infrastructure | | Regional Road Bridge | ERDF | | 5,084,746 | 3,813,560 | 1,271,186 | | | | | |
| | | Reconstruction and Upgrading of Hal Far Road Phase III | ERDF | | 3,983,000 | 2,987,250 | 995,750 | | | | | |
| | | Implementation of a Vessel Traffic Monitoring System | ERDF | | 1,100,000 | 825,000 | 275,000 | | | | | |
| | | Imlementation of a Security Digital Infrastructure Monitoring System | ERDF | | 700,000 | 525,000 | 175,000 | | | | | |
| 1.2.2 - Education and Social Infrastructure | | Construction of Extension to ETC's Skills Development Centre | ERDF | | 255,000 | 191,250 | 63,750 | | | | | |
| | | MCAST Child Care Centre and Community Services Provision | ERDF | | 152,174 | 114,131 | 38,043 | | | | | |
| | | Construction of Additional Floors, Refurbishing and Equipping of Existing Building | ERDF | | 1,523,478 | 1,142,609 | 380,869 | | | | | |
| | | MCAST Library and Resource Centre at Main College Campus | ERDF | | 217,391 | 163,043 | 54,348 | | | | | |
| | | Provision of Equipment for Modern and Relevant Vehicle Training Programmes | ERDF | | 173,913 | 130,435 | 43,478 | | | | | |
| 1.2.3 - Service Infrastructure for Industry | | Upgrading and Improvement of Industrial Estates | ERDF | | 3,500,000 | 2,625,000 | 875,000 | | | | | |
| | ***TOTAL MEASURE 1.2*** | | ***TOTAL*** | ***18,500,000*** | ***16,689,702*** | ***12,517,278*** | ***4,172,424*** | | ***1,810,298*** | ***1,357,723*** | ***452,575*** | |
| 1.3 | Support to enterprises | Enhancing Competitiveness of SMEs and Micro-Enterprises | ERDF | | 2,857,142 | 1,000,500 | 713,785 | 1,142,857 | | | | |
| | | Grant Scheme for Tourism Enterprises | ERDF | | 2,500,000 | 874,500 | 625,500 | 1,000,000 | | | | |
| | ***TOTAL MEASURE 1.3*** | | ***TOTAL*** | ***5,357,142*** | ***5,357,142*** | ***1,875,000*** | ***1,339,285*** | ***2,142,857*** | ***0*** | ***0*** | ***0*** | |
| 1.4 | Support to the Tourism Sector | Hagar Qim and Mnajdra Temples Construction and Interpretation Project | ERDF | | 3,500,000 | 2,205,000 | 1,295,000 | | | | | |
| | | Tourism Product Improvement Project | ERDF | | 1,000,000 | 750,000 | 250,000 | | | | | |
| | ***TOTAL MEASURE 1.4*** | | ***TOTAL*** | ***4,500,000*** | ***4,500,000*** | ***2,955,000*** | ***1,545,000*** | | ***0*** | ***0*** | ***0*** | |

**<u>Priority 2</u>** **<u>Developing people</u>**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2.1 Employability and Adaptability | Preservation of Traditional Maltese Crafts | ESF | | 242,020 | 181,515 | 60,505 | | | |
| | Retraining and Reskilling of Workers for Engineering Industry | ESF | | 291,940 | 218,955 | 72,985 | | | |
| | Retraining and Reskilling of Workers for Electronics Industry | ESF | | 194,380 | 145,785 | 48,595 | | | |
| | Retraining and Reskilling of Workers for the Building and Construction Industry | ESF | | 193,480 | 145,110 | 48,370 | | | |
| | Foundation Training for Adults with no formal qualifications | ESF | | 192,915 | 144,686 | 48,229 | | | |
| | Training and Employment Exposure Scheme | ESF | | 4,884,127 | 3,663,095 | 1,221,032 | | | |
| | Training in Traditional Boat Building | ESF | | 150,000 | 112,500 | 37,500 | | | |
| | Enforcing the Knowledge Based Society | ESF | | 2,000 | 1,500 | 500 | | | |
| ***TOTAL MEASURE 2.1*** | | ***TOTAL*** | ***6,360,000*** | ***6,150,862*** | ***4,613,146*** | ***1,537,716*** | ***212,138*** | ***159,103*** | ***53,035*** |
| 2.2 Gender Equality | To Improve the Representation of Women at Managerial Levels at the Main Public Hospital in Malta | ESF | | 85,135 | 63,851 | 21,284 | | | |
| | Studies related to measures aimed at improving Gender Equality | ESF | | 214,980 | 161,235 | 53,745 | | | |
| | Increasing Female Participation through Childcare Services at the Work Place | ESF | | 1,000,000 | 750,000 | 250,000 | | | |
| | Technology Skills for Women Returning to the workforce | ESF | | 294,380 | 220,785 | 73,595 | | | |
| ***TOTAL MEASURE 2.2*** | | ***TOTAL*** | ***1,640,000*** | ***1,594,495*** | ***1,195,871*** | ***398,624*** | ***45,505*** | ***34,128*** | ***11,377*** |
| 2.3 Life Long Learning and Social Inclusion | Research and Mobility Action Plan for developing in-house research capacity | ESF | | 259,860 | 194,895 | 64,965 | | | |
| | Information and Communications Technology Training Programme | ESF | | 122,989 | 92,242 | 30,747 | | | |
| | Pedagogical Training for Non-Formal Educators | ESF | | 227,137 | 170,352 | 56,785 | | | |
| | Initiating and Managing Community Based Life-Long Learning Centre | ESF | | 239,779 | 179,834 | 59,945 | | | |
| | Tourism and Support Services Training Programme | ESF | | 328,000 | 246,000 | 82,000 | | | |
| | Improve retention of Specialist Staff by developing structured specialisation and post-qualification training programmes locally, in collaboration with professional associations and Non-Government Organisations | ESF | | 212,631 | 159,473 | 53,158 | | | |
| | Enhancing the Competitiveness of SMEs and Micro Enterprises through Life Long Learning | ESF | | 300,000 | 225,000 | 75,000 | | | |
| | Literacy Programme for those seeking employment | ESF | | 197,941 | 148,455 | 49,486 | | | |
| | Supported Employment Scheme for Disabled Persons | ESF | | 793,653 | 595,233 | 198,420 | | | |
| | Training and Support for Labour Market Integration of Socially Excluded Persons | ESF | | 180,400 | 135,300 | 45,100 | | | |
| | Households Waste Separa+C95tion at Source - Training Job Seekers to Assist in the Implementation of Waste Separation at Source | ESF | | 200,000 | 150,000 | 50,000 | | | |
| | EdUkate: Education/Training/Information Centre for Disadvantaged Women | ESF | | 278,878 | 209,159 | 69,719 | | | |
| | Training of Inclusion Co-ordinators | ESF | | 118,179 | 88,634 | 29,545 | | | |
| ***TOTAL MEASURE 2.3*** | | ***TOTAL*** | ***3,650,000*** | ***3,459,447*** | ***2,594,577*** | ***864,870*** | ***190,553*** | ***142,914*** | ***47,639*** |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Priority 3** | **Rural Development and Fisheries** | | | | | | | | | | |
| 3.1 | Investment in Agricultural Holdings | EAGGF | | 7,392,858 | 2,587,500 | 1,108,929 | 3,696,429 | *0* | *0* | *0* | |
| 3.2 | Improving the Processing and Marketing of Agricultural Products | EAGGF | | 4,607,143 | 1,612,500 | 691,071 | 2,303,572 | *0* | *0* | *0* | |
| 3.3 | Fleet Renewal - Aid Scheme for Fishing Enterprises | FIFG | | 712,500 | 249,375 | 35,625 | 427,500 | 4,590,833 | 2,588,125 | 1,339,285 | 2,142,857 |
| *TOTAL PRIORITY 3* | | *TOTAL* | *17,303,444* | *12,712,501* | *4,449,375* | *1,835,625* | *6,427,501* | *4,590,833* | *2,588,125* | *1,339,285* | *2,142,857* |
| **Priority 4** | **Regional Distinctiveness (Gozo Special Needs)** | | | | | | | | | | |
| 4.1 Basic Infrastructure and Development of the Tourism Sector | Extension of Centre for Art and Crafts and Setting Up of Crafts Development Centre | ERDF | | 662,783 | 497,087 | 165,696 | | | | | |
| | Gozo Museum of Archaeology Display Project | ERDF | | 100,000 | 75,000 | 25,000 | | | | | |
| | The Upgrading of the TINA Road Network in Gozo | ERDF | | 4,051,793 | 3,038,845 | 1,012,948 | | | | | |
| | Creation of Artificial Dive Sites | ERDF | | 211,011 | 158,258 | 52,753 | | | | | |
| *TOTAL MEASURE 4.1* | | *TOTAL* | *8,140,000* | *5,025,587* | *3,769,190* | *1,256,397* | | *3,114,413* | *2,335,810* | *778,603* | |
| 4.2 Human Resources | ETC Courses and Schemes | ESF | | 260,071 | 195,053 | 65,018 | | | | | |
| | Crafts Courses for Sustainable Careers in Gozo | ESF | | 137,205 | 102,904 | 34,301 | | | | | |
| | University Gozo Centre - Courses | ESF | | 93,523 | 70,142 | 23,381 | | | | | |
| | Gozo Educational and Training Foundation (GET) | ESF | | 17,410 | 13,057 | 4,353 | | | | | |
| *TOTAL MEASURE 4.2* | | *TOTAL* | *510,000* | *508,209* | *381,156* | *127,053* | | *1,791* | *1,343* | *448* | |
| **Priority 5** | **Technical Assistance** | | | | | | | | | | |
| 5.1 Technical Assistance | General Technical Assistance and Administration Co-Operation | ERDF | | 1,413,519 | 1,060,140 | 353,379 | | | | | |
| *TOTAL MEASURE 5.1* | | *TOTAL* | *1,413,519* | *1,413,519* | *1,060,140* | *353,379* | | 0 | 0 | 0 | |
| 5.2 Technical Assistance | ESF Technical Assistance | ESF | | 450,000 | 337,500 | 112,500 | | | | | |
| *TOTAL MEASURE 5.2* | | *TOTAL* | *450,000* | *450,000* | *337,500* | *112,500* | | 0 | 0 | 0 | |
| | | **GRAND TOTAL** | **96,374,105** | **85,503,144** | **55,940,665** | **20,992,121** | **8,570,358** | ***10,210,428*** | ***7,282,220*** | ***785,351*** | ***2,142,857*** |
| | | *TOTAL EU FUNDS* | | | *55,940,665* | | | | *7,282,220* = *63.2m* | | |

*Tabella Nru. 6*

**EU COHESION FUNDS 2004 - 2006**

| | | | FUNDS (EUR) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ***HEADING*** | ***SELECTED PROJECTS*** | ***SOURCE*** | ***TOTAL*** | ***EU*** | ***LOCAL*** |
| Environment Section | Upgrading of the Waste Treatment Plant and Material Recovery Facility | CF | 16,747,500 | 13,398,000 | 3,349,500 |
| Transport Section | Restoration and Upgrading of Sections of the TEN-T | CF | 8,474,000 | 7,203,750 | 1,270,250 |
| | ***TOTAL SELECTED PROJECTS*** | ***TOTAL*** | ***25,221,500*** | ***20,601,750*** | ***4,619,750*** |

*Fondi ta' Transizzjoni*

Sors ieħor ta' finanzjament għall-Malta mill-Unjoni Ewropea se jkunu l-Fondi ta' Transizzjoni. Sal-2006, il-flus allokati lil Malta minn dawn il-fondi se jammontaw għal Lm9 miljuni. Il-programm imniedi din is-sena diġà tlesta u se jkun jiswa' madwar Lm6 miljuni li minnhom ftit anqas minn Lm5 miljuni se jiġu taħt l-imsemmija fondi ta' transizzjoni: il-kumplament joħorġu l-gvern malti.

L-oqsma li fihom se jitwettqu numru ta' proġetti jinkludu:

- is-suq intern;
- il-politika tat-trasport u l-immaniġġjar amministrattiv;
- ġustizzja w affarijiet interni;
- politika soċjali u mpjiegi;
- agrikultura;
- l-ambjent; u
- t-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi.

Id-dettalji kollha jinsabu f'Tabella Numru 7 hawn mehmuża.

*Fondi ta' Qabel id-Dħul*

Hawn ukoll, il-Kummissjoni Ewropea tat lil kull wieħed mill-għaxar pajjiżi li kienu kandidati għad-dħul fl-1 ta' Mejju 2004, l-opportunità li ma jitlifx mill-flus allokati lilu qabel dik id-data bħala *pre-accession* funds u li għad ma kinux utilizzat jew kienu marbuta ma' proġetti li kienu għadhom qed jitwettqu sa dak in-nhar.

*Tabella Nru. 7*

**EU TRANSITION FACILITY FUNDS YEAR 2004**

| HEADING | SELECTED PROJECTS | SOURCE | TOTAL | EU | LOCAL |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | FUNDS (EUR) | | |
| Trade - Internal Market | Institution building of the Malta Standards Authority | TF | 368,000 | 368,000 | 0 |
| | Additional support for the Market Surveillance System | TF | 749,000 | 639,000 | 110,000 |
| | Upgrading the National Blood Transfusion Service | TF | 595,000 | 353,000 | 242,000 |
| | Capacity Building of the Department of Public Health | TF | 1,300,000 | 1,075,000 | 225,000 |
| | Intellectual Property Awareness | TF | 180,700 | 148,000 | 32,700 |
| | | *TOTAL* | ***3,192,700*** | ***2,583,000*** | ***609,700*** |
| Transport Policy and Administrative Management | Capacity Building at the Malta Maritime Authority | TF | 1,053,400 | 985,000 | 68,400 |
| | | *TOTAL* | ***1,053,400*** | ***985,000*** | ***68,400*** |
| Justice and Home Affairs | Strengthening Malta's capacity in the issuance of visas | TF | 375,000 | 304,000 | 71,000 |
| | Development of Border Management Control | TF | 156,000 | 143,500 | 12,500 |
| | Enhancement of the Asylum System | TF | 94,500 | 94,500 | 0 |
| | Capacity Building in the Justice Sector | TF | 276,000 | 241,000 | 35,000 |
| | Radio Network Infrastructure for 112 Call-Related Emergency Service Providers | TF | 200,000 | 200,000 | 0 |
| | | *TOTAL* | ***1,101,500*** | ***983,000*** | ***118,500*** |
| Social Policies and Employment | Institutional Building of the Occupational Health and Safety Authority | TF | 391,000 | 332,000 | 59,000 |
| | Capacity strengthening of the Department of Social Security | TF | 230,200 | 218,000 | 12,200 |
| | | *TOTAL* | ***621,200*** | ***550,000*** | ***71,200*** |
| Agriculture | Capacity Building in the Food and Veterinary Regulation Division | TF | 1,002,000 | 1,002,000 | 0 |
| | | *TOTAL* | ***1,002,000*** | ***1,002,000*** | ***0*** |
| Environment | Capacity Building to introduce the Polluter Pays Principle | TF | 200,000 | 200,000 | 0 |
| | Capacity  to implement the Air Quality Framework Directive | TF | 256,500 | 208,000 | 48,500 |
| | Implimentation of the Nature Protection Acquis | TF | 400,000 | 400,000 | 0 |
| | Implimentation systems for the Producer Responsibility Directives | TF | 400,000 | 400,000 | 0 |
| | | *TOTAL* | ***1,256,500*** | ***1,208,000*** | ***48,500*** |
| Administrative Capacity | Technical Assistance | TF | 2,630,000 | 2,630,000 | 0 |
| | Strengthening of the VAT Department and the Tax Compliance Unit | TF | 400,000 | 400,000 | 0 |
| | Measures to assist the Customs Department | TF | 90,000 | 90,000 | 0 |
| | Capacity Building for Malta Enterprise | TF | 400,000 | 400,000 | 0 |
| | Capacity Building programme in Information Security | TF | 695,000 | 646,500 | 48,500 |
| | Strengthening capacity in the field of interpretation | TF | 148,000 | 111,000 | 37,000 |
| | Strengthening capacity in the field of translation | TF | 215,250 | 211,500 | 3,750 |
| | | *TOTAL* | ***4,578,250*** | ***4,489,000*** | ***89,250*** |

Għalhekk, Malta se tkompli tibbenefika minn ammont globali ta' ftit anqas minn Lm 7 miljuni matul din is-sena u matul is-sentejn li ġejjin fuq proġetti jew programmi li għadhom sejrin.

Fost dawn il-programmi insibu:

- għajnuna teknika għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u istituzzjonali fl-oqsma tat-tassazzjoni, politika reġjonali, il-ħarsien tas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol, l-immaniġġjar tal-kosta, *standards*, l-ambjent, agrikultura u sajd, sigurtà fuq il-baħar, u r-regolamentazzjoni tal-mediċini;
- il-proġett tat-tisfija tad-drenaġġ f'Għawdex;
- studji dwar il-fattibilità u l-impatt ambjentali ta' proġetti infrastrutturali tat-trasport.

Dettalji oħra jidhru fit-Tabella Nru. 8 hawn mehmuża.

***Ħidma biex Nattiraw Aktar Fondi Għas-Snin 2007-2013***

Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet tekniċi fid-diversi livelli tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-proposti tagħha fuq il-Perspettiva Finanzjarja l-ġdida għas-snin 2007-2013. L-għan ta' dawn id-diskussjonijiet hu biex isir għarbiel tajjeb minn diversi aspetti tal-perspettiva proposta u biex kull wieħed mill-pajjiżi membri, barra milli jaraha minn angolu globali, jiżgurha li l-finanzjament propost ikun jirrifletti l-ħtiġijiet marbuta mat-twettiq tad-diversi inizzjattivi li hemm bżonn jittieħdu għar-realiżżazzjoni tal-objettivi politiċi, ekonomiċi u soċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Tabella Nru. 8*

## PRE-ACCESSION FUNDS

| YEAR OF COMMITMENT | 2004 *EURO* | 2005 *EURO* | 2006 *EURO* | TOTAL *EURO* |
|---|---|---|---|---|
| 2000 | 141,870 | - | - | **141,870** |
| 2001 | 2,005,934 | - | - | **2,005,934** |
| 2002 | 2,000,000 | 1,000,000 | - | **3,000,000** |
| 2003**(A)** | - | 2,500,000 | 8,059,000 | **10,559,000** |
| ***TOTAL*** | ***4,147,804*** | ***3,500,000*** | ***8,059,000*** | ***15,706,804*** |

***(A)*** *Euro 2.441 million were paid in advance in 2003*

Dawn il-prijoritajiet huma miġbura taħt 5 oqsma ewlenin li huma:

1. It-tkabbir sostenibbli
    a. Kompetittività għat-tkabbir u mpjiegi
    b. Keożjoni għat-tkabbir u mpjiegi
2. Il-Ħarsien u l-immaniġġjar tar-risorsi naturali
3. Ċittadinanza, ħelsien, sigurtà u ġustizzja
4. L-Unjoni Ewropea bħala sieħeb globali
5. Nefqa Amministrattiva.

Kif għidt, dawn id-diskussjonijiet għadhom bikrin, iżda fihom tqajmu diversi punti mill-pajjiżi ndividwali li jindirizzaw ix-xena globali u l-interessi nazzjonali – fosthom Malta. Iżda s'issa dawn il-punti għadhom fuq bażi ta' prinċipji, jiġifieri ma bdew l-ebda diskussjoni dwar allokazzjoni ta' fondi mal-ħtiġijiet nazzjonali ta' kull pajjiż membru biex dan jew isaħħaħ jew jersaq aktar qrib lejn il-konverġenza ekonomika u soċjali tal-Unjoni. Tajjeb wieħed jgħid, iżda li pajjiżna, se jibqa' benefattur nett matul il-perjodu kollu msemmi, jiġifieri bejn l-2007 u l-2013. Dan ifisser li Malta se tkompli ddaħħal fondi mill-Unjoni Ewropea aktar milli toħroġ fi ħlas lejn il-*budget* tal-Unjoni.

### *Il-Kontribuzzjoni ta' Malta lejn l-Unjoni Ewropea*

Il-kontribuzzjonijiet li l-25 pajjiż membru tal-Unjoni jagħmlu lill-Kummissjoni Ewropea jikkostitwixxi l-uniku dħul għaliha.

Hemm 4 sorsi ta' kontribuzzjonijiet, jiġifieri, id-dħul mid-dazju fuq importazzjoni minn pajjiżi li m'humiex membri u li minnu nżommu 25% biex naqtgħu l-ispejjeż amministrattivi u l-kumplament ngħadduh lill-Unjoni Ewropea; is-sorsi bbażati fuq id-dħul mit-taxxa tal-VAT u fuq il-Prodott Gross Nazzjonali: dawn huma żewġ sorsi li l-ħdim tal-ammont

kontributorju taħthom hu kumpless ħafna; u l-kontribuzzjoni għall-*UK Rebate*, li hi kontroversjali ħafna u li bħalissa għaddejjin taħditiet dwarha biex din issir waħda ekwa u ġusta għal kulħadd. Fl-aħħar hemm kontribuzzjoni għal riservi li huwa tlieta, jiġifieri, ir-riserva monetarja, ir-riserva għal garanzija fuq self, u r-riserva għal għajnuna ta' emerġenza. Il-kontribuzzjoni għal dawn ir-riservi jsiru wkoll fuq il-bażi tal-Prodott Gross Nazzjonali.

Il-kontribuzzjoni globali ta' Malta fi prezzijiet kurrenti għall-perjodu 2004-2006 se tilħaq madwar Lm59 miljun. F'Tabella Nru. 9, hawn mehmuża, qed tingħata indikazzjoni tal-fondi li Malta ser ikollha għad-dispożizzjoni tagħha minn u li trid tgħaddi lil Unjoni Ewropea.

***Fondi taħt il-Ħames Protokoll Finanzjarju Taljan***

Sors ieħor ta' fondi barranin huwa dak maqbul mal-gvern Taljan taħt il-5 Protokoll Finanzjarju ma' l-Italja fl-aħħar tas-sena 2003 u li issa ġie mġedded sas-sena 2007. Taħt dan il-ftehim Malta se tibbenefika minn għotja globali ta' madwar Lm30 miljun marbuta ma' twettiq ta' numru ta' proġetti li ġew maqbula mal-gvern Taljan.

Flimkien ma' dawn il-flejjes, il-gvern Malti se joħroġ madwar Lm2 miljun oħra bħala ko-finanzjament.

Dawn l-ammonti globali ta' madwar Lm32 miljun huma mifruxa fuq tliet snin.

Fost l-akbar proġetti li qed ikunu finanzjati taħt dan il-protokoll hemm program ta' modernizżar tat-toroq li qed jiġi mplimentat mill-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq u l-Awtorità Maltija tat-Trasport b'ammont totali ta' Lm13 miljun.

*Tabella Nru. 9*

**MALTA/EU NET BALANCES**
**(COMMITMENT APPROPRIATIONS)**

*(millions)*

| | 2004 | | 2005 | | 2006 | | 2004-2006 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *EURO* | *LM* | *EURO* | *LM* | *EURO* | *LM* | *EURO* | *LM* |
| **RECEIPTS** | | | | | | | | |
| Agriculture | 8.10 | 3.50 | 9.00 | 3.89 | 9.80 | 4.23 | 26.90 | 11.61 |
| Structural Funds* | 14.80 | 6.39 | 21.10 | 9.11 | 27.30 | 11.79 | 63.20 | 27.28 |
| Cohesion Funds** | 6.96 | 3.00 | 5.84 | 2.52 | 7.80 | 3.37 | 20.60 | 8.89 |
| Transition Funds | 11.80 | 5.09 | 6.30 | 2.72 | 3.10 | 1.34 | 21.20 | 9.15 |
| Pre-Accession Aid*** | 4.15 | 1.79 | 3.50 | 1.51 | 8.06 | 3.48 | 15.71 | 6.78 |
| ***Total Receipts*** | ***45.81*** | ***19.78*** | ***45.74*** | ***19.75*** | ***56.06*** | ***24.20*** | ***147.61*** | ***63.72*** |
| **PAYMENTS*** | | | | | | | | |
| TOR | 6.70 | 2.89 | 10.04 | 4.34 | 10.04 | 4.34 | 26.78 | 11.56 |
| VAT | 4.38 | 1.89 | 6.58 | 2.84 | 6.58 | 2.84 | 17.54 | 7.57 |
| GNI | 20.21 | 8.72 | 30.31 | 13.09 | 30.31 | 13.09 | 80.84 | 34.90 |
| UK Rebate | 2.82 | 1.22 | 4.23 | 1.83 | 4.23 | 1.83 | 11.28 | 4.87 |
| Reserves | 0.07 | 0.03 | 0.10 | 0.04 | 0.10 | 0.04 | 0.26 | 0.11 |
| ***Total Payments*** | ***34.17*** | ***14.75*** | ***51.26*** | ***22.13*** | ***51.26*** | ***22.13*** | ***136.70*** | ***59.01*** |
| Budgetary Compensation* | 41.85 | 18.07 | 73.00 | 31.51 | 71.71 | 30.96 | 186.56 | 80.54 |
| Lump Sum* | 13.51 | 5.83 | 30.21 | 13.04 | 30.95 | 13.36 | 74.67 | 32.24 |
| ***Total*** | ***55.36*** | ***23.90*** | ***103.21*** | ***44.56*** | ***102.66*** | ***44.32*** | ***261.23*** | ***112.77*** |
| ***Net Balance*** | ***67.00*** | ***28.92*** | ***97.69*** | ***42.17*** | ***107.46*** | ***46.39*** | ***272.14*** | ***117.48*** |

** current prices*
*** 2004 prices subject to an annual euro deflator*
**** including disbursements/reimbursements of funds committed prior to 2004*

Rate of Exchange = 0.4317

Proġett ieħor kbir b'allokazzjoni globali ta' madwar Lm7 miljuni hu dak tat-tisħiħ tas-sorveljanza marittima li permezz tiegħu l-Forzi Armati ta' Malta se jkunu mgħammra b'*patrol boat* moderna b'*helicopter flight deck* fuqha. Ma' din il-*patrol boat* se jinxtraw *spare parts* u se jingħata wkoll taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ li se jħaddimha.

Fuq il-bini ta' inċineratur għall-biċċeriji f'Malta u f'Għawdex ġew allokati madwar Lm5 miljuni taħt dan il-protokoll finanzjarju. Dan il-proġett hu marbut mal-obbligi ta' Malta taħt l-*Acquis Communitaire* tal-Unjoni Ewropea biex jinħaraq il-materjal kollu li hu ta' xi riskju. It-titjib fl-inċineratur f'Għawdex jinsab lest kif ukoll inxtara inċineratur *mobile* għall-biċċerija f'Malta. Għaddejjin xogħolijiet oħra fuq it-tqegħid ta' inċineratur ieħor fiss fl-istess biċċerija.

Madwar Lm4 miljun oħra se jintefqu fuq il-bini u l-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ fil-lokal magħruf bħala ċ-Ċumnija fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Il-kuntratt għal dan il-proġett mistenni jkun iffirmat fi żmien qasir.

Fost il-proġetti l-oħra li se jkunu finanzjati taħt dan il-Protokoll Finanzjarju nsibu x-xiri ta' għamara kif ukoll id-disinjar, il-proviżjoni u l-installazzjoni ta' sistema ta' ħażna u ta' loġistika fl-isptar il-ġdid Mater Dei, xiri ta' tagħmir u għajnuna teknika għall-faċilitajiet ta' *grading* u *cold storage* fil-Pitkalija, it-tiswijiet u restawr tal-orgni tas-16 il-seklu u r-restawr tal-Kappella tal-Lingwa Taljana fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, u t-twaqqif ta' Siġġu fl-Università ta' Malta għall-Istudji Mediterranji u dawk Ewropew.

Dan il-Protokoll mistenni jkun l-aħħar wieħed f'sensiela ta' għajnuna finanzjarja li l-gvern Taljan għoġbu jgħaddi lil Malta matul dawn l-aħħar snin.

**Id-Dejn Pubbliku u Żviluppi Oħra**

Minbarra li diġà kien jeżisti dejn sostanzjali minn snin oħra li ġie mġedded, il-ħtiġijiet dejjem jikbru għal self sabiex l-amministrazzjoni tiffinanzja defiċit ta' kull sena fil-*budget* nazzjonali tul dawn l-aħħar snin komplew żiedu l-impatt fuq il-livell tad-dejn pubbliku. Id-defiċit fil-*budget* tal-gvern seħħew biex isostnu programmi ta' żvilupp kontinwu tul dawn l-aħħar snin fl-oqsma kollha tal-ekonomija, fosthom ħtiġijiet soċjali bħalma huma l-benefiċċji soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni. Stajna m'għamilna xejn minn dan kollu u ma konna nżidu xejn id-dejn pubbliku!

Ħadd, iżda, ma jista' jlumna li qed ngħabbu l-ġenerazzjonijiet li ġejjin b'dejn inutli. Apparti l-fatt li l-gvern kommess aktar minn qatt qabel li jrażżan id-defiċit fil-finanzi pubbliċi u allura l-ħtieġa għas-self, jibqa' l-fatt li dak kollu li bnejna s'issa u li qed inkomplu nibnu b'investiment qawwi u b'sagrifiċċju kbir qed nagħmluh mhux biss biex intejbu l-kwalità tal-ħajja llum iżda wkoll biex inħallu lil ta' warajna wirt b'saħħtu li jkunu jistgħu igawduh huma wkoll f'pajjiż żviluppat b'sistemi soċjali sani u sostenibbli u kwalità ta' ħajja dejjem aħjar. Għalhekk, ma jkunx ħazin li l-ġenerazzjonijiet li ġejjin jerfgħu huma wkoll ir-responsabiltajiet tagħhom marbuta mal-ġid li minnu jkunu jgawdu.

Fis-sena finanzjarja kurrenti l-livell tad-dejn tal-gvern estiż jew gvern ġenerali mistenni jkun ta' Lm1.4 biljun jew 73.2% tal-Prodott Gross Domestiku. Dan jinkludi Lm1.3 biljun dejn tal-fond konsolidat u madwar Lm100 miljun ieħor ta' entitajiet pubbliċi li jagħmlu parti ntegrali mill-gvern estiż, fosthom id-dejn tat-tarznari li l-gvern assuma s-sena l-oħra.

L-ispiża tal-ħlas ta' imgħaxijiet u ta' kontribuzzjonijiet għal *sinking funds* għal din is-sena mistennija tkun ta' madwar Lm83 miljun li minnhom

madwar Lm73 miljun li jmorru fuq dejn lokali u l-kumplament fuq dejn barrani.

Is-sena d-dieħla d-dejn pubbliku mistenni jitla' b'Lm115-il miljun ieħor li jirrappreżentaw il-ħtieġa għas-self tal-gvern biex jagħmel tajjeb għad-defiċit kumulattiv tiegħu. Minn dan l-ammont, Lm15-il miljun se jkunu ġejjin mill-Council of Europe Development Bank biex taħt faċilitajiet ta' kreditu eżistenti biex jiffinanzjaw infiq fuq ix-xogħlijiet fl-isptar Mater Dei.

B'hekk, is-sena d-dieħla d-dejn pubbliku mistenni jkun 72% tal-Prodott Gross Domestiku.

Tajjeb wieħed jgħid li, minn bilanċ ta' dejn pubbliku ta' Lm1.4 biljun, madwar Lm71 miljun, jew 5% huwa dejn barra mill-pajjiż. Dan ifisser li l-kumplament tad-dejn pubbliku, jiġifieri 95% l-oħra baqa' fl-ekonomija lokali u l-imgħaxijiet, wara l-ħlas tat-taxxa lokalment, imorru lura fil-bwiet ta' investituri lokali biex dawn jerġgħu jonfquhom fl-ekonomija lokali. Filwaqt li ebda mod ma rrid innaqqas mid-dimensjoni tal-problema, ngħid li l-impatt fuq l-ekonomija tagħna allura jieħu xejra oħra.

Rigward is-sostennibilità tad-dejn pubbliku il-gvern tiegħi għandu quddiemu żewġ għażliet, jiġifieri, jew dik li jnaqqas in-nefqa pubblika mingħajr ma jikkomprometti l-iżvilupp jew inaqqar mis-servizzi soċjali jew inaqqas l-impjiegi u d-dħul tal-familji, jew dik li joħloq aktar *cost-effectiveness* fis-settur pubbliku billi jtejjeb il-produttività u hekk jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi tagħna bl-anqas spejjeż possibli u bl-akbar kompetittività. Il-gvern għażel taħlita mit-tnejn u dan qed jagħmlu permezz tar-riformi soċjali u oħrajn strutturali fis-settur pubbliku li għadni kif semmejt aktar qabel.

B'dan il-mod, il-gvern impenjat li jnaqqas il-bilanċ fid-dejn pubbliku, bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku, minn 73.2% din is-sena għal 70.4% fl-2007. Dan jirrifletti wkoll parzjalment il-fatt li l-Prodott Gross Domestiku mistenni jikber sa dak in-nhar b'rata aktar mgħaġġla mid-dejn pubbliku.

**Dejn Ieħor Garantit mill-Gvern**

Daqs kemm il-gvern tiegħi hu mpenjat li jnaqqas il-persentaġġ tad-defiċit mal-Prodott Gross Domestiku hekk ukoll hu għal kollox kontra li jaddotta xi politika libera li tipprovdi garanziji lill-entitajiet pubbliċi biex dawn ikollhom faċilitajiet ta' kreditu bankarju. Dan jixhdu l-fatt li l-garanziji tal-gvern għal entitajiet pubbliċi matul dawn l-aħħar ħames snin niżlu minn Lm456 miljun fl-1999 għal Lm343 miljun sa Settembru li għadda li minnhom mhux anqas minn Lm106 miljun huma marbuta ma' self tal-Korporazzjoni Maltija tal-Port Ħieles, li sar biex jiffinanzja l-bini tat-terminal numru 2 fil-Port Ħieles u li l-Korporazzjoni se tkun f'qagħda aħjar li tħallas lura mid-dħul tal-privatizzazzjoni tal-*Malta Freeport Terminals Ltd.*, Lm77.7 miljun oħra huma marbuta ma' self tal-Korporazzjoni Enemalta li sar għal bini tal-power station il-ġdid f'Delimara filwaqt Lm40 miljun oħra huma marbuta ma' self ta' dik li qabel kienet il-*Malta Drydocks Corporation*. It-33% l-oħra tal-garanziji tal-gvern huma mifruxa fuq entitajiet pubbliċi oħra fosthom il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li għandha garanzija ta' mhux anqas minn Lm26 miljun marbuta ma' self għall-installazzjonijiet tat-tisfija tal-ilma għax-xorb.

**L-Investiment u l-Politika ta' Konsolidament Fiskali**

Is-sehem tal-investiment pubbliku fl-ekonomija tagħna bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku żdied tul l-aħħar snin. Din ix-xejra ma taqbilx mal-esperjenzi ta' pajjiżi oħra ndustrijalizzati fosthom numru kbir ta' pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea.

It-tnaqqis fl-investiment pubbliku bħala sehem mill-Prodott Gross Domestiku hu normalment attribwit għal diversi fatturi, l-aktar għall-livell tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż u l-proċess li bih is-settur privat ikun involut f'xogħolijiet pubbliċi sew permezz ta' privatizzazzjoni kif ukoll fl-isforzi tal-gvern biex isaħħaħ il-finanzi pubbliċi.

Fil-każ ta' Malta, l-investiment pubbliku m'huwiex jonqos għaliex il-proċess ta' żvilupp ekonomiku u strutturali għadu għaddej bil-gvern jalloka ammonti kbar ta' risorsi f'xiri ta' oġġetti u servizzi.

Filwaqt li għandhom impatt dirett fuq il-ġid komuni, xi wħud minn dawn l-investimenti m'humiex ekonomikament vijabbli biex is-settur privat jidħol għalihom. Per eżempju, każ tipiku hu dak ta' ċerti nvestimenti marbuta ma' titjib fl-ambjent. Iżda, l-esperjenza ta' ħafna mill-pajjiżi Ewropew turi li kemm it-twettiq kif ukoll it-tħaddim ta' proġetti nfrastrutturali ewlenin qed isiru bi sħab bejn il-gvern u l-privat.

Fuq dan it-tip ta' nvestiment u operat se nitkellem aktar 'l quddiem. Iżda, tajjeb ngħid li nvestimenti bi sħab mal-privat għandhom inaqqsu l-ħtieġa tas-self għall-gvern għaliex f'dawn il-każi l-infiq kapitali ma jsirx minn fondi pubbliċi. Barra dan, għandhom jiżdiedu l-opportunitajiet ta' nvestiment għall-privat bil-possibilità li jinġieb ukoll investiment minn barra għal proġetti ta' ċertu kobor. Ma' dan, tajjeb inżid ngħid li proġetti pubbliċi li jkunu mwettqa b'dan il-mod mhux se jimbuttaw 'il barra l-investiment privat minħabba l-pressjoni fuq ir-rati tal-imgħax. Għal

kuntrarju, kemm il-darba ċerti proġetti pubbliċi jsiru bil-parteċipazzjoni tas-settur privat ikollhom effett posittiv billi jżidu l-produttività u l-opportunitajiet ta' nvestiment.

Għaldaqstant, tnaqqis fl-investiment pubbliku b'riżultat ta' parteċipazzjoni akbar tal-privat u b'riżultat ta' aktar privatizzazzjoni għandu jwassal biex jgħin fl-isforzi tal-gvern lejn il-konsolidament fiskali bla ma jħalli mpatt negattiv fuq l-ekonomija.

Mhux biss, iżda fejn ikun qed iseħħ konsolidament fiskali jkun hemm ukoll tkabbir ekonomiku. Dan esperjenzawh diversi pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea fejn il-konsolidament fiskali li rnexxielhom iwettqu wassal għall-espansjoni fl-ekonomija tagħhom. Studji juru li matul perjodi, anki fuq medda qasira ta' tliet snin, li fihom gvernijiet wettqu politika ta' finanzjament sar permezz ta' razzjonalizzazzjoni fiskali, kibru sew il-konsum kemm l-investimenti privati. Dan għaliex sew il-konsumaturi kif ukoll l-investituri jħarsu 'l quddiem u jżidu l-aspettattivi tagħhom meta jaraw l-ekonomija tistgħana. F'dan ir-rigward, konsolidament fiskali jnaqqas, kif għidt, il-ħtieġa tal-gvern għas-self u l-possibilità li t-tassazzjoni ma' tiżdiedx.

Il-konsolidament fiskali, għalhekk, flimkien ma' stabilità politika u finanzjarja għandhom iżidu l-kredibilità u l-fiduċja fit-tmexxija tal-ekonomija u jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha. Barra dan, il-pajjiż jibqa' jżomm il-*credit rating* tiegħu jekk mhux ukoll itejbu. Dan hu fattur importanti għal Malta f'dan il-perjodu ta' bidla li ġabet magħha sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea. Qabel id-dħul, il-*credit rating* tagħna kien jistrieħ fuq il-prospettivi tas-sħubija tagħna. Illum, il-*credit rating* tagħna jrid jintrabat mal-għaqal u l-ħidma tagħna biex nisfruttaw l-benefiċċji u r-responsabilitajiet ta' din is-sħubija.

*Appendiċi 'Ċ'*

**Ristrutturar ta' Entitajiet Pubbliċi**

Entitajiet u ntrapriżi pubbliċi kibru fid-daqs u fl-iskop matul dawn l-aħħar snin. L-operat tagħhom, iżda, sar jiddependi b'mod qawwi fuq realtajiet kummerċjali u hu magħruf sew li enti pubblika hi ħafna anqas kapaċi tirrispondi għar-realtajiet kummerċjali u finanzjarji milli waħda fis-settur privat.

Għalhekk, inħasset dejjem aktar il-ħtieġa għal riforma jew ristrutturar ta' uħud minn dawn l-intrapriżi. Il-programmi ta' riforma fis-settur pubbliku li qed iseħħu huma maħsuba biex, filwaqt li jtejbu kontinwament il-livell tas-servizzi tagħhom, ikomplu jkattru l-effiċjenza u l-produttività fl-operat tal-entitajiet sabiex kemm jista' jkun dawn ma jibqgħux jiddependu minn fondi pubbliċi iżda, minflok, jikkontribwixxu għat-tkabbir tal-kompetittività ta' pajjiżna mingħajr ma jitilfu l-obbligi soċjali li jġorru.

Kien wasal sew iż-żmien li jiġi ndirizzat it-telf strutturali ta' miljuni ta' liri fis-sena f'diversi ażjendi tal-gvern bħalma huma t-Tarzna, l-*Air Malta.*, il-Gozo Channel Co. Ltd.u l-*Public Broadcasting Services*. Minbarra t-trażżin ta' l-ispiża amministrattiva, ħolqa ewlenija f'dan l-eżerċizzju kien il-bżonn li r-riżorsi umani f'dawn l-entitajiet ikunu biss dawk meħtieġa għall-operat tagħhom.

Ovvjament, il-proċess ta' riformi m'huwiex wieħed faċli: jitlob determinazzjoni, konsistenza, ġudizzju sod, galbu u ħarsien fit-tul. Iżda, jitlob ukoll il-ħila u l-ħeġġa tat-tiġdid kontinwu li wieħed jistenna minn kull ażjenda li għandha rwol kompetittiv jew kruċjali għal pajjiżna.

*It-Tarzna*

It-Tarzna minn dejjem kienet entita' li ħadet sussidji kbar sena wara oħra. Madankollu, b'impenn qawwi l-gvern u l-*management* qabdu t-triq ta' riforma sensata mmirata li tpoġġi t-Tarzna fl-isfond tar-rejaltajiet tad-dinja globalizzata. Dan l-impenn diġa` beda juri r-riżultati. L-istimi finanzjarji għat-tarzna juru li, matul l-ewwel disa` xhur tas-sena, it-telf kien madwar Lm1 miljun anqas minn dak proġettat. Dan hu progress lejn il-miri tagħna li t-tarzna tasal lejn sostennibilità kummerċjali. Hemm sforzi qawwija mill-*management* biex jattira aktar xogħol u l-maġġoranza tal-ħaddiema jidhru li fehemu l-ħtieġa għall-bidla. Is-sena d-dieħla se tkun sena partikolarment diffiċli għaliex qed niffaċċjaw kompetizzjoni qawwija ħafna minn tarznari torok u kroati. Biex nirbħu din l-isfida rridu minn naħa nidħlu fi swieq ġodda u min-naħa l-oħra nifhmu lkoll li rridu nżidu l-produttivita` ħafna aktar milli żdiedet din is-sena.

Biex inkomplu nsaħħu l-potenzjal ta' din l-industrija, l-gvern qed jinvesti Lm1 miljun din is-sena għax-xiri ta' tagħmir li llum meħtieġ kontinwament u qed jinkera mit-tarzna.

Sadanittant, hemm interess qawwi minn diversi ntrapriżi li jixtiequ jinvestu fl-iżvilupp tas-sit fil-Marsa fejn qabel kien hemm il-*Malta Shipbuilding Co. Ltd.* Il-gvern waqqaf kummissjoni magħmula mill-i*stakeholders* kollha biex tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif nistgħu nimxu 'l quddiem u qed jistenna li r-rapport ikun lest sa Frar tas-sena d-dieħla.

*Gozo Channel Co. Ltd.*

Hawn ukoll kellna riżultati nkoraġġanti meta t-telf ta' kważi Lm1 miljun fis-sena niżel għal Lm27,000 sa Settembru li għadda – riżultat li jinkludi kontribuzzjoni mill-gvern ta' Lm700,000 għas-sussidju tat-tariffi ridotti għall-Għawdxin. Fil-fatt, għas-sena d-dieħla l-gvern qed jikkalkola li s-sussidju se jlaħħaq is-somma ta' Lm 1,400,000.

Ta' min jinnota li, minkejja l-polemika li qamet meta ġew riveduti t-tariffi, il-ġarr tal-passiġġieri żdied meta mqabbel mas-sena preċedenti, b'50,000 passiġġier u 10,000 karozza. Ġie wkoll imdaħħal *Night Service* fix-xhur bejn Ottubru u Mejju biex tkun żgurata l-kontinwita` ta' servizz iżda l-patrunaġġ ma hu xejn inkoraġġanti. L-ispiża addizzjonali ta' dan is-servizz hija wkoll sussidjata mija fil-mija mill-Gvern.

Sadanitant, il-*Gozo Channel* għamlet ukoll riformi nterni biex tiżgura li tnaqqas l-ispejjeż tal-operat tagħha u b'dan il-mod tkun tista' tilħaq il-mira ta' vijabilita' kummerċjali sa l-aħħar tas-sena d-dieħla.

*L-Air Malta Co. Ltd.*

L-eżerċizzju ta' ristrutturar tal-*Air Malta Co. Ltd.*, li ngħata bidu għalih fis-sajf tas-sena l-oħra, kompla jitwettaq u jissaħħaħ matul din is-sena. Il-punti ewlenin ta' dan l-eżerċizzju huma:

- l-iżvilupp ta' pjan strateġiku abbinat ma' *business plan* bil-għan li l-kumpanija tasal biex, sal-2008, tagħmel qliegħ. Dan il-pjan jiżgura li l-kumpanija tiffoka fuq il-*core business* tagħha u li tiżvesti ruħha minn sussidjarji li għandha, fosthom l-ishma tagħha fi tlett lukandi;

- l-implimentazzjoni ta' eżerċizzju ta' ristrutturar sħiħ fil-*management* fejn qegħdin jiġu konsolidati r-responsabbiltajiet biex ikun hemm aktar responsabiliżżazzjoni fit-tmexxija tal-kumpannija;
- il-ftehim ta' pjan magħruf bħala *rescue plan* mifrux fuq tlett snin li għamilna ma' erba' *unions* li jirrappreżentaw l-impjegati tal-kumpanija u li ser inaqqas l-ispiża b'Lm1 miljun fis-sena;
- żieda ta' Lm30 miljun fil-kapital tal-kumpanija;
- l-implimentazzjoni ta' pjan ta' sistema ta' informatika li tinkludi l-aħħar sistemi fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u komunikazzjoni fil-qasam tal-avjazzjoni u l-aħħar teknoloġija fl-avjazzjoni; u
- żvilupp tas-servizz ewlieni tal-kumpanija bl-ewwel attentati jitwettqu b'suċċess fit-titjiriet irħas lejn l-ajruport ta' Stansted f'Londra minn Marzu li għadda, il-*5th Freedom Operation* fuq ir-rotta Catania/Gatwick, u is-*7th Freedom Operation* bejn Manchester u Birmingham u destinazzjonijiet oħra.

Fl-ewwel xhur tal-implimentazzjoni tar-riformi jidher li l-miri prefissi bdew jintlaħqu iżda għadu ħafna kmieni biex wieħed jgħid li wasalna, l-aktar f'dawn iż-żminijiet fejn hemm inċertezza kbira dwar il-prezz taż-żejt.

***Public Broadcasting Services***

Il-PBS kienet titlef mal-kwart ta' miljun lira fis-sena minkejja li kienet tirċievi sussidju ta` madwar Lm2 miljuni fis-sena. Hu ċar li l-Gvern ma setax jibqa` joħroġ dawn il-flus biex jissussidja l-kumpanija u, għalhekk, kulħadd kien favur ir-riforma.

Wara li ntlaħaq qbil mal-GWU, ġew offruti lill-ħaddiema kemm *voluntary redundancy schemes* kif ukoll *re-deployment* biex b'hekk in-numru ta`

ħaddiema jonqos drastikament. Intlaħaq ukoll ftehim kollettiv ġdid li jagħti ħafna aktar flessibilita\`. B'hekk tqegħdu l-pedamenti biex ir-riforma tkun tista' tabilħaqq isseħħ. Bħal f'kull riforma oħra, fil-bidu tiltaqa' ma\` xkiel iżda jien fiduċjuż illi r-riżultati għandna nibdew narawhom matul is-sena d-dieħla.

Li nista\` ngħid hu li l-ewwel riżultati huma nkoraġġanti ħafna – l-ewwel riżultati finanzjarji juru li l-PBS għalqet din is-sena finanzjarja bi *trading profit* ta' madwar Lm200,000 meta sentejn ilu kienet tirreġistra *trading loss* ta' kwart ta' miljun lira: titjib ta' aktar minn nofs miljun lira fi ftit anqas minn sena. Din-is-sena, għall-ewwel darba, il-PBS se tkun qed taħdem mingħajr is-sussidju ta' Lm2 miljuni u, għalhekk, l-isfida quddiema hi kbira ħafna.

*Il-Korporazzjoni Enemalta*

Il-gvern għaddej bi programm ta' riforma sħiħa ntiż biex jirriforma mill-qiegħ din il-Korporazzjoni bil-għan li ssir waħda li tirrifletti l-bżonnijiet tal-klienti tagħha u l-ħtiġijiet tal-pajjiż. Il-punti ewlenin ta' dan il-programm huma:

- li l-korporazzjoni tingħata struttura organiżżattiva: qed jiġi konkluż eżerċizzju biex ikun ingaġġat it-*top management* kollu u, bħalissa, beda wkoll il-proċess ta' l-għażla tal-*middle management*. Qegħdin fil-proċess li nibdew *skills and manpower audit* biex jiġi determinat l-aħjar livell tan-numru ta' mpjegati;
- it-twaqqif ta' sistema nterna ta' verifika;
- riforma fundamentali fis-sistemi finanzjarji kollha ntiżi biex jaġġornaw is-sistemi wżati u jiżguraw effiċjenza finanzjarja. L-ewwel pass kien il-proċess ta' *unbundling* ta' l-*accounts* ta' l-

*Enemalta* biex il-Korporazzjoni tkun tista' tippreżenta stampa aktar ċara ta' l-operat tagħha;

- il-*Malta Oil Bunkering Co. Ltd*. se tkun integrata lura fil-korporazzjoni biex issaħħaħ il-faċilitajiet ta' ħażna u jagħtiha l-fakultà li tikri lura dak li ma jkunx ta' ħtieġa mmedjata għaliha;
- tlestew l-istudji kollha meħtieġa biex tkun introdotta sistema moderna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni li tipprovdi wkoll li għall-qari elettroniku tal-*meters* tad-dawl, l-użu tal-*power lines* biex twassal *data* u ntegrazzjoni sħiħa fuq sistemi ta' *Enterprise Resource Planning, Customer Relationship Management* flimkien mas-sistemi tal-ħruġ u l-immaniġġjar tal-kontijiet.

### *Għeluq ta' Kumpaniji*

Bħala parti mill-pjan tal-gvern li jkompli jiċkien u jibqa' biss imdaħħal f'dak li hu strettament marbut mal-iggvernar tal-pajjiż, il-gvern illikkwida kumpaniji parastatali li l-għan oriġinali tagħhom kien skadut. B'hekk matul is-sena l-oħra waqfu joperaw kemm il-*Medigrain Ltd*. kif ukoll il-*Malta Export Credit Insurance Ltd*.

### *L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu*

Tħejja rapport mid-ditta ta' konsulenti u awdituri *Deloitte & Touche* dwar ir-ristrutturar li jrid isir fl-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. It-turiżmu jibqa' settur ewlieni tal-pajjiż u għandu potenzjal qawwi li jikber. L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu hi waħda mill-istituzzjonijiet pubbliċi mportanti għal pajjiżna u, għalhekk, inħass li jkun effiċjenti li jsirilha eżami ntern.

Hu mportanti li l-Awtorità tiffoka aktar fuq id-dimensjoni tas-suq u tkun organiżżata b'mod li tirrispondi filwaqt għal xejriet u opportunitajiet ġodda. Is-settur turistiku għandu l-potenzjal li jikber kemm-il darba nikkordinaw u nsaħħu l-isforzi tagħna.

L-intenzjoni tal-gvern hi li l-abbozz ta' dan ir-rapport ikun ippubblikat u ssir konsultazzjoni wiesa' dwaru mal-Oppożizzjoni biex wara ngħaddu għall-fażi ta' implimentazzjoni.

**IL-PRIVATIŻŻAZZJONI**

Is-sena li ġejja, l-gvern bi ħsiebu jkompli bil-politika tiegħu li jgħaddi f'idejn is-settur privat dawk l-oqsma li huma kummerċjali jew li m'humiex strateġiċi, jew anki jekk huma, is-settur privat jaf jamministrahom b'mod aktar effikaċi u rħis.

It-terminu privatiżżazzjoni qed napplikawh bl-aktar mod wiesa'. Il-gvern drabi jbiegħ l-ishma kollha f'xi entità bħal ma sar fil-każ tal-*Mid Med Bank*, u drabi oħra jbiegħ parti biss mill-ishma bħal fil-każ tal-*Maltapost*. Jista' jkun ukoll li l-gvern jidħol f'allejanzi strateġiċi kif sar fil-każ tal-*Microsoft* u *Hewlett Packard*, jew li jikri faċilitajiet bħal ma għamel fil-*Malta Freeport* jew inkella li juża' strumenti oħra bħal ma hu l-*public private partnership* kif għamel fil-każ ta' *landscaping*.

Wara tliet snin ta' negozjati, matul din is-sena l-gvern għalaq b'suċċess in-negozjati għall-privatiżżazzjoni tal-*Malta Freeport*. Il-faċilitajiet fil-*Malta Freeport* inkrew lil waħda mill-akbar kumpaniji tal-vapuri fid-dinja – il-franċiża CMA-CGM – li magħha ġabet wieħed mill-akbar operaturi mondjali – il-P&O – għall-prezz kumplessiv ta' US$ 421 miljun mifruxa fuq 30 sena. Barra dan, l-operaturi l-ġodda ntrabtu li jinvestu f'tagħmir ġdid bil-għan li jkabbru l-operazzjonijiet tat-trasbord fil-*Freeport* minn 1.3 miljun *container* fis-sena għal 2.3 miljun *container* fis-sena. Dan iġib miegħu ħolqien ta' aktar impjiegi u tkabbir fl-ekonomija tagħna.

Bħalissa, il-*Privatisation Unit* qed taħdem fuq żewġ proċessi ta' privatiżżazzjoni ewlenin li huma l-*Maltacom* u l-*Bank of Valletta*.

Rigward il-*Maltacom*, il-ħsieb tal-gvern hu li jinbiegħu l-ishma tiegħu kollha lil sieħeb strateġiku. Qed tkun addottata din l-istrateġija għaliex l-industrija tat-telekomunikazzjoni riesqa sew lejn konsolidament globali waqt li l-espansjoni fil-ġejjieni tal-*Maltacom* hi msejsa fuq investiment qawwi għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda li jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis gradwali li qed iseħħ fil-provvediment tat-telefonija fissa. Mhux l-għan tal-gvern li jbiegħ l-ishma tiegħu lil kwalunkwe investitur li forsi wkoll ma jkunx espert fil-qasam tat-telekommunikazzjoni. Il-gvern irid li jkollu miegħu sieħeb strateġiku f'dan il-qasam li jinvesti f'Malta u fil-Maltin.

Dan jgħodd ukoll għall-*Bank of Valletta* li dwaru, kif jaf kulħadd, intlaħaq ftehim ma' l-azzjonista ewlieni l-ieħor, il-*Banco di Sicilia*, biex flimkien inbiegħu l-ishma tagħna.

L-ewwel prijorità tal-gvern hi li fis-sieħeb strateġiku li jsib għax-xiri ta' dawn l-ishma joħloq impenn għal aktar tkabbir tal-bank li hu tant meħtieġ għall-ekonomija ta' pajjiżna.

Hu ttamat li dawn iż-żewġ proċessi jingħalqu s-sena d-dieħla sakemm l-offerti li jkollu l-gvern quddiemu jkunu offerti xierqa biex wieħed jinnegozja fuqhom.

Il-gvern qed ifittex li jipprivatiżża ukoll il-kumpanija *Sea Malta Co. Ltd.* Il-*Privatisation Unit* qiegħda bħalissa f'negozjati ma' żewġ xerrejja prospettivi li se jkollhom iġorru l-obbligi tal-kuntratt tal-*Public Service Obligation* li l-gvern għamel mal-kumpanija u jiżguraw it-tħaddim tar-rotta bil-baħar bejn Malta u n-naħa t'isfel tal-Italja.

Din is-sena wkoll, il-gvern għalaq b'suċċess in-negozjati dwar il-Forti *Chambray* f'Għawdex. Hawn, il-gvern biegħ l-ishma kollha tiegħu fil-

kumanija *Fort Chambray Ltd* għall-prezz ta' Lm1.2 miljuni waqt li nnegozja mill-ġdid il-kuntratt ta' ċens ma' investituri Għawdxin ġodda.

Il-gvern se jeżamina wkoll il-pożizzjoni tiegħu fil-*Kordin Grain Terminal,* fil-*Maltapost* u fil-*Libyan Arab Maltese Holding Co. Ltd*.

Dan hu programm vast u ambizzjuż iżda aħna determinati li naslu. Dan il-programm ta' privatiżżazzjoni mhux se jkun mifrux fuq is-sena d-dieħla biss iżda se jkun qed jitwettaq matul iż-żmien.

# STATEMENTS

*STATEMENT* A

**DĦUL 2004 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT<br>Lm | ESTIMU RIVEDUT<br>Lm | BIDLA +<br>Lm | BIDLA -<br>Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | |
| Diretti - Taxxa tad-Dħul | 213,800,000 | 209,870,000 | - | 3,930,000 | Dħul anqas minħabba li żdiedu r-*refunds* u kien hemm anqas dħul milli kien previst mill-*final withholding tax* . |
| Sigurta' Soċjali | 194,600,000 | 194,000,000 | - | 600,000 | Nuqqas marġinali meta mqabbel ma' l-estimu oriġinali; terz mill-ammont jirrapreżenta kontribuzzjoni mill-Istat. |
| Indiretti - Dwana u Sisa | 69,240,000 | 65,340,000 | - | 3,900,000 | Hu mistenni li jkun hemm anqas dħul milli kien previst mid-dazji ta' importazzjoni minħabba d-dħul fis-seħħ taċ-CET wara l-1 ta' Mejju 2004, u minħabba importazzjoni aktar minn pajjiżi fl-Unjoni Ewropeja. |
| Liċenzji, Taxxi u Multi | 108,402,000 | 102,260,000 | - | 6,142,000 | Dħul anqas milli kien previst mit-taxxa fuq il-logħob u mit-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-karozzi. |
| Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 140,500,000 | 140,500,000 | - | - | |
| | **726,542,000** | **711,970,000** | **-** | **14,572,000** | |

*STATEMENT* A

**DĦUL 2004 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 9,035,000 | 6,458,000 | - | 2,577,000 | Id-dħul mistenni mill-eko-kontribuzzjoni ma ntlaħaqx peress li l-liġi daħlet fis-seħħ tard matul is-sena. |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 7,916,000 | 8,184,000 | 268,000 | - | |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 3,233,000 | 2,483,000 | - | 750,000 | Mhux mistennija kontribuzzjoni mill-Enemalta sa l-aħħar tas-sena. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 17,000,000 | 18,233,000 | 1,233,000 | - | Il-profitti attwali għas-sena 2003 li ġew mgħoddija lill-Gvern. |
| Kera | 10,015,000 | 12,845,000 | 2,830,000 | - | Żieda minħabba ħlas ta' arretrati ta' kera mill-MATS. |
| Profitti minn Investimenti | 4,130,000 | 5,500,000 | 1,370,000 | - | Hija mistennija żieda minn *dividends* f'investimenti mill-Gvern. |
| Ħlas lura u nteressi fuq self mogħti mill-Gvern | 423,000 | 423,000 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 51,195,000 | 37,411,000 | - | 13,784,000 | L-implimentazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-Protokoll Finanzjarju ma' l-Italja u mill-Unjoni Ewropeja se jitkompla fl-2005. |
| Dħul mixxellanju | 13,511,000 | 20,686,000 | 7,175,000 | - | Żieda minn dħul mixxellanju. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **116,458,000** | **112,223,000** | **-** | **4,235,000** | |
| **TOTALI TA' DĦUL RIKORRENTI** | **843,000,000** | **824,193,000** | **-** | **18,807,000** | |

*STATEMENT* A

**DĦUL 2004 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT<br>Lm | ESTIMU RIVEDUT<br>Lm | BIDLA +<br>Lm | BIDLA -<br>Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 35,000,000 | 0 | - | 35,000,000 | Il-proċess tal-programm ta' privatizzazzjoni tal-Gvern ikompli fl-2005. |
| *Sinking Funds* ta' self lokali kkonvertit | 9,000,000 | 9,000,000 | - | - | |
| Self Lokali | 0 | 100,000,000 | 100,000,000 | - | Self lokali biex jiffinanzja d-*defiċit* tal-Fond Konsolidat. |
| Self Barrani | 12,500,000 | 0 | - | 12,500,000 | Din il-faċilita` ma ntużatx matul l-2004. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **56,500,000** | **109,000,000** | **52,500,000** | **-** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **899,500,000** | **933,193,000** | **33,693,000** | **-** | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Uffiċċju tal-President | 684,000 | 732,000 | 48,000 | - | |
| 2 | Kamra tad-Deputati | 1,088,000 | 1,096,000 | 8,000 | - | |
| 3 | Uffiċċju ta' l-Ombudsman | 170,000 | 170,000 | - | - | |
| 4 | Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 875,000 | 825,000 | - | 50,000 | Il-Kontribuzzjoni kienet anqas milli kienet mistennija. |
| 5 | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 5,650,000 | 5,361,000 | - | 289,000 | Nefqa akbar milli prevista fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u ta' l-Operat u Manutenzjoni, li pattiet ftit għaliha nefqa anqas fil-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| 6 | Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku | 148,000 | 146,000 | - | 2,000 | |
| 7 | Forzi Armati ta' Malta | 13,100,000 | 12,966,000 | - | 134,000 | Hu maħsub li n-nefqa fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni tkun akbar mill-istima oriġinali minħabba l-G*lobal Marine Distress and Safety System* . Iżda l-ammont ipprovdut fil-kategorija tal-Pagi u Salarji mhux se jkun meħtieġ kollu. |
| 8 | Informazzjoni | 614,000 | 597,000 | - | 17,000 | |
| 9 | Stamperija tal-Gvern | 593,000 | 596,000 | 3,000 | - | |
| 10 | Uffiċċju Elettorali | 1,518,000 | 1,716,000 | 198,000 | - | L-infiq fil-programm *Electoral Commission Activities* kien aktar mill-istima oriġinali. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Ministeru għall-Politika Soċjali | 5,273,000 | 5,467,000 | 194,000 | - | Nefqa akbar minn dik maħsuba primarjament fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern għall-operat tagħhom. |
| 12 | Sigurta' Soċjali | 67,340,000 | 67,115,000 | - | 225,000 | L-ammont ipprovdut għall-Kontribuzzjoni ta' l-Istat tas-Sigurta' Soċjali mhux se jkun meħtieġ kollu. |
| 13 | Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 206,500,000 | 206,500,000 | - | - | |
| 14 | Dipartiment ta' l-Assistenza Soċjali u tal-Familja | 676,000 | 720,000 | 44,000 | - | |
| 15 | Kura ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunita' | 13,580,000 | 13,642,000 | 62,000 | - | Nefqa akbar fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni, l-aktar fil-*Materials and Supplies*, *Transport* u *Contractual Services,* ittaffiet ftit b'infiq anqas fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 16 | Djar | 1,250,000 | 1,232,000 | - | 18,000 | |
| 17 | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjiegi | 608,000 | 591,000 | - | 17,000 | |
| 18 | Ministeru ta' l-Edukazzjoni | 37,405,000 | 39,047,000 | 1,642,000 | - | In-nefqa fil-kategoriji tal-Programmi u Inizzjattivi u Kontribuzzjoijiet lill-Entitajiet Pubbliċi kient aktar minn dik mistennija oriġinarjament. |
| 19 | Edukazzjoni | 49,718,000 | 50,027,000 | 309,000 | - | In-nefqa fil-kategorija tal-Pagi u Salarji kienet akbar mill-estimu oriġinali. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Librerija u Arkivji | 700,000 | 682,000 | - | 18,000 | |
| 21 | Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi | 27,634,000 | 24,500,000 | - | 3,134,000 | Nefqa akbar minn dik stmata oriġinarjament fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni ttaffiet b'infiq anqas milli kien maħsub fil-kategoriji l-oħra. |
| 22 | Teżor | 8,147,000 | 8,408,000 | 261,000 | - | L-ispiża taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienet akbar minn dik maħsuba oriġinarjament. |
| 23 | Pensjonijiet | 30,762,000 | 28,801,000 | - | 1,961,000 | It-tnaqqis fl-ispiża jirrifletti d-differenza fin-numru ta' persuni li rtiraw, li kien anqas minn dak mistenni. |
| 24 | Taxxi Interni | 5,887,000 | 5,303,000 | - | 584,000 | Nefqa anqas minn dik prevista fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 25 | Dwana | 5,886,000 | 5,527,000 | - | 359,000 | Nefqa anqas fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi, partikolarment fl-*EU Pre-Accession Programmes*. |
| 26 | V.A.T. | 3,246,000 | 3,319,000 | 73,000 | - | In-nefqa f'diversi kategoriji kienet akbar minn dik stmata oriġinarjament iżda ttaffiet ftit b'nefqa anqas fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| 27 | Kuntratti | 362,000 | 380,000 | 18,000 | - | |
| 28 | Politika Ekonomika | 573,000 | 651,000 | 78,000 | - | In-nefqa fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern kienet akbar minn dik prevista. |
| 29 | Kummerċ | 8,581,000 | 7,077,000 | - | 1,504,000 | Il-ħtieġa akbar ta' sussidju mill-Gvern għall-importazzjoni tal-qmuħ ittaffiet bi spiża anqas fl-istess kategorija. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Konsumatur u Kompetizzjoni | 471,000 | 486,000 | 15,000 | - | |
| 31 | Ministeru għat-Turiżmu | 2,530,000 | 2,487,000 | - | 43,000 | |
| 32 | Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni | 6,398,000 | 7,532,000 | 1,134,000 | - | Nefqa akbar minn dik mistennija fil-*Guaranteed Earnings Agreement with the Public Transport Association* u fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni ttaffiet ftit b'nefqa anqas mill-istima oriġinali fl-*EU Pre-Accession Programmes*. |
| 33 | Avjazzjoni Ċivili | 561,000 | 561,000 | - | - | |
| 34 | Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 2,662,000 | 2,848,000 | 186,000 | - | Nefqa akbar fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 35 | Servizz Ġudizzjarju | 3,683,000 | 3,694,000 | 11,000 | - | |
| 36 | Kunsilli Lokali | 11,097,000 | 10,543,000 | - | 554,000 | In-nefqa fil-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi hi maħsuba li tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 37 | Pulizija | 16,167,000 | 16,397,000 | 230,000 | - | Spiża aktar minn dik prevista oriġinarjament fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni, primarjament fil-*Utilities*, *Transport* u *Contractual Services*, ittaffiet ftit b'nefqa anqas minn dik stmata fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 38 | Servizzi Korrettivi | 2,386,000 | 2,528,000 | 142,000 | - | Nefqa akbar minn dik prevista fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |

## *STATEMENT B*

### NEFQA RIKORRENTI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT

| VOT | | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Protezzjoni Ċivili | 1,377,000 | 1,410,000 | 33,000 | - | |
| 40 | Taqsima Propjeta' tal-Gvern | 1,395,000 | 1,416,000 | 21,000 | - | |
| 41 | Reġistrazzjoni | 814,000 | 918,000 | 104,000 | - | In-nefqa fil-kategoriji tal-Pagi u Salarji u ta' l-Operat u Manutenzjoni kienet akbar mill-estimu orġinali. |
| 42 | Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura | 20,329,000 | 21,414,000 | 1,085,000 | - | Spiża akbar minn dik prevista fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 43 | Ministeru għal Għawdex | 20,162,000 | 20,230,000 | 68,000 | - | Spiża akbar minn dik maħsuba fil-kategoriji ta' l-Operat u Manutenzjoni u tal-Programmi u Inizjattivi ttaffiet ftit b'infiq anqas fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 44 | Ministeru tas-Saħħa | 71,931,000 | 76,621,000 | 4,690,000 | - | Nefqa akbar fil-kategorija tal-Pagi u Salarji u fix-xiri ta' mediċini taħt il-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni ttaffiet ftit b'nefqa anqas minn dik prevista fil-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| 45 | Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informatika u Investiment | 41,198,000 | 41,626,000 | 428,000 | - | Nefqa akbar mill-estimu oriġinali fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern ittaffiet ftit bi spiża anqas fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 46 | Ministeru għall-Affarijiet Barranin | 10,054,000 | 9,767,000 | - | 287,000 | Hu maħsub li n-nefqa fil-kategorija ta' l-Operat u Manutenzjoni tkun akbar milli kienet stmata oriġinarjament, iżda mhux maħsub li l-ammonti pprovduti taħt il-kategoriji tal-Pagi u Salarji u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern jintefqu kollha. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | **VOT** | **ESTIMU APPROVAT Lm** | **ESTIMU RIVEDUT Lm** | **BIDLA + Lm** | **BIDLA - Lm** | **RIMARKI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent | 22,612,000 | 20,487,000 | - | 2,125,000 | L-ispiża taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (primarjament fl-*EU Pre-Accession Programmes* ) u tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern kienet anqas mill-estimu oriġinali, waqt li l-ispejjeż ta' l-Operat u Manutenzjoni kienu akbar minn dawk previsti. |
| 48 | Ministeru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura | 4,842,000 | 4,659,000 | - | 183,000 | Nefqa akbar f'diversi kategoriji ttaffiet ftit bi spiża anqas fil-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern. |
| | **NEFQA RIKORRENTI TOTALI** | **739,237,000** | **738,818,000** | | 419,000 | |
| 49 | Ħlasijiet fuq Self | 85,680,000 | 123,494,000 | 37,814,000 | - | In-nefqa fuq ħlas lura ta' self tat-Tarznari (li minflokhom inħarġu *Stocks* tal-Gvern) u fuq ħruġ ta' *Stocks* ġodda tal-Gvern ittaffiet ftit bi spiża anqas milli kienet maħsuba oriġinarjament għat-*Treasury Bills* . |
| | **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **824,917,000** | **862,312,000** | **37,395,000** | | |

*STATEMENT Ċ*

**NEFQA KAPITALI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 6,486,000 | 6,442,000 | - | 44,000 | |
| II | Ministeru għall-Politika Soċjali | 3,277,000 | 3,041,000 | - | 236,000 | Sa l-aħħar tas-sena mhux se jilħqu jintużaw kollha l-fondi għar-Residenza ta' San Vinċenz de Paule u fuq is-sussidji ta' imgħax ta' self għax-xiri ta' djar. Spiża aktar fi proġetti ta' l-Informatika. |
| III | Ministeru ta' l-Edukazzjoni | 7,393,000 | 5,568,000 | - | 1,825,000 | L-infiq taħt dan il-vot mistenni jkun anqas fuq programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea (UE) u fuq proġetti ta' l-MCAST, tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u l-Edukazzjoni. |
| IV | Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi | 5,985,000 | 5,857,000 | - | 128,000 | Spiża inqas fir-rigward ta' proġetti ffinanzjati mill-UE. Aktar infiq fuq l-istima oriġinali għall-Informatika. |
| V | Ministeru għat-Turizmu | 9,614,000 | 9,084,000 | - | 530,000 | L-allokazzjonijiet ipprovduti oriġinarjament mhux mistennija li jintużaw kollha sa l-aħħar tas-sena. |
| VI | Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjonijiet | 17,630,000 | 10,059,000 | - | 7,571,000 | Għal din is-sena, l-infiq taħt dan il-vot mistenni jkun anqas fuq programmi ffinanzjati mill-UE u fuq proġetti ta' Toroq kemm dawk li huma ffinanzjati taħt il-Protokoll Taljan u kif ukoll minn fondi lokali u s-sussidji għax-xiri ta' karozzi tal-linjaġodda. |
| VII | Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 3,086,000 | 5,313,000 | 2,227,000 | - | Aktar infiq seħħ minħabba ħlasijiet fuq kuntratti għall-artijiet akkwistati mill-Gvern. |
| VIII | Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura | 5,711,000 | 4,175,000 | - | 1,536,000 | Nefqa anqas hija dovuta għall-proġetti ffinanzjati mill-UE, liema nfiq se jsir is-sena d-dieħla. Infiq kapitali anqas se jseħħ ukoll fuq l-proġett ta' l-Iskart. |

*STATEMENT Ċ*

**NEFQA KAPITALI 2004: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT Lm | ESTIMU RIVEDUT Lm | BIDLA + Lm | BIDLA - Lm | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IX | Ministeru għal Għawdex | 3,618,000 | 1,993,000 | - | 1,625,000 | Se jkun hemm nefqa anqas minn dik ipprovduta fuq il-kuntratt ta' l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ. Hemm ukoll infiq anqas fuq proġetti ffinanzjati mill-UE, liema infiq ikompli jsir mis-sena d-dieħla. |
| X | Ministeru tas-Saħħa | 44,267,000 | 29,483,000 | - | 14,784,000 | Nefqa anqas ġiet reġistrata fil-bini ta' l-Isptar il-ġdid u fil-proġett iffinanzjat taħt il-Ħames Protokol Taljan. |
| XI | Ministeru għat-Teknologija ta' l-Informatika u Investiment | 13,417,000 | 15,255,000 | 1,838,000 | - | Se jkun hemm aktar infiq konness ma' investimenti tal-Gvern. Madankollu, infiq anqas se jseħħ fuq l-impjant tad-drenaġġ fit-tramuntana ta' Malta, liema nfiq isir minnflok mis-sena d-dieħla. |
| XII | Ministeru għall-Affarijiet Barranin | 400,000 | 8,440,000 | 8,040,000 | - | Nefqa aktar taħt dan il-Vot seħħet minħabba x-xiri ta' propjeta fi Tripli u Brussell. |
| XIII | Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent | 4,401,000 | 3,718,000 | - | 683,000 | Infiq anqas fil-proġetti ffinanzjati mill-UE u taħt il-Ħames Protokoll Taljan. |
| XIV | Ministeru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura | 1,371,000 | 1,147,000 | - | 224,000 | Nefqa anqas hija dovuta l-aktar minħabba li l-infiq li kien maħsub għall-proġetti ffinanzjati mill-UE, liema nfiq isir minnflok mis-sena d-dieħla. |
| | **NEFQA KAPITALI TOTALI** | **126,656,000** | **109,575,000** | **-** | **17,081,000** | |